**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 188**
**It-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 188**
**It-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 188**

**It-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

## WERREJ

MINUTI ........ 307

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........ 307

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 307

TQEGĦID TA' KARTI ........ 313

KUMITATI PERMANENTI ........ 314

PERMESS TAL KAMRA ........ 314

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI (L-Ewwel Qari) ........ 314

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ (It-Tieni Qari)
VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL (Second Reading) ........ 315

AĠĠORNAMENT ........ 341

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 344

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 187, li saret fis-6 ta' Diċembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja fil-Parliamentary Intelligence Security Forum li nżamm ġewwa Washington DC fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2023; u

Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *IT Audit: A Follow-Up on the 2020 IT Audit - ICT Across Local Councils*, datat Diċembru 2023.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### PROPRJETÀ MGĦODDIJA MILL-KNISJA LILL-ISTAT

**12018. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11201, li oriġinarjament saret lill-Prim Ministru, u jgħid meta bdew in-negozjati bejn il-Gvern u s-Santa Sede dwar ftehim ġdid li jirregola l-proprjetà immobbli li l-Knisja Kattolika għaddiet lill-Istat Malti fl-1991? Jista' jgħid ukoll fiex waslu dawn in-negozjati?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Minn mistoqsijiet parlamentari li saru, b'mod partikolari fl-aħħar sena, qed ninnota li l-Awtorità tad-Djar kompliet tinstalla aktar liftijiet fil-blokok ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali. Din hija xi ħaġa li l-kostitwenti jitkellmu ħafna magħna dwarha, speċjalment dawk anzjani jew li għandhom xi diżabilità fiżika. Naħseb li huwa importanti li naraw li b'mod speċjali min jgħix fis-swali ta' fuq, ikollu aċċess għal-lift biex ma jkollux xkiel biex ikun jista' jibqa' għaddej bil-ħajja ta' kuljum. Jista' l-Ministru jispjega aktar fid-dettall x'inhu l-proċess biex f'binja li tkun ilha mibnija jiġi installat lift?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, l-Awtorità tad-Djar tamministra madwar 1,200 blokka ta' appartamenti, li l-parti l-kbira tagħhom sa ftit tas-snin ilu ma kinux aċċessibbli għax kienu nbnew fi żmien meta l-installazzjoni ta' lift kienet meqjusa bħala lussu u ma kenitx parti kruċjali mill-iżvilupp. Fil-fatt, ħafna mill-binjiet inbnew fis-snin ħamsin, fis-snin sittin, fis-snin sebgħin, fis-snin tmenin kif ukoll fis-snin disgħin u allura ħafna minnhom ma fihomx lift.

Sal-aħħar ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar se tkun qed tinstalla rekord ta' 50 lift. Din se tkun l-aktar sena li fiha sar xogħol fuq l-installazzjoni

ta' lifts f'dawn il-blokok ta' appartamenti. Dan ma jfissirx li llum il-ġurnata solvejna l-problemi kollha, għax għad fadlilna mijiet ta' blokok li sal-lum għadhom mhumiex aċċessibbli. Għad fadlilna wkoll mijiet ta' blokok oħrajn li qatt ma jistgħu jsiru aċċessibbli għax fiżikament l-istruttura ma tippermettix li jiġi installat lift. Għaldaqstant qegħdin nilqgħu biex nippreparaw għall-fenomenu, biex ngħid hekk, li se jkollu pajjiżna 'l quddiem ta' ageing population. Jekk ma nżidux l-ispiża u l-investiment fl-installazzjoni tal-lifts, l-akkomodazzjoni soċjali se tkun nieqsa mill-aċċessibbiltà neċessarja.

Din is-sena kellna rekord bla preċedent ta' installazzjoni ta' 50 lift u minkejja l-problemi relatati mat-tenders li joħroġ il-Gvern għal dan l-akkwist, xorta rnexxielna nilħqu dan it-tragward, imma ma waqafniex hemmhekk. Bħalissa qed jitħejja wkoll framework agreement li jagħtina aktar flessibbiltà ħalli jkollna diversi kuntratturi, partikolarment tal-liftijiet, biex jekk jonqoslok xi wieħed, ma toqgħodx kull darba twaqqa' t-tender u jkollok tistenna diversi xhur biex jerġa' jiġi appuntat kuntrattur u jitlesta x-xogħol, imma taqa' fuq min ikun imissu jew tassenja x-xogħol lill-kuntrattur li jkun qiegħed f'dan il-framework agreement, dejjem bi spiża u b'bill of quantities (BOQs) li jkunu maqbul.

B'hekk ikollna l-flessibbiltà li jekk tinqala' xi ħsara jew insibu x'intopp waqt ix-xogħlijiet, inkunu nistgħu mmorru fuq kuntratturi differenti. L-Awtorità tad-Djar diġà bdiet it-tħejjija ta' dan il-framework agreement li huwa tender apposta mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex inkunu nistgħu nħaffu l-pass relatat ma' dan ix-xogħol, partikolarment fis-sena 2024 biex nilqgħu għall-eżiġenzi ta' pajjiżna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Jista' l-Ministru jispjegalna x'se jkun ir-rwol tal-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli u kif se tkun qed taħdem fis-settur tal-akkomodazzjoni?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli twaqqfet fis-sena 2022 bl-iskop li taħdem b'sinerġija mal-Knisja fuq proġetti soċjali u proġetti favur akkomodazzjoni affordabbli. Din hija xi ħaġa unika għal pajjiżna, imma hija mnebbħa mill-fatt li hemm diversi pajjiżi madwar l-Ewropa li esploraw possibbiltajiet simili. U jekk hemm partner strateġiku li huwa soċjali u li huwa wkoll sid l-art u li jista' jagħti l-esperjenza li għandu fit-tmexxija tad-djar għall-anzjani, m'hemmx dubju li hija l-Knisja Maltija. Allura bi qbil mal-Arċidjoċesi ta' Malta rnexxielna nwaqqfu din il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli, li hija indipendenti mill-Gvern, għalkemm hi mmexxija minn Chairman li jalterna kull sentejn. Jiġifieri bħalissa din l-Awtorità hi mmexxija minn Chairman rappreżentant tal-Gvern, imbagħad kif isir f'fondazzjonijiet oħrajn, fosthom fil-Kon-Katidral, kull sentejn jalternaw bejn il-Knisja u l-Gvern.

Ninsab informat li fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin inniedu mhux biss proġetti ġodda flimkien ma' din il-Fondazzjoni, imma wkoll inizjattivi favur l-akkomodazzjoni affordabbli fost dawk in-nies li qegħdin jaċċessaw loans mill-bank biex jipprovaw jixtru l-ewwel dar tagħhom biex b'hekk inkomplu nsaħħu l-affordabbiltà ta' pajjiżna. Din il-Fondazzjoni mhux biss se jkollha sisien sodi għal quddiem, imma għandha ħafna xogħol x'tagħmel. Ċertament li fondazzjoni b'ambitu soċjali bħal dan tħalli l-effett mixtieq tagħha fost dawk in-nies l-aktar vulnerabbli jew li qegħdin f'sitwazzjoni fejn ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-proprjetà.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Ian Vassallo, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. IAN VASSALLO:** Xhur ilu staqsejt dwar il-problema ta' strutturi perikolużi fil-garaxxijiet tal-parkeġġ taħt il-Binja Qlejgħa fl-Imtarfa wara li fl-2021 kien intlaħaq qbil bejn Infrastructure Malta, l-Awtorità tad-Djar u l-kunsill lokali. Madanakollu minn April sa issa ma smajna xejn u allura jista' l-Ministru jgħidilna x'sar f'dan ir-rigward?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, tajjeb infakkar lill-Onor. Interpellant li l-binja li qed jirreferi għaliha llum hija privata. Dawn il-binjiet inbnew fi żmien Gvern Nazzjonalista bl-iskop li l-appartamenti jinbiegħu lir-residenti, allura l-Gvern inħall minn kull kuntratt u obbligu li jibqa' jmantni dik il-binja partikolari.

Hemmhekk hemm ukoll garaxxijiet taħt l-art li jien informat li minħabba l-influss ta' ilma fuq il-parti fejn hemm il-landscaping jew fejn hemm il-biċċa tat-tarmak, kienet qed issir xi ħsara fil-partijiet komuni. Mingħajr interessi min-naħa tal-Gvern, Infrastructure Malta daħlet biex tgħin f'dan il-proċess, però l-Awtorità tad-Djar ma tistax tibqa' tinżamm responsabbli ladarba fuq il-kuntratt kien hemm li min kien qed jixtri l-proprjetà kien qed jixtriha *tale quale.*

B'hekk, l-Awtorità llum m'għadx għandha l-obbligu li tibqa' tmantni dawn l-appartamenti. Jien dejjem ħadt dik il-pożizzjoni, kemm fuq il-każ ta' Binja Buqana kif ukoll fuq postijiet oħrajn minħabba li fl-1995 kien hemm sitwazzjoni b'konkos inferjuri, bħalma kien hemm fl-Isptar Mater Dei.

Saru wkoll xi investigazzjonijiet imma minħabba li għadda ż-żmien, il-Gvern ma setax jieħu passi kontra l-kuntratturi u l-uffiċjali involuti. Allura bdejna nsolvu dawn il-problemi. Ma jfissirx li l-Gvern għandu xi dmir li joqgħod joħroġ il-flus fuq proprjetà privata, għax meta ngħidu l-Gvern qed nitkellmu fuq il-poplu Malti. Kieku tkun proprjetà tal-Istat nifhimha, imma dawn huma proprjetajiet li llum jiswew €400,000 u €500,000 għax kollha bil-veduti u għandhom ċertu valur. Għalhekk, ir-residenti għandhom l-obbligu li jmantnu dik il-binja.

Kont dejjem ċar li minħabba li meta sar ix-xogħol ta' Binja Buqana kien hemm periklu imminenti u ħadd ma ried jidħol responsabbli, il-Gvern ta l-għajnuna biex din il-binja tissewwa darba, bħala spiża ta' darba u ma jkun hemm ebda obbligi oħrajn. Fil-każ ta' Binja Qlejgħa hemm problema ta' nuqqas ta' manutenzjoni, li hija totalment differenti mis-sitwazzjoni l-oħra. Għaldaqstant anke hawn assistejna kemm stajna taħt skemi tal-Awtorità tad-Djar, xejn aktar u xejn inqas, imma n-nies li xtraw binja mill-Awtorità tad-Djar għexieren ta' snin ilu ma jistgħux jippretendu li jibqgħu jiġu jgħidulna biex insewwulhom, meta din suppost hija proprjetà privata.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Omar Farrugia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Fil-jiem li għaddew tressqu numru ta' emendi legali biex jissaħħaħ is-settur tal-kera. Jista' l-Ministru jispjegalna x'inhuma eżatt dawn l-emendi u x'inhu l-proċess biex tkompli ssir diskussjoni dwar dan kollu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, illum se nipproponi l-Ewwel Qari ta' abbozz ta' liġi biex jemenda l-liġi tal-kera. Kif diġà ħabbarna, dawn l-emendi huma intiżi biex il-liġijiet tal-kera jiġu konformi mal-liġijiet tal-ippjanar ta' pajjiżna.

Kif nafu, l-aktar liġijiet tal-ippjanar riċenti f'pajjiżna saru fl-1994 u kienu jistipulaw l-użu residenzjali tal-appartamenti u l-ammont ta' persuni li jistgħu jirrisjedu fihom. L-iskop kien biex ma jkunx hemm iffullar fl-appartamenti residenzjali u fid-djar residenzjali. Dak iż-żmien kienu ddaħħlu d-Development Planning (Use Classes) Orders li kienu jispeċifikaw li kull residenza m'għandhiex ikollha iżjed minn sitt persuni jirrisjedu fiha, jekk dawn ma jkunux tal-istess familja. Jekk tkun familja estiża li tkun ikbar min-normal, jistgħu jibqgħu jgħixu f'dik ir-residenza.

Il-liġi li se nippreżenta llum se tkun intiża biex tikkonforma mar-regoli li diġà jeżistu f'pajjiżna. Aħna nifhmu li bejn 20 sena u 30 sena ilu l-kirjiet f'pajjiżna kienu dawk li kienu għax ma kienx hawn settur tal-kera jew suq liberalizzat bħalma hu llum. Illum għandna 55,000 kirja reġistrata fil-pajjiż li l-parti assoluta tagħhom huma regolari u m'hemm l-ebda problema bil-kirjiet reġistrati f'pajjiżna. Però kien qed jinbet fenomenu ta' numru żgħir ta' nies li kienu qegħdin jaħsbu li f'appartament b'kamra tas-sodda waħda jistgħu jdaħħlu sitta jew seba' persuni, jew inkella f'appartament bi tliet kmamar tas-sodda jdaħħlu 20 jew 30 persuna.

Hemmhekk inkunu qed inħallu spekulazzjoni u abbuż li jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u jgħolli l-prezz tal-kera, għax jekk appartament kien iġib miżerjament €900 u inti qed iddaħħal €3,000 fix-xahar, tkun xi ħaġa surreali anke mas-suq. Dan ifisser li apparti l-abbuż, inkunu qegħdin ngħollu artifiċjalment il-prezzijiet tal-kera fil-pajjiż, u dak mhuwiex aċċettabbli għalina. Il-Prim Ministru kien ċar meta qal li għadda ż-żmien għal min kien qed jabbuża kontra l-liġijiet tal-ippjanar f'pajjiżna u se nkunu voċiferi biex lil min qed jabbuża ma nħalluhx ikompli għaddej. Aħna m'għandna xejn kontra min qed jikri b'mod regolari u mhu qed jikser l-ebda regola fil-pajjiż, anzi llum għandna

55,000 kirja reġistrata li juru li din il-liġi qiegħda taħdem. Apparti minn hekk, illum għandna data imprezzabbli tal-kirjiet kollha li ġew reġistrati f'pajjiżna, inkluż it-taxxi li jitħallsu u kull ħaġa li ssir f'dak li għandu x'jaqsam mal-inventarji li hemm fl-appartamenti nfushom.

Fost l-emendi li qed nipproponu hemm bidla massiva oħra. Minħabba l-fenomenu tan-nies ġejjin u sejrin, jekk wieħed ikun irid ibiddel l-inkwilin, qed nagħtu l-fakultà li minflok ma jintemm il-kuntratt, b'sempliċiment formola jkun jista' jbiddel l-inkwilin u b'hekk ikun jista' jikri lil ammont ta' persuni.

Introduċejna wkoll il-blacklisting li hu intiż biex ma jħallix lil min ikompli jabbuża billi jmur minn post għal ieħor għad-detriment tas-sidien jew tal-inkwilini. Jiġifieri jekk għandek tribunal li diġà qata' każ favur l-inkwilin jew favur is-sid u dan ma jaderixxix ma' dik l-ordni tat-tribunal, għandna dritt nitfgħuh fuq il-blacklist biex jekk xi sid jew inkwilin ikun irid jagħmel riċerka fuq l-inkwilin li se jikrilu l-appartament, ikun jista' jsib jekk dan qattx kellu problema ma' sidien oħrajn. Din il-fakultà diġà tintuża barra minn Malta u aħna se nintroduċuha għall-ewwel darba permezz ta' dawn l-emendi. Bejn wieħed u ieħor, dawk huma l-emendi li qegħdin nipproponu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, filwaqt li naqbel fil-prinċipju ma' dak li għadu kemm qal il-Ministru, u naħseb li huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, nixtieq nagħmel mistoqsija bħala kjarifika.

Meta jinkera appartament bi tliet kmamar tas-sodda, il-probabbiltà hi li se jkun hemm sitt persuni jgħixu fih. Issa jekk għandek koppja li trid tikri kamra għal sena sħiħa u ż-żewġ kmamar l-oħra se jinkrew short lets għal sharing, il-problema hi li fix-sharing għandek sitt xhur biss filwaqt li l-minimu għal long let huwa ta' sena. Għalhekk, meta tiġi biex tirreġistra dak l-appartament is-sistema ma tħallikx, għax waħda hija long let u l-oħra jgħidlek mhux qed tintuża bħala long let. U din qed toħloq diffikultà. Jista' l-Ministru jispjega dwar din il-ħaġa? Nerġa' ngħid li qed naqbel mal-passi li se jittieħdu.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, irrid nispeċifika li aħna ma rridux ninkoraġġixxu li jkollna qsim tal-appartamenti għax inkunu qed immorru kontra l-ispirtu tal-ippjanar ta' pajjiżna. Ejja nifhmu li d-Development Planning (Use Classes) Orders daħlu fl-1994 taħt Gvern Nazzjonalista u aħna ma missejnihomx. Ħallejniehom kif inhuma bl-iskop li nirregolarizzaw il-pożizzjoni ta' ħafna nies li qegħdin jikru l-appartamenti. Illum li għandna s-suq tal-kera rridu naġġornaw u nimxu skont iż-żmenijiet, inkluż billi naġġornaw il-liġijiet tal-ippjanar jekk hemm bżonn, imma dik hija xi ħaġa li naslu għaliha aktar 'il quddiem waqt id-diskussjoni parlamentari.

Ladarba tkun diġà rreġistrajt l-appartament bħala long let, ma tistax taqsmu u tagħmel il-parti l-oħra Airbnb, jew tagħmel parti short let jew sharing u l-parti l-oħra long let. Trid tiddeċiedi. Aħna ma ninkoraġġux ix-sharing fil-pajjiż u għamilna l-perjodu qasir ta' sitt xhur proprju biex dak li jkun imur għal long-term lease li toħloq aktar stabbiltà bejn l-inkwilin u s-sid. Is-sidien stess aktar jaqblilhom li jkollhom long let fuq perjodu stabbilit milli joqogħdu ġejjin u sejrin u jitilfu l-kummissjoni tal-aġent. Aħna diġà tkellimna magħhom. U permezz ta' dan l-abbozz ta' liġi l-Gvern se jkun qiegħed jippromwovi aktar l-istabbiltà fit-tul. Fil-fatt, iddeċidejna li nagħtu rifużjoni tat-taxxa lil min imur għal kuntratt ta' sentejn u tliet snin.

Matul il-ġimgħa li għaddiet jien ħriġt l-informazzjoni li n-numru ta' nies li qegħdin jikru għal sentejn u tliet snin qed jiżdied, u dak huwa pass pożittiv. Qabel l-2019 kellna s-sitwazzjoni li kienu qed jinkrew appartamenti u wara xahrejn, tliet xhur, is-sid jgħollilek il-kera. Aħna dik ma ridnihiex u għamilna l-minimu ta' sena. Illum daħħalna wkoll l-inċentiv tat-taxxa għal min jikri għal sentejn, tliet snin u aktar, u ħafna nies qegħdin imorru għal dik l-għażla.

Ġieli s-sid jibni relazzjoni mal-inkwilin, fejn jara kif imur fl-ewwel sitt xhur jew sena u jekk isibu tajjeb, jibda jġeddidlu għal sena, sentejn, tliet snin. Hawn min ilu jgħix ħames snin jew sitt snin fl-istess appartament, u dik hija xi ħaġa pożittiva, imma mbagħad ma rridux li jkollna l-liġi tal-ġungla, min ġej u min sejjer. Pereżempju fis-sajf sibna appartament ġo Tas-Sliema b'40 ruħ fih! Veru li kien kbir, imma min jgħix fl-akkwata mhux se jieħu pjaċir. Mela wieħed ikun xtara appartament ġo Tas-Sliema u nefaq €0.5 miljun,

imbagħad jiġi ta' taħtu u jdaħħal 40 ruħ u jġibhulu ma jiswa xejn.

Il-liġijiet tal-ippjanar mhumiex kontra min irid jikri, però l-parametri jridu jkunu ġusti għal kulħadd, għax jekk nibdew bl-ispekulazzjoni se nispiċċaw b'kulħadd jagħmel li jrid fil-pajjiż. Kien hemm min staqsieni jekk fi flat b'kamra tas-sodda waħda jew fi studio flat jistax idaħħal sitt persuni. Dażgur li ma jistax! Mela m'hemmx il-liġijiet tas-sanità u l-liġijiet taċ-ċirkolazzjoni! Aħna rridu nibqgħu ninkoraġġixxu lil dawk it-tip ta' nies li jirraġunaw hekk jew irridu nagħtu d-dinjità lil min irid jikri l-appartamenti b'mod ġust?! Jien ma nagħmilx distinzjoni bejn barranin u Maltin. L-inkwilini għandhom ikunu stmati l-istess u għandu jkollhom id-drittijiet sagrosanti tagħhom imħarsa.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Carmelo Abela, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Sur President, qed nieħu gost li l-Ministru qed isemmi s-suq tal-kera. Aħna nafu li jkun hemm diversi persuni li jirrikorru għand l-Awtorità tad-Djar, mhux biss biex jingħataw akkomodazzjoni soċjali – naf li bħalissa għaddejjin numru ta' proġetti u forsi l-Ministru jkun jista' jinforma lill-Kamra bin-numru ta' proġetti li jkunu għaddejjin fil-qasam tal-housing – imma b'mod partikolari minħabba kirjiet. F'dawn l-aħħar snin il-prezzijiet tal-kirjiet telgħu b'mod sostanzjali. L-Awtorità tad-Djar għandha l-iskema Nikru Biex Nassistu u allura jista' l-Ministru jgħid x'tinvolvi din l-iskema? U jekk ikollok persuna jew familja li, b'xi mod jew ieħor, tkun taffordja tmur għas-suq tal-kera, jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' assistenza tagħti l-Awtorità tad-Djar f'dan il-qasam?

Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni lill-Kamra dwar dawn iż-żewġt oqsma u forsi jgħidilna kemm qed jinbnew postijiet bħalissa għall-akkomodazzjoni soċjali u xi skemi hemm għal dawk li qed jaspiraw li jkollhom ftit għajnuna min-naħa tal-Awtorità tad-Djar fejn għandhom x'jaqsmu l-kirjiet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, ninforma lill-Onor. Abela li l-ġimgħa d-dieħla se jkun hemm żewġ blokok oħra lesti u se jkunu qegħdin jgħaddu ċ-ċwievet lin-nies. Hemm blokka fiż-Żurrieq ta' madwar 27 appartament u hemm blokka oħra ta' appartamenti fil-Qrendi. Issa qed jagħqad ukoll il-proġett massiv li konna bdejna fl-2018 bl-iskop li jkollna l-ammont ta' appartamenti meħtieġa għall-akkomodazzjoni soċjali.

Aktar minn hekk, għaddej ħafna xogħol fit-tieni fażi tal-proġett li qed isir permezz ta' fondi min-National Development and Social Fund (NDSF). Issa bdejna naraw binjiet li qegħdin jieħdu xeħta differenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini ġebel u saqaf, li mbagħad jibda l-finishing fuqhom. Għandna blokka f'Ħal-Luqa, li miexja tant tajjeb, u qegħdin isiru blokok oħrajn, fosthom tal-Malita f'Ħal Farruġ b'270 appartament, li hi l-ikbar blokka. Hemmhekk hemm qasam tad-djar li diġà beda tiela' mhux ħażin ukoll.

Rigward l-appartamenti mingħand il-privat, għalina l-privat huwa sieħeb importanti ħafna. Matul l-aħħar snin diġà krejna madwar 800 appartament mingħand il-privat. Dan ifisser li saħħaħna l-ammont ta' akkomodazzjoni soċjali u għal dan il-għan qegħdin nerġgħu nġeddu din l-iskema. L-iskema hija tajba ħafna u hija intiża għas-sidien li jridu s-serħan il-moħħ li mingħajr ma joqogħdu jagħtuna appartamenti bl-għamara, mingħajr ma joqogħdu jħabblu rashom minħabba l-manutenzjoni u minħabba l-fatt li dawn jibżgħu mit-taxxa, aħna tajniehom servizz tajjeb li jikru lill-Istat li qed jagħtihom il-fakultà li jikru mingħajr taxxa wkoll.

Dawn qed jagħtuhomlna għal għaxar snin. Minħabba l-iskariġġ tal-għamara, hemm min jgħidlek li ma jridx jikri furnished, allura qed jagħtihom lill-Istat li mbagħad jgħin lil dik il-koppja tissetilja. S'issa diġà ħadna madwar 900 appartament. Sintendi se nkunu qed nerġgħu nirromblaw fuq din l-iskema biex inżidu l-istokk tal-Awtorità tad-Djar, u nistgħu nagħmlu dan għax illum għandna €50 miljun ivvotati għall-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali, grazzi għall-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Cressida Galea, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Sur President, ninsabu fi tmiem ta' sena oħra u l-preparazzjonijiet għas-sena d-dieħla jinsabu għaddejjin. Jista' l-Ministru jispjega l-pjan ta' ħidma għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u jgħid xi proġetti se jkunu qegħdin

jiġu mwettqa s-sena d-dieħla, partikolarment fejn tidħol il-waiting list għall-akkomodazzjoni soċjali li nisimgħu ħafna dwarha? Kif se nkomplu nindirizzaw il-problemi soċjali li għandna f'dan is-settur?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, irrid ngħid li l-waiting list mhijiex waħda statika imma waħda organika. Dan bħal meta ngħid li huwa impossibbli li ħadd ma jidħol l-isptar għall-għajnuna, u l-istess ħaġa fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali. Jekk ikollok separazzjoni ta' koppja, jew meta xi ħadd tinqalagħlu xi ħaġa f'ħajtu, jew ikollu xi kwestjoni ta' mard u jkun tilef ħafna mill-assi li għandu jew inkella jkun ġie f'sitwazzjoni finanzjarja ħażina, probabbilment ikollu wkoll problema ta' akkomodazzjoni, u għalhekk jista' japplika għall-akkomodazzjoni soċjali.

Nafu li l-ikbar problema li għandu pajjiżna llum huma s-separazzjonijiet. Jekk tara l-istatistika relatata mal-waiting list li għandha l-Awtorità ssib li din hija wkoll kawża tad-diffikultajiet li hemm fir-relazzjonijiet bejn il-koppji, tradizzjonalment in-nisa aktar mill-irġiel. Fl-Awtorità teżisti statistika uffiċjali li ħafna drabi dawn isibu problema ta' akkomodazzjoni minħabba l-qagħda tagħhom.

Illum il-waiting list hija ta' 1,500 persuna, li baqgħet stabbli għal dawn l-aħħar sentejn għax żidna l-għajnuna soċjali u l-istokk adegwat ta' appartamenti li kellu bżonn pajjiżna biex jibda jindirizza din il-problema. Ma' dan tajna l-inċentivi liż-żgħażagħ li jridu jagħmlu l-pass biex jixtru l-ewwel appartament tagħhom.

Żidna inċentivi bħall-equity sharing u llum għandna mijiet ta' nies li qegħdin jixtru proprjetà mal-Istat biex isolvu l-problema li kellhom minħabba s-separazzjoni biex ikollhom dar alternattiva, jew biex persuna tixtri d-dar waħedha flimkien mal-Istat biex ikun jista' jkollha d-dar tagħha. Kif diġà għedt, is-sena d-dieħla se ssir ħidma interessanti, fejn se nkunu qegħdin nikru numru ta' appartamenti mingħand il-privat bl-iskop li nkomplu nimmiraw li nilħqu lil dawk in-nies li għandhom bżonn l-għajnuna soċjali. Dan nistgħu nagħmluh għax għandna l-flus ivvotati. Kieku m'għandniex il-flus ivvotati ma nkunux nistgħu nlaħħqu max-xogħol meħtieġ.

Apparti minn hekk, se nkomplu nsaħħu l-iskemi, imma finalment qed nattakkaw l-aktar faxxa vulnerabbli li għandhom bżonn jingħataw l-għajnuna.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet issa għadda. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Clyde Caruana.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 277 tal-2023 – Regoli tal-2023 dwar Permessi għal Residenza għan-Nomadi (Taxxa fuq l-Income);

Avviż Legali Nru 278 tal-2023 – Residual Balances Fund Act (Compliance Review) Regulations, 2023;

Avviż Legali Nru 279 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant;

Avviż Legali Nru 280 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti għal Skema ta' Kumpens lill-Investituri;

Avviż Legali Nru 281 tal-2023 – Regoli tal-2023 dwar Ħlas Lura ta' Taxxa permezz ta' Trasferimenti Elettroniċi;

Avviż Legali Nru 285 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar The ORA Residences bħala Żona Speċjali Msemmija;

Informazzjoni dwar il-laqgħat li saru mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja fil-perjodu bejn Frar 2020 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13994;

f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 283 tal-2023 – Ordni tal-2023 li Jwaqqaf Riżorsi Akkwatiċi Malta bħala Aġenzija;

Avviż Legali Nru 284 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jwaqqaf Riżorsi Agrikoli Malta bħala Aġenzija;

Avviż Legali Nru 286 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi;

Avviż Legali Nru 287 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali;

Avviż Legali Nru 288 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati;

Tagħrif dwar l-impieg fis-settur pubbliku tad-Deputati tal-Oppożizzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14115;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 282 tal-2023 – Examination of Varieties of Agricultural Plant and Vegetable Species (Amendment) Regulations, 2023; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Lista ta' skejjel mhux tal-Istat li huma liċenzjati biex fihom isir it-tagħlim u lista ta' skejjel tal-lingwi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14089; u

Tagħrif dwar il-kompożizzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għas-snin bejn l-2016 u l-2020, u għas-sena 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14096.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Carmelo Abela.

**ONOR. CARMELO ABELA (President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Familja):** Sur President, nippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 11 sa Nru 13 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Familja li nżammu bejn l-10 ta' Mejju 2023 u t-8 ta' Novembru 2023.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Il-Ministru Roderick Galdes.

## PERMESS TAL KAMRA

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nitlob il-permess sabiex inressaq mozzjoni tal-Ewwel Qari mingħajr avviż.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-kirjiet residenzjali privati u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ

## VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità".

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Skont il-ftehim milħuq fis-Seduta tal-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023, id-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi għandha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn iż-żewġ naħat, bil-ftuħ u l-għeluq għall-Gvern.

Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, illum il-Kamra għandha quddiemha l-Abbozz ta' Liġi li jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità. F'dan l-Abbozz għandna emendi li jolqtu numru ta' liġijiet li jittrattaw reati ekonomiċi u finanzjarji, fosthom il-ħasil tal-flus, servizzi u swieq finanzjarji, u qed joħolqu proċedura uniformi rigward ordnijiet ta' sekwestri, iffriżar u eventwali konfiska. Dwar is-suġġett tal-attachment, freezing u eventwali konfiska ilhom isiru appelli biex inħarsu lejn il-liġijiet, għax dawn kienu qed joħolqu piż sproporzjonat fuq persuna suspettata jew imputata. Naħseb li lkoll naqblu li bħala punt tat-tluq, il-ġustizzja kriminali hija u tibqa' dejjem punittiva, però m'għandha tkun qatt oppressiva jew li toħloq inġustizzja minnha nnifisha.

Irridu naħdmu għal soċjetà fejn kulħadd, mingħajr ebda distinzjoni, ikun kontabbli ta' għemilu, imma rridu naħdmu wkoll għal soċjetà ġusta li tassigura li l-liġijiet tagħha ma jirrovinawx lin-nies mingħajr ma jkun hemm rispett lejn id-drittijiet fundamentali u ġustifikazzjoni oġġettiva għall-miżuri li jittieħdu.

Ħalli nispjega x'wassal għal dawn l-emendi. Il-punt tat-tluq kienu diversi sentenzi, inkluż tal-Qorti Kostituzzjonali u dik Kriminali, magħduda mal-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin li wriet li l-liġi qed toħloq sproporzjonalità u żbilanċ f'dik li hi tfittxija u kisba tal-ġustizzja u drittijiet tal-imputat. F'numru ta' istanzi l-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-leġiżlatur li l-liġi preżenti għandha numru ta' nuqqasijiet li, fost l-oħrajn, jorbtu jdejn il-Qorti bil-konsegwenza li d-deċiżjoni meħuda tkun timpinġi fuq id-drittijiet fundamentali tal-akkużat.

Rigward dan il-punt fuq id-drittijiet fundamentali tal-akkużat, għandna wkoll il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż fil-kawża Džinić vs Kroazja, fejn fil-premessa 67 jingħad li:

> "Anke jekk l-interferenza tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet previsti mil-liġi u fl-interess pubbliku, għandu jkun hemm ukoll relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex li jintlaħaq permezz ta' kwalunkwe miżura applikata mill-Istat, inkluż miżuri maħsuba biex jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà tal-individwu. Din il-ħtieġa hija espressa mill-kunċett ta' bilanċ ġust li għandu jintlaħaq bejn it-talbiet fl-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu."

Sur President, dan hu bilanċ ġust. Dan hu dak li qegħdin nittamaw li niksbu permezz ta' dawn l-emendi, jiġifieri dik li l-Qorti fissret bħala relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità. Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruħha b'mod konsistenti dwar dan l-aspett, inkluż fil-konfront tal-Istat Malti, bħal fil-każ Shorazofa vs Malta. Lokalment, kif għedt, hemm diversi pronunzjamenti li saru, inkluż tliet pronunzjamenti tal-Qorti Kriminali datati 10 ta' April 2023 li fihom il-Qorti ordnat, fost affarijiet oħra, li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lili fil-vesti tiegħi bħala Ministru għall-Ġustizzja biex nara jekk huwiex il-każ li jkun hemm emenda fil-liġi li tirrigwarda l-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar biex min ikun milqut b'tali ordni ma jkollux il-proprjetà kollha tiegħu milquta bl-

ordni, iżda tiġi limitata għal dik il-proprjetà li hu seta' akkwista fiż-żmien imsemmi fir-reat li jkun ġiet akkużat bih.

Diversi membri tal-professjoni legali ssenjalaw dawn l-isfidi u biex nagħti daqsxejn sfond għal kif wasalna s'hawn, se nirreferi għall-artiklu ppubblikat fis-17 ta' Ottubru 2022, fejn l-Avukat Michael Sciriha stqarr mal-ġurnal *The Times of Malta* li l-Qorti għandha diversi diffikultajiet dwar il-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru u ordni ta' konfiska. Dan għax l-ordnijiet ta' sekwestru qegħdin jinħarġu faċilment u jirrovinaw ħajjet in-nies. Hu jemmen li l-one-size-fits-all approach li taddotta l-liġi qed iġib miżerja u tbatija bla bżonn. Huwa sostna wkoll li mhuwiex ġust li jkollna sistema li ma tiddistingwix bejn baruni tad-droga u xi ħadd li jmexxi xi ħanut żgħir u jwettaq żball li jwasslu biex jiġi akkużat b'ħasil tal-flus.

Argument ieħor li għamel kien dwar l-ammont massimu li l-imputat ikun intitolat għalih biex ikun jista' jgħix. Huwa argumenta li l-ammont huwa l-istess bħal dak li kien ġie introdott fl-1994 u li qatt ma ġie rivedut. L-istess isostni l-Avukat Franco Debono fil-kawża Kostituzzjonali Marvin Debono vs l-Avukat tal-Istat fejn sostna li għall-leġiżlatura tal-1994 l-ammont ta' €13,976 fis-sena kien meqjus suffiċjenti biex tgħix ħajja xierqa, iżda 28 sena wara l-ammont għadu l-istess. Dan ġie wkoll rifless fl-artiklu tal-ġurnal *The Times of Malta* intitolat 'Does the cost of living not rise for those accused of crime?' datat 2 ta' Settembru 2022.

Kellna anke editorjali li ħassew li kellhom itennu dan l-appell, inkluż dak tal-ġurnal *The Times of Malta* intitolat 'Freezing orders and the arbitrary face of justice' datat 19 ta' Frar 2022, fejn l-editur qal iswed fuq l-abjad li:

> "As things stand, the way freezing orders are issued risk substituting justice by revenge."

Għaldaqstant jien nibqa' meraviljat kif qed ikolli mistoqsijiet, inkluż mill-midja, dwar kif qed inressqu l-Abbozz ta' Liġi issa. Ilhom mis-sena li għaddiet jappellawlna, inkluż b'editorjali, biex isir l-intervent u llum qegħdin nagħmlu dan l-intervent li hemm appell kostanti u minn kull naħa biex jitwettaq.

Irrid ngħid ukoll li lil hinn mill-pronunzjament tal-qrati, lil hinn mill-opinjonijiet tal-avukati u lil hinn mill-opinjonijiet tal-ġurnali, il-midja u l-editorjali, hemm l-esperjenzi kiefra ta' nies li setgħu wettqu, jew allegatament wettqu, reat finanzjarju, però żgur ma kienx ħaqqhom jgħaddu milli għaddew jew saħansitra għadhom għaddejjin minnu. Naf bi stejjer ta' nies li saħansitra kkontemplaw li jtemmu ħajjithom, oħrajn li kissru familja jew li spiċċaw jittalbu bi ħniena lill-qrati għal spejjeż li ma kinux previsti f'ħajjithom bħal, pereżempju, li jinxtara wheelchair għat-tifel tagħhom fil-bżonn.

Dik mhijiex ġustizzja imma hija oppressjoni u kattiverja. Kien hemm sitwazzjoni ta' individwu fin-negozju li kien soġġett għal attachment order li mill-ewwel irriżulta li ma kienx hemm każ fil-konfront tiegħu, imma minħabba li l-proċedura damet, dan dam sentejn jipprova jissana l-pożizzjoni tiegħu mal-banek.

Jekk hawn xi ħadd f'dan il-Parlament jew lil hinn minnu li jaħseb li għandna nagħlqu għajnejna għal dawn is-sitwazzjonijiet sempliċement għax hawn xi erbgħa f'pajjiżna li jaħsbu li huma beati jew puritani u jridu jintroduċu l-inkwiżizzjoni ta' żmien il-Medju Evu f'dan il-pajjiż, qed jarralu. Għalhekk dan il-Gvern huwa fdat u appoġġjat mill-elettorat, għax magħna n-nies jafu fejn huma. Kif dejjem ngħid, m'aħniex perfetti, però ta' kuljum qed naħdmu bla heda lejn soċjetà ġusta fis-sens wiesgħa tagħha.

Sur President, hawn min qed jistaqsi għalfejn qiegħed jittieħed dan il-pass illum meta l-proċess ilu stabbilit ħafna fil-liġijiet tagħna. Għal snin twal il-prosekuzzjonijiet marbutin ma' dawn it-tip ta' reati finanzjarji kienu kważi ineżistenti. Forsi dak li jkun jistaqsi jekk dan ifissirx li fil-passat dawn ir-reati finanzjarji ma kinux iseħħu. Ir-risposta u r-realtà jafha kulħadd. Min jgħid jew jagħti l-impressjoni li qabel ma kienx hawn dawn it-tip ta' reati, nistiednu biex għall-vaganza li jmiss imur Disneyland! Ir-realtà hi li r-responsabbiltà ta' dan il-Gvern hi li jsaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati finanzjarji. Biss biss, fl-aħħar tliet snin kellna 'l fuq minn 100 każ marbut mal-ħasil tal-flus. Għalhekk, kien biss issa li bdejna naraw l-estremità ta' dawn il-liġijiet fuq persuni li jiġu akkużati li wettqu reati finanzjarji jew li allegatament wettqu reati finanzjarji.

Bl-ebda mod ma rrid nagħti l-impressjoni li dawn mhumiex reati serji jew li huma reati inqas serji minn oħrajn, imma żgur li mhumiex komparabbli ma' reati oħra ferm aktar serji fil-liġijiet tagħna, u dan huwa rifless fl-istess piena li jġorru.

Issemma l-fatt li dawn l-emendi ma jittrattawx it-traffikar tad-droga, meta b'dan ir-reat f'pajjiżna sal-lum persuna għadha tista' tispiċċa għomorha l-ħabs. Dan apparti li saret distinzjoni wkoll bejn ħasil tal-flus u traffikar tad-droga minħabba li hemm apprezzament tal-fatt li l-kwantifikazzjoni tar-rikavat huwa iżjed diffiċli fil-każ ta' traffikar ta' droga għax, fost affarijiet oħra, ir-reat huwa mistur u ħafna drabi irrintraċċabbli.

Kif diġà għedt, dawn huma emendi li jolqtu numru ta' liġijiet li jittrattaw reati ekonomiċi bħall-ħasil tal-flus u l-abbuż tas-servizzi u s-swieq finanzjarji u qed ikomplu jwasslu għal proċedura uniformi dwar ordnijiet ta' sekwestru, ordnijiet ta' ffriżar u eventwali konfiska. Qed ikollna nemendaw diversi liġijiet u mhux liġi waħda biss għax il-liġi tagħna f'dan il-qasam żviluppat b'mod li d-dispożizzjonijiet dwar l-ordnijiet tas-sekwestru – dawk li huma investigation orders u ordnijiet ta' ffriżar li xi drabi huma msejħin ukoll ordnijiet ta' qbid u ffriżar – iddaħħlu f'kull liġi fejn kien previst li jistgħu jintużaw u ma ntużatx is-sistema li tirreferi għal liġi waħda.

Fil-fatt, l-ewwel liġi li ħasbet biex isir il-konsolidament ta' dawn id-dispożizzjonijiet f'liġi waħda kien l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li għadda minn dan il-Parlament u ġie fis-seħħ f'Marzu ta' sentejn ilu. Dak l-Att ippreveda u witta t-triq għall-konsolidazzjoni u l-uniformità. Illum qegħdin nagħmlu pass ieħor importanti f'din it-triq billi, fost affarijiet oħrajn, id-dispożizzjonijiet fid-diversi liġijiet li jirreferu għall-ordnijiet ta' sekwestru u ta' ffriżar jagħmlu referenza għad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, jiġifieri l-artikoli 35 u 36 tal-istess Att, u ma jerġgħux jivvintaw ir-rota.

Għadna ma wasalniex għal konsolidazzjoni totali għax, kif għedt, hemm reati marbutin mad-droga li s-sitwazzjoni tagħhom hija differenti u hi regolata b'liġijiet speċjali. Hemm ukoll dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali li ma ssibhomx replikati fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, iżda xorta huma utli fil-ġlieda kontra l-kriminalità u għandhom jinżammu, għalkemm qed isir intervent biex nassiguraw li d-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali jirriflettu dawn l-iżviluppi li qegħdin indaħħlu fil-liġijiet tagħna. Apparti minn dan, kull fejn stajna, dan il-qasam qed ikun regolat b'liġi waħda mill-aspett ta' abbozzar u ta' żamma ta' konsistenza fil-liġijiet.

Inkun qed nonqos jekk ma nirrikonoxxix id-diskussjoni li jkolli dwar dan is-suġġett ma' diversi membri ta' din il-Kamra, mhux l-inqas Membri tal-Oppożizzjoni, inkluż Membri li għandhom esperjenza fis-settur, bħall-Onor. Joe Giglio. Permezz ta' dawn id-diskussjonijiet – id-diskussjoni hija tajba fil-Parlament biex inkomplu nsaħħu dak li jkollna quddiemna – iċċarajna d-dispożizzjonijiet li hemm fil-Kodiċi Kriminali b'rabta ma' dawn l-ordnijiet. Fl-istadju ta' Kumitat se nkun qed inressaq dawn l-emendi li jittrattaw mill-artikolu 23A sa 23D tal-Kodiċi Kriminali. Imxejna b'mod li neliminaw kull kunflitt mal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, filwaqt li żammejna dak li għadu utli u li nemmnu li m'għandux jitneħħa minn hemmhekk. F'dan ir-rigward se nressaq, kif għedt, numru ta' emendi fl-istadju ta' Kumitat f'dan il-proċess parlamentari.

Irrid nirreferi wkoll għall-istqarrija li l-Oppożizzjoni ħarġet aktar kmieni llum, li fiha bażikament qalet li tirrikonoxxi li hemm bżonn tibdil fil-liġi, però xorta waħda se tkun qed tivvota kontra dan l-Abbozz ta' Liġi. F'mumenti bħal dawn, b'kull dovut rispett, il-poplu jkompli jikkonferma kemm għandna Oppożizzjoni li fi ħdanha tirrenja l-konfużjoni. Irrid niċċara li kuntrarjament għal dak li qed tgħid l-Oppożizzjoni, aħna fl-ebda punt m'għandna l-ħsieb li nnaqqsu mill-għodod legali fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

Qed tipprova tingħata l-impressjoni li din in-naħa tal-Kamra se tneħħi r-reati tal-korruzzjoni, tal-frodi u kull xort'oħra. Din hija gidba totali għax kull reat se jibqa' reat, inkluż dawk marbutin mal-korruzzjoni. Kull piena stabbilita llum se tibqa' l-istess, inkluż dik marbuta mal-korruzzjoni. Fejn tidħol il-korruzzjoni, taħt dan il-Gvern kellna l-kuraġġ li nneħħu l-preskrizzjoni biex il-korruzzjoni tibqa' tgħodd għal dejjem f'dak li għandu x'jaqsam mal-involviment tal-politiċi. (Onor. Membri: Hear, hear) Jiġifieri huwa kompletament skorrett, u jien ngħid żleali, li tipprova tingħata l-impressjoni li, b'xi mod jew ieħor, qed indgħajfu l-gravità ta' xi reat. Xejn affattu!

Sur President, aħna qed ngħidu li jekk persuna b'att kriminali, hu x'inhu l-att, għamlet gwadann, għandu jkun kwantifikat u sekwestrat, iffriżat u eventwalment konfiskat jekk jinstab li hemm il-

ħtija. La ċenteżmu aktar u lanqas ċenteżmu inqas, għax hekk titlob il-proporzjonalità u l-miżien tal-ġustizzja! Li qed ngħidu hu li l-Pulizija, l-awtoritajiet investigattivi u eventwalment il-prosekuzzjoni, tal-inqas fi żmien sena għandhom jistabbilixxu kemm kien ir-rikavat mill-kriminalità u xi proprjetà għandha tkun soġġetta għall-ordni ta' ffriżar. Se nkun qed nispjega f'aktar dettall dawn it-termini meta nidħol fl-emendi nfushom biex nagħti spjega ta' kif illum qed jiġu proposti sitt xhur għal attachment order u ġaladarba l-persuna titressaq il-Qorti, għandha tliet xhur oħra estendibbli għal massimu ta' tliet xhur oħra, jiġifieri sitt xhur oħra, biex il-prosekuzzjoni tagħti indikazzjoni tal-valur rikavat mill-kriminalità.

Biex nispjega lin-nies, jekk għall-argument persuna għandha €50,000 taħt rasha u l-prosekuzzjoni wara li tkun twettqet l-investigazzjoni neċessarja jkollha indikazzjoni li kien hemm €50,000 li possibbilment kienu riżultat ta' attività illeċita tal-kriminalità, b'dak il-mod is-sekwestru se japplika fuq il-beni kollha tal-individwu. Għalhekk qed ngħidu li qed nilħqu l-proporzjonalità, imma jekk ikun hemm sitwazzjoni fejn persuna għandha €50,000 u l-indikazzjoni tal-prosekuzzjoni, wara li tkun saret l-investigazzjoni mill-Pulizija u mill-awtoritajiet investigattivi, tkun li nofshom huma riżultat tal-kriminalità, mhux tagħmillu attachment order u eventwalment friża fuq kollox, imma tassigura li l-ordni ta' ffriżar tirrifletti dak li temmen il-prosekuzzjoni u jkollha għalfejn temmen li kien riżultat tal-kriminalità.

Fl-istqarrija tal-Oppożizzjoni jew tal-kelliemi tagħha għall-ġustizzja qed tingħata l-impressjoni li għandna narmu totalment il-preżunzjoni tal-innoċenza mit-tieqa u minkejja li persuna tkun għadha mhux misjuba ħatja, inġiegħlu lill-imputat li jkun għadu ma ġiex misjub ħati jipprova li l-proprjetà tiegħu ġiet minn sors leċitu. Naħseb li partikolarment dawk li jipprattikaw fis-settur kriminali jirrealizzaw kemm dan huwa argument totalment fallaċi.

Aħna qegħdin inkunu ċarissimi u ngħidu li int min int, jekk b'mod illeċitu akkwistajt jew għamilt gwadann ta' proprjetà, – u meta ngħid proprjetà ma jfissirx proprjetà immobbli biss, imma anke mobbli bħal flus, karozzi jew affarijiet oħra, huma x'inhuma – dak li jkun misjub jew maħsub li ġie akkwistat b'mod illegali se jkun kwantifikat, se jkun iffriżat waqt il-proċedura li jkun għaddej minnha, u mas-sejbien ta' ħtija se jkun hemm il-konfiska. Aħna konna dak il-Gvern li kellu l-kuraġġ jimplimenta liġijiet li jiġġieldu l-kriminalità, partikolarment fis-settur tal-ħasil ta' flus, liġijiet li ħaddieħor, b'kull dovut rispett, ħalliehom litteralment jaqilgħu t-trab fuq l-ixkaffa.

Għal min qed isegwi dan id-dibattitu, se nispjega fil-qosor x'inhuma dawn l-ordnijiet ta' sekwestru u ta' ffriżar. L-ordni ta' sekwestru tinħareġ mill-Qorti Kriminali fuq talba tal-Avukat Ġenerali li, sintendi, fil-prattika jkun qed jibbaża ruħu fuq informazzjoni li sa dak il-ħin tkun waslet għandu mill-investigazzjoni u l-istħarriġ tal-Pulizija jew minn awtorità oħra investigattiva li għandna f'pajjiżna, waqt li tkun għaddejja dik l-investigazzjoni.

L-iskop ta' din l-ordni hu li ma jippermettix li jkun hemm rikavat mill-kriminalità li jiġi sparpaljat jew li jinqerdu l-provi, u dan apparti l-iskop ġenerali investigattiv tagħha. Din l-ordni oriġinarjament setgħet tinħareġ għal 30 jum biss u wara numru ta' snin, iż-żmien baqa' jitwal sakemm illum għandna sitwazzjoni fejn din l-ordni għandha terminu ta' sitt xhur u tista' tiġi estiża għal sitt xhur oħra.

Is-sitwazzjoni llum hija li għandek attachment order fuq xi ħadd li sa dak il-ħin lanqas biss huwa imputat. Mela għandek persuna suspettata mill-awtoritajiet li qed jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom li jistgħu jissoġġettawha għal attachment order. Jiġifieri l-beni tagħha jkunu kollha maqbuda għal terminu ta' sitt xhur estendibbli għal sitt xhur oħra. Din l-ordni tissekwestra l-assi kollha tal-persuna suspettata meta din tkun għadha qed tiġi investigata u ma tkunx għadha tressqet il-qorti.

Nifhem li l-investigazzjonijiet finanzjarji huma kkomplikati u ħafna drabi ma jkunux limitati fuq pajjiżna biss u dawn l-investigazzjonijiet jieħdu ż-żmien. Din hija r-raġuni li matul is-snin it-terminu ta' din l-ordni baqa' jitwal sakemm sar 12-il darba aktar minn dak li kien lura fl-1994.

M'hemmx dubju li hemm ukoll l-interess pubbliku f'dawn l-ordnijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità u fil-protezzjoni tas-soċjetà mill-kriminalità. Dan l-ebda qorti ma poġġietu fid-dubju. Il-qorti tisħaq fuq il-proporzjonalità, il-bilanċ bejn l-azzjoni li tkun qed tittieħed mill-Istat u d-drittijiet tal-persuna involuta. Ma tistax

tiffriża kollox lil persuna għal sena sħiħa, sempliċiment għax trid tkompli tinvestiga. Il-miżien tal-ġustizzja ma jistax ikun żbilanċjat u jxaqleb fuq naħa waħda biss. L-istess dwar l-ordni ta' ffriżar. L-iskop tagħhom hu li jipproteġu milli r-rikavat tal-kriminalità jiġi sparpaljat waqt il-proċeduri li jkunu pendenti b'mod li meta tinqata' l-kawża, ma jkunx jista' jinstab. Hawn qegħdin nitkellmu dwar ir-rikavat mill-kriminalità u mhux il-proprjetà kollha u l-beni kollha li għandu l-akkużat.

Sfortunatament matul is-snin il-liġi ġiet interpretata bħala li b'ordni ta' ffriżar trid tiġi ffriżata l-proprjetà kollha tal-imputat matul il-proċeduri, u kien hemm diversi sentenzi li qalu li din it-tip ta' ordni ma tistax tiġi varjata. Saru diversi attentati mill-persuni li jkunu soġġetti għal tali ordni, permezz tal-avukati tagħhom, fejn il-Qorti ppronunzjat ruħha li għandha jdejha marbutin. Dan joħloq il-problema ta' nuqqas ta' proporzjonalità, speċjalment meta l-ammont ta' rikavat mill-kriminalità xi darba jrid ikun likwidat, anke għal skopijiet li tkun tista' ssir l-eventwali konfiska.

Sur President, sitwazzjoni analoga hija meta nitkellmu dwar l-iffriżar u l-mandati ta' sekwestru fil-liġi ċivili, fejn għandek mandati ta' qbid hekk imsejħa kawtelatorji. Huwa prinċipju ben stabbilit li persuna għandha pretenzjonijiet li tagħmel mandati ta' dan it-tip, imma dak ma jfissirx li għandek taqbad il-beni kollha tal-persuna li għandha pretenzjoni fil-konfront tagħha. Fiċ-ċivil lanqas jissemma li wieħed jitlob li jissekwestra l-proprjetà kollha tal-konvenut, għandu x'għandu jew għandu kemm għandu, kif qed isir f'dawn is-sekwestri fil-kamp kriminali biex jikkawtelaw l-eventwali konfiska tal-Istat.

Għalhekk, huwa ċar li minħabba li l-liġi qed tiġi interpretata b'dan il-mod, hemm bżonn jiġi ċċarat li fil-mira tal-ordnijiet ta' ffriżar irid ikun hemm dak li hu rikavat mill-kriminalità u mhux affarijiet oħrajn. Dan ma jfissirx li l-ammont iffriżat se jiġi fix-xejn għax, kif nafu, ir-rikavat mill-kriminalità huwa definit f'termini wesgħin ħafna fil-liġi tagħna. Biex naraw kemm il-liġi tagħtina definizzjoni pjuttost ampja tar-rikavat, se nikkwota mill-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621, li jgħid hekk:

> "(1) "Rikavat mill-kriminalità" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minn reat rilevanti, inkluża iżda mhux limitata għal kwalunkwe proprjetà jew interess fi proprjetà li ma tkunx inkisbet jew tinżamm ħlief għat-twettiq tar-reat.
>
> (2) Ir-rikavat mill-kriminalità jista' jikkonsisti f'kull tip ta' proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni u ta' kwalunkwe natura, kemm jekk mobbli jew immobbli, korporali jew inkorporali, irrispettivament minn jekk dik il-proprjetà tkunx tinsab f'Malta jew mod ieħor u irrispettivament minn min tinżamm dik il-proprjetà, u tinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti.
>
> (3) Ir-rikavat mill-kriminalità jfisser ir-rikavat totali ta' reat rilevanti mingħajr kreditu jew tnaqqis għal kwalunkwe spiża mġarrba biex isir ir-reat jew taxxi mħallsa jew dovuti."

Dawn mhumiex emendi li jġibu fix-xejn l-ordnijiet ta' sekwestru u ffriżar, iżda huma emendi li jiffokaw fuq l-operat tagħhom u ma jippermettux iżjed li tintgħażel it-triq li sempliċiment jiġi ffriżat kollox u, fejn laqat, laqat.

L-għan tal-emendi hu li jsibu dak il-bilanċ ġust li titlob il-qorti bejn il-ħtieġa fl-interess pubbliku li tiġi ffriżata proprjetà, biex din ma tiġix sparpaljata waqt li jkun hemm proċeduri pendenti, u d-drittijiet tal-imputat li ma jitpoġġiex f'sitwazzjoni ta' rovina finanzjarja mingħajr ma jkun instab ħati u possibbilment mingħajr ma jkun qatt tressaq il-qorti.

L-emendi qed jagħtu wkoll is-setgħa lill-qorti li tvarja l-ordnijiet ta' sekwestru u l-ordnijiet ta' ffriżar fuq talba tal-imputat jew tal-prosekutur. Għal min qed jistaqsi għalfejn iż-żewġ partijiet qed jiġu pprovduti b'dan ir-rimedju tajjeb ngħid li fl-ewwel lok dan qed isir b'rispett sħiħ lejn id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq, imma wkoll għax jaf ikollok ċirkostanzi fejn fil-pendenza tal-proċeduri jirriżulta li hemm provi li jistgħu jwasslu biex l-ammont jiġi varjat kemm 'l isfel kif ukoll 'il fuq.

L-emendi jipprovdu wkoll għall-possibbiltà ta' żieda fl-ammont li jkun jista' jiġi rilaxxat lill-imputat għall-għajxien tiegħu u tal-familja waqt li l-kawża tkun pendenti. Dawn il-miżuri

jirrispondu wkoll għad-drittijiet kostituzzjonali ta' smigħ xieraq u tal-proprjetà. Huwa l-ħsieb tagħna li nassiguraw li permezz ta' liġi sussidjarja nistabbilixxu formola ta' kif se tinħadem l-ekwivalenti ta' dik li hija paga medja li fil-fehma tal-leġiżlatur għandha tiġi applikata minflok l-ammont minimu li l-liġi llum tippermetti li jitħallas l-imputat biex jgħix.

Dan ukoll biex ma nistennewx 28 sena oħra biex nassiguraw li l-liġijiet tagħna jirriflettu l-eżiġenzi tan-nies u biex ma nħallux li kull darba jgħaddi ħafna żmien qabel ma jsir intervent u jiġi rivedut l-ammont. (Onor. Membri: Hear, hear) Se nkun ċar. Dan qed isir primarjament għax rajna li kellna sitwazzjonijiet fejn l-effett jinħass b'mod aktar devastanti minn dawk l-imputati li jiddependu minnu. Partikolarment dawn huma sitwazzjonijiet fejn ikollok kuntest ta' familja li jkollha l-minuri. Żgur li t-tfal ma jagħżlux il-ġenituri tagħhom jew il-familja li jkunu qegħdin jikbru fiha!

Rajna wkoll li nnaqqsu l-iskariġġ tal-qorti u tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari tal-imputat li kull darba jkollu joqgħod jagħmel rikors għall-ispejjeż rikorrenti, fosthom loans, ħlasijiet ta' assigurazzjoni dovuti u spejjeż edukattivi. Għalhekk qed ngħidu li l-qorti għandha tara l-possibbiltà li jkun hemm rikors wieħed fejn dawk li huma spejjeż prevedibbli min-naħa tal-imputat, jista' jagħmel rikors għalihom biex jiġu rilaxxati. Dan jekk kemm-il darba jkollu viżibilità ta' dawk l-ispejjeż rikorrenti u fl-aħħar mill-aħħar li qed isiru b'intenzjoni tajba. Dan il-proċess xorta waħda se jkun sindakabbli mill-qorti, għax eventwalment it-talba trid tiġi milqugħa mill-qorti.

Ħadna approċċ simili fejn jidħlu professjoni u negozju u qed ngħidu li jekk il-qorti tissodisfa ruħha li għandek negozju jew professjoni leġittimi b'ċerti spejjeż rikorrenti, tista' tawtorizza dak li hu deskritt bħala ordinary conduct of business – ovvjament mhux xi spiża straordinarja – biex ikun assigurat li ma nkissrux in-negozji li jkollhom parti mill-operat tagħhom allegatament u possibbilment soġġetta għal reat finanzjarju. Dan għax rajna negozji li saħansitra kellhom parti biss mill-operat tagħhom allegatament illeġittima.

Hawn qed nitkellmu fuq il-proċeduri pendenti fis-sentenza li fejn negozji jispiċċaw litteralment ifallu bil-konsegwenzi kollha li ġġib mhux biss fuq l-individwu nnifsu imma wkoll fuq il-ħaddiema u l-familjari. Dawn bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni mhuma emendi li jżarmaw il-proċess li jmiss, li hi s-sistema tal-konfiska tal-assi.

Dawn huma emendi li jikkalibraw il-miżuri preventivi relattivi ma' dik is-sistema fid-dawl tal-ħteġijiet tal-ġustizzja u tad-drittijiet fundamentali. Fuq kollox, dan biex ikunu ffokati fuq ir-rikavat mill-kriminalità li għalih huma diretti u li għalih kienu maħsuba oriġinarjament. B'kollox, bejn il-perjodu investigattiv fejn tinħareġ l-attachment order u l-perjodu inizjali ta' meta persuna titressaq, hemm sena fejn possibbilment kollox jista' jibqa' maqbud. Kif spjegajt, għandek sitt xhur tal-attachment order, imbagħad għandek tliet xhur estendibbli għal tliet xhur oħra wara li jitnedew il-proċeduri fil-qrati sakemm tiġi kkwantifikata l-ordni ta' ffriżar. Jiġifieri hemm żmien adegwat biex l-awtoritajiet investigattivi, fosthom il-Pulizija u sussegwentement il-prosekuzzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, jibnu każ b'saħħtu kontra l-persuna.

F'dan ir-rigward hemm ukoll l-Asset Recovery Bureau li qed jingħata l-fakultà li jqabbad stimaturi biex jivvalutaw il-proprjetà maqbuda. Dan ukoll għandu jgħin fl-effiċjenza tal-proċess għax se jkollhom rwol fl-identifikazzjoni tal-proprjetà li għandha tkun soġġetta għal din l-ordni. Ejja ma ninsewx ukoll il-fatt li l-prosekuzzjoni se jkollha l-possibbiltà li tieħu l-approċċ kawt 'to err on the side of caution' meta tiġi biex tiddetermina l-valur tal-proprjetà jew liema proprjetà għandha tkun soġġetta għall-iffriżar.

Però fl-aħħar mill-aħħar din, b'differenza, se tkun sindakabbli mill-qorti għax kif għedt, l-imputat se jkollu d-dritt ta' rimedju biex dak li tgħid il-prosekuzzjoni bħala valur u bħala proprjetà li għandha tiġi soġġetta, jista' jikkontestah. Jiġifieri l-possibbiltà ta' general attachment u freezing order se tibqa', però qegħdin nassiguraw li jkun hemm limitu. Fil-fatt, qed ngħidu massimu ta' sena, però wieħed jistenna li qabel ma l-persuna titressaq, ikun hemm każ b'saħħtu li skont id-duttrina tal-prosekuzzjoni, għandu verament jagħti prospett raġonevoli ta' sejbien ta' ħtija. Dan biex nevitaw l-estremitajiet li wassluna biex nagħmlu dan l-intervent.

Nifhmu wkoll li jista' jkun hemm każijiet

kumplessi li jirrikjedu ċerta kawtela, u se jkun hemm il-possibbiltà ta' kawtela, dejjem però taħt is-superviżjoni tal-qorti biex ir-rimedji estremi ma jsirux l-ordni tal-ġurnata imma jintużaw fejn verament ikun meħtieġ. Dik hija l-proporzjonalità.

Kien hemm min għamel l-argument li hija wisq estrema li jekk il-prosekuzzjoni mat-tieni terminu ta' tliet xhur ma tindikax valur jew proprjetà, il-freezing order taqa'. Irrid niċċara l-punt li l-freezing order taqa' jekk il-prosekuzzjoni ma tikkwantifika bl-ebda mod. Jien ma naħsibx li għandna prosekuturi li jressqu każ il-qorti u bl-ebda mod, lanqas b'mod approssimattiv, ma jkunu jistgħu jikkwantifikaw fuqiex qegħdin jittrattaw bħala każ!

Jien konvint li l-prosekuzzjoni se tkun qed tindika valur u proprjetà b'mod responsabbli, anke jekk ikun possibbilment ixaqleb fuq in-naħa tal-kawtela, però li jista' jispiċċa sindakat mill-qorti fuq talba tal-imputat. Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li għandna llum, fejn għandna massimu ta' sena attachment order, jiġifieri l-istadju investigattiv fejn persuna lanqas biss hija imputata, imma hija suspettata, u eventwalment dak li għandu x'jaqsam ma' ordni ta' ffriżar, dan it-terminu huwa bla limitu minħabba l-fatt li dawn iridu jistennew il-proċeduri tas-sentenza finali tal-qorti.

Iċċarajna wkoll sitwazzjonijiet li kienu qed joħolqu diffikultà ikbar liċ-ċittadini, partikolarment Maltin li jkunu implikati ma' barranin akkużati b'allegati reati ta' dan it-tip. Dan għax kellna sitwazzjoni dwar dan l-aspett li għalkemm ġiet iċċarata mill-qorti, xorta ħalliet ċerta inċertezza fil-proċedura fejn kellek attachment order li jkun inħareġ fil-konfront ta' persuna li tkun debitament notifikata u persuna oħra li ma tinstabx għax possibbilment ma tkunx f'pajjiżna peress li tkun barranija. F'dan il-każ, it-terminu attwali ta' massimu ta' sena attachment order li għandna llum kien qed jiġi interpretat li jiskatta għal kulħadd, ġaladarba kulħadd jiġi notifikat. Din kienet sitwazzjoni li kienet qed twassal biex iċ-ċittadini tagħna, ġeneralment il-Maltin, jispiċċaw b'attachment order li t-terminu tagħha jibqa' ma jiskadix sakemm ma tiġi notifikata l-persuna li tkun barra. B'hekk, min ikun Malta jispiċċa b'attachment order indefinittiv. Din issa ġiet iċċarata biex tirrispekkja l-insenjament tal-qrati tagħna.
F'dan l-Abbozz ta' Liġi hemm emendi għas-sistema tal-konfiska. L-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kien introduċa sistema li taħtha l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali tiddeċiedi l-ħtija, imbagħad l-ammont li għandu jiġi kkonfiskat jiġi deċiż fi proċeduri ċivili separati. Fit-teorija, din hija sistema li tiġi applikata barra mill-ambitu tal-konfiska bla sejbien ta' ħtija, imma f'ċirkostanzi ta' dak li qed nittrattaw illum jidher li hemm il-periklu li din il-proċedura doppja tieħu wisq żmien u għalhekk dawn l-emendi qegħdin ikunu innovattivi u qed jirrispondu għal dan.

Innovattivi sa ċertu punt, Sur President, għax għandna proċedura li kienet diġà pjuttost stabbilita f'dak li għandu x'jaqsam mal-Att kontra Money Laundering li jipprovdi li l-qorti mhux biss trid tistabbilixxi l-ħtija, imma wkoll il-valur tal-attività. Din hija xi ħaġa li ma ssirx mill-qrati tagħna minħabba l-interpretazzjoni wiesgħa ta' dak meqjus bħala rikavat li jkopri kulma jkollu l-imputat u li issa qed jiġi indirizzat permezz ta' dawn l-emendi. Għalhekk, huwa propost li l-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, l-ewwel tippronunzja ruħha fuq il-ħtija u jekk issib il-ħtija, tgħaddi biex teżamina liema proprjetà jew valur tagħha għandha tiġi konfiskata.

Irrid ngħid li dan il-proċess se jkun qed isir ukoll fi stadju aktar bikri tal-proċeduri għax kif qed ngħidu, il-prosekuzzjoni se jkollha terminu ta' tliet xhur estendibbli għal tliet xhur oħra fejn din l-indikazzjoni se tkun diġà stabbilita. Għaldaqstant dik l-indikazzjoni inizjali fil-proċeduri se tkun qiegħda tiffaċilita dan il-proċess li trid tagħmel il-qorti kriminali bl-involviment tal-Asset Recovery Bureau li għandu l-għodda biex jistabbilixxi l-valur tal-proprjetà u l-proprjetà li għandha tiġi soġġetta għall-ordni. Hawn mhux qed nitkellmu fuq ordni, imma fuq il-konfiska proprja.

Fl-aħħar għandek l-appell u dan jista' jsir fuq il-ħtija u fuq il-konfiska f'appell wieħed. Terzi persuni se jkollhom id-dritt li joġġezzjonaw għall-konfiska ta' proprjetà kkonfiskata li fiha jkollhom xi interess, billi wara li jtemmu l-proċeduri kriminali – se jkollhom id-dritt waqt il-proċeduri kriminali kif ukoll wara l-pronunzjament tal-qrati – jippreżentaw kawża fil-qorti ċivili fi żmien sitt xhur minn mindu ssir il-konfiska definittiva.

Rigward il-konfiska bla sejbien ta' ħtija, lil hinn mid-diskussjonijiet li għaddejjin fuq livell

Ewropew dwar dan is-suġġett, rajna wkoll li nkomplu nsaħħu l-provvediment eżistenti billi tali reati li huma riżultat ta' ksur ta' sanzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jwasslu anke għall-konfiska bla sejbien ta' ħtija b'żieda mas-sanzjonijiet tal-Ġnus Magħquda li huma diġà koperti.

Dwar it-tranżizzjoni, il-liġi attwali se tibqa' applikabbli għall-każijiet li jkunu bdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi, sakemm l-imputat ma jagħmilx rikors biex ikunu applikati l-proċeduri l-ġodda, imbagħad f'dak il-każ tkun il-qorti li tiddetermina l-modalità ta' din it-tranżizzjoni. Din hija riforma li se twassal biex l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna jsostnu l-ħidma u l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu r-reati finanzjarji. Dan billi tindirizza l-isfidi li ħabbtu wiċċhom magħhom l-istituzzjonijiet Maltin fl-aħħar ftit snin f'dan is-settur, fosthom l-Asset Recovery Bureau, li diġà għamilt referenza għalih, li seta' jkun f'pożizzjoni li jiddisponi u jbigħ proprjetà li tkun 'peribbli' jew li n-nefqa biex tiġi mantnuta u miżmuma sew ma tkunx ekonomikament vijabbli.

Kif kelli l-okkażjoni li nispjega f'konferenza stampa li għamilt qabel ma ġew ippubblikati dawn il-proposti ġimagħtejn ilu, flimkien mal-Eks Imħallef Antonio Mizzi, il-Kummissarju tal-Liġijiet, li minn hawnhekk nirringrazzjah tal-impenn tiegħu fuq din ir-riforma importantissima, dan l-Abbozz ta' Liġi kien ifformolat wara konsultazzjoni u numru ta' diskussjonijiet ma' stakeholders varji. Wara l-analiżi inizjali li twettqet mill-Kummissjoni tal-Liġijiet, skatta proċess ta' abbozzar li sar f'diskussjoni kontinwa mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, mal-Avukat tal-Istat u diversi membri tal-professjoni legali li jipprattikaw fil-qasam penali u tad-drittijiet fundamentali. Dan bil-għan li kemm jista' jkun jiġu inkorporati l-aspetti kollha, u jkun assigurat li d-drittijiet tal-imputat u anke tal-Istat, minħabba li qed nitkellmu dwar white-collar crimes, ikunu salvagwardati mingħajr ma jiksru xi dritt fundamentali.

Finalment saret konsultazzjoni u analiżi dettaljata min-National Coordinating Committee on Combating Money Laundering and Funding of Terrorism (NCC). Dan il-Kumitat, li huwa importantissimu, jiġbor fi ħdanu is-segretarji permanenti tal-Ministeru għall-Ġustizzja u tal-Ministeru għall-Finanzi, iċ-chairpersons tal-Asset Recovery Bureau (ARB), tal-Malta Financial Services Authority (MFSA), tal-Malta Gaming Authority (MGA) u tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU), il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali. Flimkien mal-Kumitat kien hemm ukoll numru ta' persuni kwalifikati u esperti fis-settur li fformaw parti minn dan il-proċess, kif ukoll esperti barranin li assistew biex ikollna l-aħjar qafas legali f'dan is-settur.

Sur President, dan l-Abbozz ta' Liġi huwa riżultat ta' ħidma intensiva, komprensiva u għaqlija. Jien ċert li se nibbenefikaw ukoll minn dan id-dibattitu, li hu proċess parlamentari importantissimu fil-promulgazzjoni tal-liġijiet f'pajjiżna biex verament ikollna liġi li b'mod sod tissalvagwarda u tħares l-ordni pubblika fil-kuntest tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, li hu dejjem meħtieġ f'soċjetà demokratika. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali):** Sur President, xtaqt nikkontribwixxi f'dan id-dibattitu għax dan huwa Abbozz ta' Liġi importanti li tajjeb li jkollna diskussjoni ampja dwaru.

Dan l-Abbozz qed jemenda diversi liġijiet, però fis-sustanza qed nitkellmu dwar tliet pakketti ta' emendi. L-ewwel pakkett ta' emendi jirrigwarda l-ordnijiet ta' sekwestru li jinħarġu mill-qorti kriminali fuq talba tal-Avukat Ġenerali fuq informazzjoni riċevuta waqt li tkun għaddejja investigazzjoni. It-tieni pakkett ta' emendi jirrigwarda l-freezing orders li jinħarġu mill-qorti meta persuna titressaq il-qorti b'reat relevanti, u ċjoè reat li jħalli rikavat, però dawn jinħarġu l-aktar wara reati finanzjarji. It-tielet pakkett ta' emendi huma marbutin mal-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità. Għaldaqstant fil-ftit minuti li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi nixtieq ngħaddi ftit ħsibijiet dwar kull wieħed minn dawn it-tliet pakketti li jittrattaw ordnijiet ta' sekwestru, ordnijiet ta' qbid u ffriżar u konfiska ta' rikavat mill-kriminalità.

Nibda billi nitkellem dwar l-ordni ta' sekwestru u se mmur lura għall-1994 meta saret l-ewwel liġi dwar il-money laundering. Niftakar li kont għadni student u segwejt b'interess meta l-ordni

ta' sekwestru setgħet tinħareġ biss għal 30 jum. Bħalma jiġri fil-kawżi ċivili, ma setax ikollok sekwestru kawtelatorju li jieħu fit-tul mingħajr ma tinfetaħ il-kawża. Kif nafu, ma jistax ikollok sekwestru kawtelatorju li jiġi intavolat u milqugħ li jitħalla pendenti, imma bilfors trid tiftaħ kawża.

Il-Gvern Nazzjonalista fl-1994 baqa' b'din is-sitwazzjoni sakemm spiċċa mill-gvern u ftit li xejn kienu jitressqu nies fuq ħasil ta' flus. Fil-fatt, minkejja dak li jingħad f'dan il-Parlament, u minkejja li jkun hemm min jitkellem ħafna dwar il-ħtieġa li niġġieldu l-ħasil ta' flus, jekk naraw kemm attwalment tressqu nies fuq ħasil ta' flus dak iż-żmien insibu li tressqu ftit jew xejn. Kienu jsiru l-investigazzjonijiet imma ġenwinament la naf l-ammont u lanqas il-kwalità. Li hu żgur hu li fi żmien Gvern Laburista dawn l-investigazzjonijiet kienu jsiru u għadhom qegħdin isiru.

Tant hu hekk, li l-ispjegazzjoni loġika għal emenda li saret fl-Att kontra Money Laundering fl-2015 hi li bdew jinqalgħu ċerti każijiet fejn l-awtoritajiet, wara t-terminu ta' 30 jum, la kienu ppreparati biex iressqu u lanqas ma riedu jissograw li l-ordni ta' sekwestru tiskadi. Għalhekk ġara li fl-2015, permezz tal-Att Nru II tal-2015 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet, – din id-darba ma kontx student, imma kont involut attivament f'din il-ħaġa – il-perjodu twal għal 45 jum li setgħu jitwalu b'45 jum ieħor, jiġifieri b'total ta' 90 jum.

Fl-2020, il-perjodu ta' ordni ta' sekwestru żdied għal sitt xhur li seta' jitwal b'sitt xhur oħra, jiġifieri qed nitkellmu fuq sena b'kollox. L-estensjonijiet taż-żmien ta' din l-ordni saru fis-snin li semmejt u fi żmien Gvern Nazzjonalista t-terminu kien ta' 30 jum biss, allura ħadd ma jista' jakkuża lil dan il-Gvern li mhux qed jiġġieled il-kriminalità bis-serjetà għax assolutament mhuwiex il-każ. Nirrepeti li fi żmien Gvern Nazzjonalista ma kontx tisma' bi prosekuzzjonijiet fuq ħasil ta' flus, u aħna nafu li dak iż-żmien Gvern Nazzjonalista kien jiġi f'xifer l-inkwiet mal-Organisation for Economic Co-operation and Development (OECD) minħabba kwestjonijiet ta' ċentru finanzjarju offshore. Aħna niftakru dawk id-diskussjonijiet li segwejniehom bir-reqqa.

Jiġifieri jien, bid-dovut rispett, żgur mhux se noqgħod nimpressjona ruħi b'min jgħid li Gvern Nazzjonalista kien jiġġieled b'saħħa r-reati tal-ħasil ta' flus. Ma rridx noqgħod nispekula u ma rridx noqgħod nattribwixxi motivi ulterjuri, għax dak ħaddieħor jagħmlu ħafna aħjar minni, imma żgur li s-sitwazzjoni ta' ħallih iħabbat li kien hemm fi żmien Gvern Nazzjonalista m'għamlitx ġid lil dan il-pajjiż. Fil-fehma tiegħi, meta konna fl-Oppożizzjoni – jien servejt fl-Oppożizzjoni għal ħames snin – stajna tkellimna b'mod aktar b'saħħtu dwar dan in-nuqqas tal-Gvern Nazzjonalista, però jibqa' l-fatt li aħna l-politika nagħmluha fil-Parlament bid-dibattiti politiċi u mhux fil-qorti u wisq inqas fid-Depot tal-Pulizija.

Apparti minn hekk, dawn huma kwestjonijiet ta' natura politika u aħna mhux qegħdin hawnhekk biex noqogħdu niddiskutu l-passat, imma rridu niddiskutu l-preżent. Meta l-liġi dwar l-ordnijiet ta' sekwestru ħraxet, bdejna nersqu lejn il-periklu li meta niġu għall-prattika, il-prinċipju tal-proporzjonalità ma jkunx rispettat. Dak li sar kien hemm bżonn li jsir. Ma sarx kapriċċjożament, imma jekk hemm bżonn jiġi aġġustat, dan għandu jsir ukoll. Il-proċess għas-sejbien tal-bilanċ huwa wieħed gradwali, fejn jekk wieħed ma jkollux il-kuraġġ li jbiddel, eventwalment jiddispjaċih.

Jien nifraħ lill-Ministru Jonathan Attard li qed jagħmel dawn l-emendi li, fil-fehma tiegħi, huma tajbin għax iressquna lejn is-sejbien tal-bilanċ. Kien hemm diversi digrieti u sentenzi tal-qrati f'Malta kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea Džinić vs Croatia tas-16 ta' Mejju 2016 li jagħtu parir kif għandna nipproċedu f'dan ir-rigward. M'għandix biżżejjed ħin biex nispjega din is-sentenza, però nħeġġeġ lil min qed jismagħna biex jara din is-sentenza ħalli jkun jista' japprezza aktar kemm dawn l-emendi huma xierqa u bżonjużi.

F'dan l-Abbozz m'aħniex ngħidu li l-ordni ta' investigazzjoni se terġa' tiġi ta' 30 jum jew ta' 45 jum, imma qed ngħidu li se nħalluha sa sitt xhur, però ma tkunx tista' tiġġedded. Jekk wara sitt xhur tinvestiga l-Pulizija ma tkunx f'pożizzjoni li tippreżenta quddiem l-Avukat Ġenerali każ li jkollu prospett raġonevoli ta' suċċess, is-soluzzjoni mhijiex u m'għandhiex tkun li l-ordni ta' sekwestru tkompli jitwal, iżda li jekk l-investigazzjoni tkun affidabbli tkompli mod ieħor.

Din il-miżura tista' twassal għall-eliminazzjoni tat-tentazzjoni tal-prokrastinazzjoni. Wara sitt xhur trid tara fiex wasalt u ma tistax tkompli ttawwal. Jekk il-prosekuzzjoni jkollha biex

tressaq, trid tressaq. Peress li l-perjodu ta' sitt xhur sekwestrar mhuwiex perjodu li kulħadd jista' jgħixu faċilment, qegħdin nipprovdu rimedji dwar l-ordni ta' sekwestru li jippermettu l-għajxien tal-persuna u jagħtu wkoll dritt ta' appell. Dawn huma s-salvagwardji proċedurali meħtieġa f'kull soċjetà demokratika.

Sur President, ngħaddi issa għall-ordnijiet ta' ffriżar b'mod spedit, għax tajt il-kelma tiegħi li mhux se ntawwal. Il-problema prinċipali dwar dawn l-ordnijiet ta' ffriżar hi li mhux qed ikunu limitati għall-proprjetà li tkun ir-rikavat mill-kriminalità jew għall-valur ekwivalenti tagħha, iżda qed ikopru l-proprjetajiet kollha tal-imputat. Il-qrati taw diversi digrieti fejn affermaw li ordni ta' ffriżar ma tistax tiġi varjata minnhom u dan ikompli jikkomplika s-sitwazzjoni. Kif turi s-sentenza tal-Qorti Ewropea Džinić vs Croatia, hu x'inhu l-iskop leġittimu għall-iffriżar, m'għandux jillimita d-dritt tal-użu tal-proprjetà li wieħed ikun jipposjedi bla bżonn. Għalhekk, fil-fehma tiegħi dan l-Abbozz ta' Liġi korrettament għandu jipprovdi li l-ordni ta' ffriżar għandha tiġi kwantifikata, għall-inqas wara ċertu żmien minn mindu toħroġ.

Hemm ukoll diversi salvagwardji proċedurali fil-każ tal-ordni tal-iffriżar, bħalma hu d-dritt tal-appell u l-possibbiltà li l-ordni tiġi varjata matul il-kors tal-kawża. Kemm fil-każ tal-ordni tal-iffriżar kif ukoll fil-każ tal-ordni ta' sekwestru, se tingħata aktar diskrezzjoni lill-qrati li jippermettu għajxien diċenti tal-imputat matul il-kawża.

Finalment nixtieq nitkellem dwar l-emendi għall-konfiska. L-Abbozz qed jipproponi li jbiddel is-sistema tal-konfiska b'mod li l-Qorti Kriminali l-ewwel issib il-ħtija, imbagħad hi stess tgħaddi biex tidentifika l-proprjetà li għandha tkun konfiskata u toħroġ ordni ta' konfiska dwar dik il-proprjetà. Dan l-Abbozz qed jipprova jqassar il-proċeduri billi jevita li dwar il-konfiska jkollhom jinfetħu proċeduri ċivili separati quddiem qorti li trid teżamina l-każ mill-ġdid.

Għaldaqstant naħseb li dan l-Abbozz huwa bilanċjat u dan il-bilanċ jirrifletti ruħu fir-reazzjonijiet pożittivi li kien hemm għalih. Jien iltqajt ma' ħafna avukati ħbieb tiegħi li nafhom sew u ħdimt diversi snin magħhom fil-qrati, anke meta kont Ministru responsabbli minn dan is-settur, li lkoll kellhom kelma waħda, ċjoè li dawn l-emendi fl-aħħar qed iressqu s-sitwazzjoni lejn il-bilanċ. Huwa veru li, bħal kollox, hawn min qed jikkritikah, però min qed jikkritika dan l-Abbozz mhux qed jikkonsidra l-eżiġenzi tal-kwadru legali kollu, sfortunatament kif ta' spiss jagħmel min jirraġuna biss abbażi ta' passjoni politika.

Nixtieq nagħmel appell lil dawk kollha li se jipparteċipaw f'dan id-dibattitu biex niffokaw fuq dak li hu sew u fuq dak li hu korrett. Ejja niffokaw fuq dak li hemm bżonn isir biex il-liġijiet tagħna jkunu bilanċjati, ikunu jagħmlu sens u jersqu dejjem aktar lejn il-ħtieġa li wieħed isib il-proporzjonalità. Sfortunatament, dan l-Abbozz ta' Liġi hawn min għadu qed jikkonsidrah abbażi ta' konsiderazzjonijiet politiċi, però rridu nitkellmu dwar il-legalità. Irridu nitkellmu dwar il-bżonn li nkunu ġusti fil-liġijiet tagħna u li l-liġijiet tagħna jirrispettaw il-pronunzjamenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Sur President, kif diġà għedt, Gvern Laburista ġġieled il-kriminalità fil-prattika u ħaddieħor daħħal il-liġijiet u ħalliehom reqdin. Fil-każ tagħna rridu naraw li jkollna bilanċ u proporzjonalità fis-sistema legali tagħna. Għalhekk, naqbel mija fil-mija ma' dan l-Abbozz ta' Liġi li, kif spjegajt, se jagħmel emendi importanti li jersqu lejn il-bilanċ li tant hemm bżonn fejn jidħlu l-ordnijiet ta' sekwestru, l-ordnijiet ta' qbid u ffriżar, kif ukoll il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, mhux qed nistagħġeb bid-diskorsi li għadhom kif għamlu l-Ministru Jonathan Attard u l-Ministru Owen Bonnici, għax dawn id-diskorsi ġejjin min-naħa tal-Gvern u mhux min-naħa tal-Oppożizzjoni. Mhux qed nistagħġeb għax fl-aħħar għaxar snin, fi kwalunkwe okkażjoni li kellha tittieħed deċiżjoni jekk inkunux favur iċ-ċittadin Malti u Għawdxi jew favur il-kriminali, in-naħa l-oħra tal-Kamra dejjem għażlet b'mod konsistenti li tkun favur il-kriminalità. Dan huwa mument ta' prova li jkompli mas-sensiela ta' deċiżjonijiet ħżiena li ħa dan il-Gvern mill-2013 sal-lum.

F'dan id-diskors se nispjega x'ġara u se nsemmi ċerti affarijiet li l-Ministru konvenjentement għażel li ma jgħidx, jew għax ma jafhomx jew inkella għax min kitiblu d-diskors deherlu li

m'għandux iħallih jgħidhom. Fis-27 ta' Novembru 2023, u allura ġimgħat biss ilu, il-Ministru sejjaħ press briefing – mhux konferenza tal-aħbarijiet – fejn laqqa' l-ġurnalisti madwar mejda u qalilhom li se jressaq abbozz ta' liġi ġdid.

Kien hemm ġurnalist li bagħatli messaġġ fejn qalli li milli jidher il-Ministru kien se jħabbar xi ħaġa kbira biex il-problemi kbar li għandna fil-qrati ta' pajjiżna, u l-kollass li għandna fis-sistema tal-ġustizzja tagħna, jiġu indirizzati malajr. U kien hemm ċerta ħerqa fost il-ġurnalisti biex jaraw x'kien se jħabbar il-Ministru. Kulħadd kien qed jaħseb li l-Ministru se jħabbar xi investiment grandjuż fil-bini tal-Qorti. Kulħadd kien qed jaħseb li l-Ministru se jħabbar xi impenn ta' reklutaġġ kbir biex ikollna aktar ħaddiema fil-Qorti. Kulħadd kien qed jaħseb li l-Ministru se jħabbar xi riforma straordinarja fil-proċeduri tagħna biex jinqata' d-dewmien fil-kawżi u biex ikollna aktar effiċjenza. Imma minflok ħabbar dan li qed insemmi. Il-Ministru ħabbar liġi li tiffavorixxi l-kriminalità u tagħti drittijiet lill-persuni akkużati u involuti fil-kriminalità!

Il-Ministru ħareġ stqarrija fejn ftaħar li dan l-Abbozz ta' Liġi joħloq bilanċ bejn l-interessi ġenerali tas-soċjetà u d-drittijiet tal-persuna suspettata jew imputata, u fl-aħħar tad-diskors tiegħi se nitlob il-permess biex inqiegħed kopja ta' din l-istqarrija fuq il-Mejda tal-Kamra. Imma trid taqra biex temmen dak li qed jgħid il-Ministru! Trid tipprova tara x'kellu f'moħħu l-Ministru meta mar jagħmel dan l-aġġornament għall-istampa biex jipprova jbellagħha lil kulħadd li qed jagħmel xi liġi favur iċ-ċittadin Malti u Għawdxi. Din hija kollox minbarra liġi favur iċ-ċittadin Malti u Għawdxi.

Irrid nispjega d-diversi istanzi fejn din il-proposta ta' liġi mhux qed tpoġġi lil pajjiżna f'sitwazzjoni aħjar, imma qed tpoġġih f'sitwazzjoni agħar. Hemm differenza bejn il-persuni involuti fil-kriminalità u l-organizzazzjonijiet kriminali u l-Istat, ikun liema stat ikun, kemm Malti u anke ta' pajjiżi oħrajn. L-Istat għandu diversi għodod imma l-ikbar għodda li għandu hija l-liġi. Il-liġi jfassalha dan il-Parlament, imbagħad l-Istat jużaha u jħaddimha biex jipproteġi lis-soċjetà mill-kriminalità.

Aħna għandna diversi istituzzjonijiet tal-Istat li huma intiżi, mibnijin, ippjanati u mħeġġa biex jiġġieldu l-kriminalità, u lil dawn nagħtuhom diversi għodod, fosthom drittijiet, poteri u setgħat biex jeżerċitaw b'mod li l-interessi tas-soċjetà jiġu mħarsa minn min għandu intenzjonijiet ħżiena li jwettaq il-kriminalità. Pereżempju l-Pulizija u awtoritajiet oħrajn jidentifikaw min huma l-persuni li jkunu qed iwettqu reati kriminali, jinvestigaw lil dawk il-persuni bid-diversi għodod li għandna, iressquhom u jakkużawhom quddiem il-qrati ta' pajjiżna, imbagħad tkun il-Qorti li tiddeċiedi jekk persuna hijiex ħatja jew le u tagħti s-sentenza. Dawk li jinstabu ħatja li wettqu atti ta' kriminalità, l-affarijiet li jkunu qalgħu minn dawk l-atti jiġu kkonfiskati favur il-Gvern, jiġifieri favur is-soċjetà Maltija.

Allura hemm din l-istruttura sħiħa, u dawn l-għodod kollha li l-Istat għandu l-poter li juża biex jiġġieled il-kriminalità. Naturalment dawn l-għodod u dawn l-istituzzjonijiet jaħdmu jekk minn fuq nett tat-tmexxija tal-Istat Malti – hawn mhux qed nirreferi għall-President, imma qed nirreferi għall-Prim Ministru u għall-Kabinett, jiġifieri l-Gvern – ikun hemm ir-rieda li tiġi miġġielda l-kriminalità. Jekk ma jkunx hemm din ir-rieda, l-istituzzjonijiet l-oħrajn jifhmu dak il-messaġġ u joqogħdu lura. U dan hu li ġara fl-aħħar għaxar snin. Aħna għandna Gvern li l-ħin kollu jibgħat il-messaġġ li wieħed ma jagħmel xejn dwar ċerti reati serji ta' kriminalità u jħallihom għaddejjin biex min hu fil-poter ikun protett.

Kieku ma kienx hekk, kieku diġà għandna prosekuzzjoni dwar diversi politiċi li kienu involuti fil-kriminalità. Kieku diġà għandna nies li wara snin li ġew żvelati l-Panama Papers, ġew akkużati l-qorti, imma dawn tħallew jiġru mas-saqajn. Kieku diġà għandna min qiegħed iservi sentenza ta' ħabs dwar reati serji li nafu li seħħew f'pajjiżna, imma minflok għandna sitwazzjoni fejn dawn l-istituzzjonijiet, li l-Gvern jiftaħar li qegħdin jaħdmu, qegħdin ċiċċi beqqi kif ngħidu bil-Malti, għax minn fuq nett intbagħat il-messaġġ li dawn l-istituzzjonijiet m'għandhomx jidentifikaw u jipprosekwixxu persuni involuti fil-politika.

Sur President, niġi issa għal numru ta' punti li joħorġu minn dan l-Abbozz ta' Liġi u kif dan l-Abbozz minflok ma jsaħħaħ idejn l-Istat, qiegħed idgħajfu fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Mela ħalli nieħdu xenarju fejn għandek il-Pulizija jew xi awtorità oħra li tissuspetta li hemm persuna involuta fil-kriminalità. Pereżempju jkun hemm xi ħadd li jibda jgħix ħajja lussuża ħafna u

kulħadd jibda jistaqsi kif jista' jkun li qed jgħix din il-ħajja jekk m'għandux dħul li jikkompara mal-ħajja li qed jgħix. Fil-passat kellna każijiet ta' nies li għexu ħajja eżorbitanti, ta' lussu kbir, tant li jkun hemm min togħkru għajnu u jibda jiċċekkja fuqu. L-istituzzjonijiet suppost jagħmlu stħarriġ fuq il-passat ta' dan l-individwu, jaraw xi proprjetà seta' xtara jew wiret, jekk kellux negozju, jekk kellux xi dħul ieħor u jibdew iqabblu.

Pereżempju kellna lil xi ħadd li għamel ma nafx kemm-il sena jirreġistra, imma mbagħad kellu karozzi lussużi kbar u kien jgħix ħajja ta' lussu. Ma jistax ikun li meta tkun qed tirreġistra tmur tilgħab il-flus il-casino jew tixtri sitt karozzi lussużi! Bilfors hemm xi ħaġa ħażina. F'dak il-każ suppost l-Istat jibda jħaddem l-istituzzjonijiet biex jaraw minn fejn ġej il-ġid ta' dak l-individwu. Waħda mill-għodod li hemm meta jaslu f'ċerta pożizzjoni hija li tintalab ordni ta' sekwestru, u dan huwa meta l-Pulizija, l-Avukat Ġenerali jew xi istituzzjonijiet oħrajn jirrealizzaw li hemm xi ħadd li qed jagħmel reati kriminali u li għandu ċertu ġid. L-Avukat Ġenerali jmur quddiem l-Imħallef fil-Qorti Kriminali u jitolbu biex tinħareġ ordni ta' sekwestru għax għandu s-suspetti u għandu l-ġbir ta' provi għaddejjin kontra dak l-individwu, u l-Imħallef jawtorizza li ssir dik l-ordni ta' sekwestru.

B'hekk, il-ġid ta' dak l-individwu jiġi sekwestrat u ma jkun jista' jagħmel xejn bih. Dan isir għax l-Istat għandu l-obbligu li jipprevjeni l-kriminalità u din hija waħda mill-għodod kif l-Istat jista' jintervjeni fil-konfront ta' persuna, iwaqqafha milli tkompli tagħmel użu mill-ġid tagħha u jipprevjeni atti akbar ta' kriminalità. Din isservi wkoll biex l-istituzzjonijiet ikomplu jinvestigaw u jibnu l-provi kontra dik il-persuna.

Is-sitwazzjoni llum hi li l-ordni ta' sekwestru toħroġ għal sitt xhur, jiffirmaha l-Imħallef, tiġi infurzata, imbagħad wara li jgħaddu sitt xhur, jew tiskadi u tieqaf hemmhekk, inkella l-Avukat Ġenerali jrid jerġa' jmur quddiem l-Imħallef fil-Qorti Kriminali, jgħidlu xi rnexxielu jagħmel, jurih l-elementi ġodda li ma kienx skopra fit-talba oriġinali tiegħu, u jitolbu li abbażi tal-informazzjoni ġdida li għandu, jestendilu l-ordni ta' sekwestru għal sitt xhur oħra, jiġifieri massimu ta' sena. L-Imħallef jiddeċiedi u mhux l-Avukat Ġenerali jekk jagħtix l-awtorizzazzjoni jew le. Jista' jgħidlu li m'għamel xejn, u la m'għandux aktar provi, m'għandux ikompli b'dik l-ordni ta' sekwestru għax ikun qed jinvadi l-ħajja ta' dak li jkun b'mod inġust.

Min-naħa l-oħra, jekk l-Imħallef jidhirlu li l-Pulizija u l-Avukat Ġenerali qed jiġbru l-provi u għandhom aktar informazzjoni milli kellhom qabel li tiġġustifika għalfejn għandu jkun hemm dik l-ordni ta' sekwestru, jawtorizza li ssir. Mela din l-idea li qisu hemm xi ħadd li jista' jaqbad u joħroġ l-ordni ta' sekwestru biex ipattiha lil xi ħadd, jew biex jagħti xi kastig lil xi ħadd b'mod inġust, ma teżistix. Dan għax għandek l-Avukat Ġenerali li qed jeżerċita l-poteri tiegħu, qed imur għand l-Imħallef, li jien nifhem li jkun qed jiċċekkja kif suppost u għandi fiduċja li hekk ikun qed isir, u meta tintalab dik l-estensjoni, l-Imħallef irid jiċċekkja li hemm aktar informazzjoni. U din il-liġi tgħidha b'mod ċar. Jiġifieri dan ma jsirx b'mod kapriċċuż, imma b'mod informat, ibbażat fuq l-affarijiet li jitressqu quddiem l-Imħallef għad-deċiżjoni tiegħu.

Il-Gvern qed jgħid li hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn l-ordni ta' sekwestru toħroġ għal sitt xhur u tista' tiġi estiża sa sena. Mela din hi għodda b'saħħitha ħafna f'idejn l-Istat biex jiġġieled il-kriminalità. Anzi hawn l-Istat ikun fl-ewwel fażi, fejn ikun għadu qed jidentifika u jinvestiga l-kriminalità li tkun għaddejja.

Issa l-Ministru qed jipproponi li minflok ma nżidu mal-poteri tal-Istat u tal-awtoritajiet biex jagħmlu investigazzjonijiet aktar fil-fond u aktar effettivi, qed jgħid li ż-żmien ta' sena għandna nnaqqsuh bin-nofs u nagħmluh sa massimu ta' sitt xhur li ma jistgħux jiġġeddu għall-ebda raġuni oħra. Hawn nirreferi għas-subartikolu 35(5) li jgħid hekk:

> "u l-qorti tista', wara li ssir talba mill-Avukat Ġenerali, u meta tkun sodisfatta li jeżistu raġunijiet sufficjenti, testendi l-validità ta' dik l-ordni ta' sekwestru għal perjodu ieħor ta' sitt (6) xhur."

Mela hawnhekk mhux qed ngħidu li għax l-Avukat Ġenerali deherlu li għandu jimpika ma' xi ħadd, kapriċċjożament se jaqbad u jestendi ż-żmien, imma jrid jagħti r-raġunijiet.

Il-Ministru qed jgħid li hemm massimu ta' sitt xhur u ma jistgħux jiġu estiżi. Għalhekk huwa ċar li l-intenzjoni mhijiex li l-Ministru jsaħħaħ idejn l-Avukat Ġenerali, idejn l-istituzzjonijiet ta'

pajjiżna fil-ġlieda kontra l-kriminalità, imma li jdgħajjifhom. Ma nafx x'inhi din il-biża' li jekk tressaq raġunijiet tajbin biżżejjed, l-ordni ta' sekwestru tiġi estiża għal sitt xhur oħra. Din hija mistoqsija rettorika, imma naħseb li min qed isegwina jaf x'inhi r-risposta, u ninsab konvint li anke inti, Sur President.

Ma nafx għalfejn illum, ġimagħtejn qabel il-Milied, qed niġu f'dan il-Parlament b'għaġla kbira u minflok ma niddiskutu liġijiet oħrajn li ilhom pendenti f'dan il-Parlament għal xhur sħaħ, qed niddiskutu din il-proposta ta' liġi li l-Gvern irid jgħaddiha qabel il-Milied! Lil min irid jagħti rigal il-Gvern qabel il-Milied biex iserraħlu moħħu?! M'għandix għalfejn insemmi ismijiet, għax kulħadd jaf min! Kieku jistgħu, in-nies jagħtu isem u kunjom lil din il-liġi! Huwa ċar li l-intenzjoni tal-Ministru mhijiex li f'pajjiżna jkollna liġijiet aktar b'saħħithom imma li jdgħajjef il-liġijiet ta' pajjiżna u jdgħajjef idejn l-awtoritajiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Għaldaqstant din in-naħa tal-Kamra ma taqbilx li l-ordnijiet ta' sekwestru jistgħu jsiru sa massimu ta' sena u qed tgħid li l-perjodu ta' validità tagħhom għandu jitnaqqas għal massimu ta' sitt xhur. Aħna nafdaw f'idejn l-imħallfin li jekk l-Avukat Ġenerali għandu provi biżżejjed u raġunijiet suffiċjenti, kif tgħid il-liġi, l-ordni ta' sekwestru tista' u għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra. Aħna nafdaw f'idejn l-imħallfin li jieħdu dik id-deċiżjoni biex ikunu jistgħu jipproteġu lis-soċjetà Maltija mill-kriminalità organizzata u minn reati serji li għandhom effett fuq is-soċjetà tagħna.

In-nies illum jirrealizzaw li reati serji f'dan il-pajjiż, bħalma hu l-ħasil tal-flus, m'għadhomx reati li ma jaffettwaw lil ħadd. Staqsu lil kull min imur il-bank. Staqsu lil kull min ikun involut f'kuntratt. Il-proċeduri, l-insistenza u l-mistoqsijiet li jsiru lil dak li jkun huma tajbin, imma minħabba l-Gvern inħolqot sitwazzjoni ta' suspett fuq kulħadd, tant li jekk wieħed jipprova jagħmel negozju b'mod leġittimu, kważi jħoss li qed jagħmel xi ħaġa ħażina! Allura l-Gvern m'għandux jagħmel affarijiet li bihom minflok ma jsaħħaħ l-għodod li għandu l-Istat, idgħajjifhom u jkissirhom.

Sur President, it-tieni qasam li l-Ministru ddeċieda li jemenda huwa dak tal-ordnijiet ta' ffriżar. Se nispjega ftit għax forsi dak li jkun ma jaħsibx li din hija xi ħaġa kkomplikata jew li qed nitkellmu dwar xi ħaġa li ma tistax tinftiehem. Ordni ta' ffriżar hi meta xi ħadd jitressaq il-Qorti wara li l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija jakkużawh b'numru ta' reati. U minħabba n-natura ta' dawk ir-reati, l-Avukat Ġenerali jitlob li l-ġid ta' dak li jkun jiġi ffriżat. Għandna diversi liġijiet f'pajjiżna li jitkellmu dwar il-possibbiltà li jiġri hekk. Jiġifieri jekk għandek flus il-bank, jekk għandek proprjetà, jekk għandek vetturi u kwalunkwe ġid li għandek, dan se jinqabad. Ir-raġuni għalfejn jinqabad dak il-ġid hi li inti tkun qed tiġi akkużat li dak il-ġid jew il-ġid kollu li għandek, ġibtu minn reati ta' kriminalità.

Ħalli nagħmlu parentesi żgħira. Hemm reati li fihom wieħed faċilment jidentifika xi jkun ġab mill-kriminalità, imma hemm ħafna reati oħrajn u ħafna sitwazzjonijiet oħrajn fejn il-flus jew il-ġid li wieħed jaqla' mill-kriminalità ma jkunx daqshekk faċli biex tidentifikahom u tgħid li din hi l-ħaġa jew dan hu l-ammont. Dan għax il-kriminal ma jisraqx €100,000 u jmur ipoġġihom f'kont jew f'xi safe u jżommhom hemm. Il-kriminal jaqbad il-€100,000 u jixtri biċċa proprjetà, imbagħad ipartatha, imbagħad jagħmel biċċa negozju ieħor u jibda jħawwad l-affarijiet biex jekk xi ħadd jibda jistaqsi, isibha diffiċli biex jidentifika minn fejn ġew u fejn marru. Dan hu parti mill-proċess li jużaw il-kriminali, inkluż negozji leġittimi, biex jgħattu l-provenjenza tal-ġid tagħhom u jħawduh ma' affarijiet oħrajn. Għalhekk, mhux dejjem ikun faċli li l-awtoritajiet jgħidu x'inhu l-ammont jew il-ħaġa partikolari.

Ma jkunx faċli li tgħidlu li dik il-villa xtraha minn hekk, anzi ħafna drabi jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jsir hekk. Il-liġi tagħna tgħid li toħroġ ordni ta' ffriżar kontra l-persuna u dak kollu li għandha dik il-persuna jiġi ffriżat. Pereżempju jekk għandek kont il-bank, ma tistax tużah għax jiġi avżat il-bank u jiġi ffriżat. Jekk ikollok investiment jew ishma f'xi kumpanija jew f'xi negozju, dak jieqaf u ma tistax tużah. Jekk ikollok xi kont moħbi xi mkien jiġi ffriżat ukoll għax jiġu avżati d-diversi istituzzjonijiet finanzjarji li hawn f'pajjiżna u jwaqqfulek l-affarijiet.

L-ordni ta' ffriżar mhijiex deċiżjoni finali jekk intix ħati jew le, imma hija ordni intiża biex ladarba inti akkużat, l-Istat jipprevjeni milli tkompli għaddej bil-kriminalità jew li tagħmel profitt mill-kriminalità jew li tgħatti xturek f'affarijiet ta' kriminalità li tkun għamilt. L-Istat għandu dan il-privileġġ li ma jistax ikun f'idejn

persuna privata, imma huwa riservat għall-Istat. L-ebda persuna oħra jew istituzzjoni privata m'għandha dan il-privileġġ ħlief l-Istat, għax l-Istat hija fin-natura tiegħu li jipproteġi lis-soċjetà b'mod ġenerali. Għalhekk, bħalma ngħidu li l-Istat għandu d-dritt li jipproteġi l-erarju pubbliku, jiġifieri d-dħul tiegħu, bl-istess mod għandu ċerti privileġġi li joħorġu mil-liġi li jgħinuh jiġġieled il-kriminalità.

Bħalissa l-interpretazzjoni li qed tingħata mill-qrati hi li ladarba toħroġ ordni ta' ffriżar, ma tistax tiġi varjata. Qed ngħid dan għax kien hemm istanzi fil-passat fejn ġew varjati ordnijiet ta' ffriżar, ġew rilaxxati l-affarijiet u ġew mibdulin ċerti kondizzjonijiet. Allura llum, wara diversi snin ta' esperjenza, għandna sitwazzjoni fejn l-interpretazzjoni, li issa hija konsistenti, hi li l-ordnijiet ta' ffriżar ma jistgħux jiġu varjati.

Ħalli nispjega x'qed jipproponi li jagħmel il-Gvern b'din il-proposta ta' liġi. Il-Gvern qed jgħid li jekk inti titressaq il-qorti, min iressqek fl-ewwel 90 jum irid jippreżenta u jgħid liema proprjetà jew valur ta' flus ġejjin mill-kriminalità. Mela dan għandu tliet xhur fil-prosekuzzjoni u jrid jiddikjara hu, imbagħad jekk ma jiddikjarax jista' jitlob li jestendi għal tliet xhur oħra, allura b'kollox sitt xhur, imbagħad wara s-sitt xhur l-ordni ta' ffriżar taqa' u min ikun akkużat jista' jitlob li l-ordni ta' ffriżar titneħħa.

Fil-preżent, il-prosekuzzjoni titlob li tinħareġ ordni ta' ffriżar, tiġi mwettqa u matul il-proċedura kollha tibqa' b'dik l-ordni ta' ffriżar. Issa l-Gvern qed jgħid li mhux hekk, imma li fl-ewwel tliet xhur estendibbli għal tliet xhur oħra l-prosekuzzjoni trid tidentifika x'inhu r-rikavat mill-kriminalità. Dan imur kontra prinċipju, jien ngħid importanti, speċjalment fejn jidħlu ċerti reati. Pereżempju fil-ħasil tal-flus, min hu akkużat u mhux il-prosekuzzjoni jrid juri li dak li għandu mhux ġej mill-kriminalità, jew minn xi serqa li wettaq, u li dak li għandu huwa nadif. Mela l-Gvern hawn qed jaqleb id-dinja ta' taħt fuq.

Suppost min hu akkużat irid juri li l-ġid li għandu li mhuwiex spjegabbli, jista' jispjegah. Jista' jgħid, pereżempju, li għandu villa li wiritha mingħand in-nanna, u għalhekk m'għandha x'taqsam xejn ma' kwalunkwe reat li seta' għamel u li din il-villa m'għandhiex x'taqsam. Min kapaċi jagħmel hekk, jista' jgawdi u għandu jgawdi dik il-proprjetà, però min hu akkużat li għandu ġid kbir, jgħix ħajja ta' lussu u mhux kapaċi jispjega minn fejn ġej dak il-ġid u l-lussu, l-Istat għandu jitolbu jispjega kif għandu dak il-ġid jekk qatt ma wiret, negozju ma kellux u m'għandux xi professjoni li trendi l-miljuni. B'hekk il-Gvern qed iżarma l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna milli jagħmlu ġlieda effettiva billi qed jaqleb ir-responsabbiltajiet f'dan il-każ.

Illum ir-responsabbiltà hi tal-akkużat li jipprova li l-ħwejjeġ tiegħu huma nodfa u issa l-Gvern irid li l-prosekuzzjoni tagħmel il-lista ta' x'inhu nadif u x'inhu maħmuġ. B'din il-proposta ta' liġi qed naqilbu d-dinja ta' taħt fuq u permezz tagħha mhux fil-greylisting deħlin, imma se mmorru dritt għall-blacklisting! Bl-inverżjoni tar-responsabbiltajiet fil-proċess kriminali u f'affarijiet li huma serji ħafna u li huma gravi, qegħdin nipperikolaw mill-ġdid ir-reputazzjoni tagħna bħala pajjiż, wara li għaddejna minn martirju ftit tas-snin ilu biex ħriġna mill-greylisting.

Daħħluna fil-greylisting, imbagħad kulħadd jaf x'ġara fil-pajjiż u spiċċajna nqbadna f'sitwazzjoni li umiljat lil pajjiżna. Għalhekk, din in-naħa tal-Kamra ma tista' qatt tkun favur din l-emenda li minflok ma ssaħħaħ idejn il-prosekuzzjoni, qed iddgħajjifha bil-kbir. Issa biex ma jkunx hawn ekwivoċi, hemm rimedju għal din is-sitwazzjoni, għax jien rajt x'jgħidu s-sentenzi tal-qrati tagħna. Il-qrati tagħna mhux qed jgħidu li l-problema hija l-ordni ta' ffriżar għax l-Istat ma jurix liema huma l-affarijiet li għandhom jiġu maqbuda. Il-problema li għandna hija li min ikollu ordni ta' ffriżar fil-konfront tiegħu m'għandux il-possibbiltà li jipprova lill-qorti li tali ħaġa mhux ġejja mill-kriminalità u jitlobha tirrilaxxa dak l-oġġett jew dak il-ġid.

Il-proposta li qed nagħmlu minn din in-naħa tal-Kamra hi li nħallu l-ordnijiet ta' ffriżar kif inhuma fil-preżent, però ndaħħlu l-proċedura li mill-ewwel jum li wieħed jiġi akkużat u tinħareġ ordni ta' ffriżar kontrih, dan jista' jipprova lill-qorti li l-ġid jew xi proprjetà li għandu jew xi assi li għandu, m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kriminalità imma huma nodfa. Imbagħad tkun il-qorti li tiddeċiedi li tali oġġett ma jirriżultax li ġej mill-kriminalità u tirrilaxxah. Din għandha tkun talba li jressaq l-akkużat fejn jagħti prova li dak l-oġġett jew dak il-ġid huwa nadif u mhux ġej mill-kriminalità u għandha tkun il-qorti li tiddeċiedi, meta jkollha l-fatti kollha quddiemha, jekk għandhiex tirrilaxxa oġġett jew le.

L-Avukat Ġenerali jista' jaqbel ma' dak li jkun wara li jagħmel il-verifiki, jista' jargumenta li ma jaqbilx għax jidhirlu li dak li jkun qed jipprova jqarraq bil-qorti jew inkella li ma ġabx provi, però għandu jkun l-akkużat li jmur jagħmel it-talba sabiex jiġi rilaxxat il-ġid tiegħu, għax hu jkun qed jargumenta li dak il-ġid hu nadif u mhux ġej mill-kriminalità. Naħseb li dan il-punt juri d-distinzjoni bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra dwar kif għandhom isiru l-affarijiet. Aħna fuq dan il-punt raġonevoli nifhmu li m'għandux ikun hemm ordnijiet ta' ffriżar bl-aktar mod assolut u li m'għandu jkun hemm l-ebda rimedju għalihom.

Anzi, aħna favur li persuna tkun qiegħda tbati dak il-preġudizzju għax l-Istat ikun eżerċita l-poter li għandu, li huwa kbir u inkomparabbli ma' affarijiet oħrajn. Meta jkollok dik is-sitwazzjoni, huwa minn ewl id-dinja li l-persuna akkużata għandha tingħata forma ta' aċċess biex tkun tista' tistaqsi dwar dik id-deċiżjoni. M'hemm xejn ħażin fiha, imma għandhom ikunu l-qrati li jiddeċiedu jekk il-ġid hux ġej mill-kriminalità jew le u mhux nitfgħuha fuq il-prosekuzzjoni, li trid tagħmel xogħol li suppost qed jagħmel l-akkużat.

Nispera li dawn iż-żewġ affarijiet li semmejt jien, in-naħa tal-Gvern jikkonsidrawhom bis-serjetà u ma jibqgħux għaddejjin b'dan l-Abbozz ta' Liġi. Jien diġà offrejt, f'żewġ okkażjonijiet separati, li niddiskutu x'hemm bżonn isir biex niġu f'konformità mas-sentenzi tal-qrati ta' pajjiżna. Offrejt ukoll lill-Imħallef Emeritu Antonio Mizzi, il-Kummissarju tal-Liġijiet – ma nafx jekk wasallux, imma qiegħed preżenti hawnhekk – biex jekk hemm bżonn, niltaqgħu miegħu biex nipprovaw nindirizzaw dan it-tħassib leġittimu tal-Oppożizzjoni.

Jien staqsejt lill-Ministru darbtejn għal laqgħa flimkien mal-Kummissarju – m'iniex ngħid għall-Kummissarju, imma għall-Ministru qed ngħid – u se nibqa' dispost li nagħmlu dawn il-laqgħat biex nispjegaw f'aktar dettall dan it-tħassib tagħna. Jekk iridu, nipprovaw insibu kompromess fl-abbozzar ta' dan l-Abbozz li jkun jindirizza t-tħassib li qajmet il-qorti, imma li jsaħħaħ idejn il-prosekuzzjoni u mhux idgħajjifhom, għax inkella mod wieħed biss hemm kif tiddeskrivi dan l-Abbozz ta' Liġi, ċjoè li dan huwa Abbozz ta' Liġi perikoluż u irresponsabbli. Pajjiżna mhux inaqqas il-ġlieda kontra l-kriminalità għandu bżonn, imma jżidha. Allura ma niġux f'din il-Kamra u ngħidu li qegħdin nimxu bil-mod li qalulna l-qrati, għax żgur li mhuwiex il-każ.

Jekk wieħed imur jaqra ftit is-sentenzi jirrealizza li dan mhuwiex il-każ. Pereżempju l-Ministru qal li kien hemm xi każ fejn il-qorti qalet li nkiser id-dritt tas-smigħ xieraq. Mhux veru, anzi fis-sentenza t'April 2023 il-Qorti Kostituzzjonali qalet li d-dritt tas-smigħ xieraq ta' dik il-persuna ma nkisirx. Inkiser id-dritt tat-tgawdija tal-proprjetà ta' dik il-persuna. Mela allura noqogħdu attenti x'ngħidu dwar dak li tgħid il-qorti u x'nipproponu f'din il-Kamra biex nindirizzaw it-tħassib tal-qrati tagħna dwar ċerti liġijiet.

Fejn hemm ordnijiet ta' ffriżar, huwa ovvju li għandu jkun hemm ir-rimedju li l-persuna tista' titlob lill-qorti biex tvarja dik l-ordni ta' ffriżar. Huwa ovvju li fi kwalunkwe ħin għandu jkun hemm dak id-dritt. Mill-ewwel ġurnata li tiġi akkużat għandu jkollok dak id-dritt u mhux ikun hemm għeluq inġustifikabbli. Irid ikun hemm aċċess għall-ġustizzja, fejn wieħed ikun jista' jieħu deċiżjoni li jisfida dak li jkun qiegħed iseħħ, però b'mod raġonevoli, billi kulħadd iżomm ir-responsabbiltajiet li għandu fil-proċess li jsir quddiem il-qorti u mhux billi naqilbu r-responsabbiltà minn naħa għall-oħra.

Ħadt gost – għalkemm mhux miktuba fl-istqarrija, smajt li ġiet rapportata u kkonfermajt anke mod ieħor – li dan l-Abbozz ta' Liġi ma jolqotx ir-reati tad-droga. Il-liġi se tibqa' kif inhi u mhux se taffettwa lil min hu akkużat b'reat ta' droga. Tajjeb, naqblu. Mhux problema, nistgħu mmexxu fuq dik, però bl-istess mod hemm reati oħrajn li aħna nqisu li hu importanti li jiġu esklużi minn kwalunkwe bidla li se ssir fil-liġi f'dan ir-rigward. U hawn qed nitkellmu dwar ir-reati marbuta mal-korruzzjoni.

Fil-Kodiċi Kriminali tagħna għandna sezzjoni sħiħa li titkellem dwar reati marbuta mal-korruzzjoni u fl-istadju ta' Kumitat aħna se nkunu qegħdin inressqu emendi ħalli neskludu r-reati ta' korruzzjoni mill-effetti ta' din il-liġi li qed jipproponi l-Ministru. Il-Ministru jista' ma jaqbilx magħna, għalkemm jien nawgura li jaqbel magħna bħalma jien qed naqbel miegħu li r-reati tad-drogi għandhom jiġu esklużi minn din il-liġi. Sewwa qed jagħmel il-Gvern li qed jibgħat messaġġ qawwi li r-reati tad-drogi m'għandu jkun hemm l-ebda ħniena dwarhom. Però bl-istess mod, ir-reati ta' korruzzjoni u ta' abbuż ta'

poter għandhom jiġu esklużi wkoll, għax anke b'dawn ir-reati qed issir ħsara kbira lis-soċjetà tagħna.

Jien nistenna li l-Gvern ikun lest nitkellmu u nirraġunaw. Nixtieq li l-Ministru, meta jiġi biex jikkonkludi wara d-diskors tiegħi, jgħid li ħa nota ta' dan li qed jingħad u li hu miftuħ għal diskussjoni, miftuħ li jiċċara, miftuħ li jbiddel, miftuħ li jindirizza dan it-tħassib. Hemmhekk forsi nibda nifhem l-intenzjonijiet differenti li seta' kellu l-Ministru fil-mod kif inhi miktuba din il-proposta ta' liġi u l-insistenza ta' għaġla kbira li lejlet il-Milied, il-Parlament irid jiddiskuti dan l-Abbozz ta' Liġi mingħajr konsultazzjoni pubblika.

Jien insegwih lill-Ministru u ċċekkjajt jekk fl-istqarrijiet kienx hemm xi referenza għal dan l-Abbozz ta' Liġi, imma ma kien hemm l-ebda referenza, assolutament. Dalgħodu stess iċċekkjajt l-istqarrijiet biex nara jekk il-Gvern kienx ħabbar xi darba jew oħra li se jagħmel dawn il-bidliet, imma assolutament m'għamel l-ebda bidliet. Għaldaqstant nispera li l-Ministru jifhem li għad għandu l-opportunità jirranġa l-ħsara li se ssir, u jersaq 'il quddiem biex inbiddlu l-affarijiet kif suppost. Ma tridx tkun għaref wisq. Hemm sentenzi tal-qorti li jgħidulek x'inhuma l-parametri ta' fejn kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. M'hemmx għexieren minnhom dawn, imma hemm waħdiet. Għaldaqstant irridu naraw x'inhi l-pożizzjoni tal-qorti f'dan ir-rigward, imbagħad inbiddlu dak li hemm bżonn u nkunu ssodisfajna dak li qalulna u pproteġejna, saħħaħna u żgurajna li l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna jibqgħu bl-għodda li għandhom biex jiġġieldu l-kriminalità.

Sur President, se nikkonkludi d-diskors tiegħi b'dan l-appell. Tkunux intom li mill-ġdid titfgħu lil pajjiżna fi kritika kbira. Jien ngħid li jekk tgħaddi din il-liġi, se jkollna kritika kbira mill-istituzzjonijiet internazzjonali. Aħna ma ngħixux f'iżolament imma ngħixu f'eko-sistema ta' ħafna istituzzjonijiet barranin li jsegwu mill-viċin dak li jkun qed isir f'pajjiżna. Forsi kuntrarju għal ċirkostanzi oħrajn, illum aktar u aktar għax seħħew numru ta' affarijiet f'pajjiżna li wasslu biex l-istituzzjonijiet barranin tefgħu l-lenti fuq pajjiżna.

Jien ngħid li huwa sew li ġara hekk għax bis-saħħa t'hekk sar ċertu tibdil, però ejja naraw li din il-liġi ma tkunx il-kawża ta' konsegwenzi oħrajn li bihom ibati mhux il-kbir – għax lill-kbir b'din il-liġi se tipproteġuh – imma ż-żgħir. B'din il-liġi se jbati ċ-ċittadin li l-ewwel nett għandu dritt jgħix f'soċjetà li mhijiex maħkuma mill-kriminalità u t-tieni, jekk hu jiżbalja ftit, se jlaqqat ta' kulħadd u l-kbar jibqgħu jiġru mas-saqajn. Għalhekk, nappella lill-Ministru biex ibiddel ir-rotta. Aħna lesti li niddiskutu u nsibu s-soluzzjonijiet, imma jridu jkunu ġenwini u mhux b'intenzjonijiet ħżiena.

Sur President, finalment nitlob il-permess biex inqiegħed id-dokument li għamilt referenza għalih fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Stqarrija mill-Ministeru għall-Ġustizzja (PR231860) bl-isem 'Ġustizzja effettiva u proporzjonali – Imressaq Abbozz ta' Liġi li jemenda liġijiet varji dwar ir-rikavat mill-kriminalità' datata 27 ta' Novembru 2023.

Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, nirringrazzja lill-kelliema ta' qabli, inkluż lill-Onor. Karol Aquilina li naqbel miegħu li rridu nibqgħu niġġieldu l-kriminalità organizzata. Fil-fatt, kont jien li għaddejt l-Att Nru V tal-2021 dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità. L-ebda gvern ieħor qabel ma ħass li kellu jsaħħaħ l-Asset Recovery Bureau, jagħmel razzjonalizzazzjoni tal-ordnijiet ta' sekwestru u l-ordnijiet kollha li kien hemm bżonn, joħloq Sezzjoni tal-Qorti Ċivili għall-Irkupru tal-Assi, joħloq azzjoni mhux ibbażata fuq kundanni li hija importanti biex tiġġieled il-kriminalità u tissodisfa l-Fifth Round Evaluation Report tal-Moneyval. Kellna liġi li kienet bulletproof f'dak ir-rigward.

Li ma naqbilx mal-Onor. Karol Aquilina hu meta jgħid li ma rrispondejniex għal dak li qalet il-qorti. Din hija proposta ta' liġi li tirrispondi għall-pronunzjamenti tal-qrati ta' pajjiżna u l-Onor.

Aquilina ma jiġix jgħidilna li l-qrati ta' pajjiżna ma qalux li kien hemm bżonn emendi, għax jien is-sentenzi qrajthom! Forsi ma qrajniex l-istess sentenzi, għax il-qrati ta' pajjiżna qed jgħidulna li din hija liġi tajba, però f'ċerti ċirkostanzi hemm bżonn interventi leġiżlattivi.

Kif se nispjega, hija konformi ma' dak li qalet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, li qed tagħfas fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità fil-kamp penali wkoll, u hija konformi wkoll ma' dak li jgħid il-European Court of Justice (ECJ), u se nkun qed nikkwota minn direttiva partikolari.

Dan huwa Gvern li jisma' u jirrispetta l-qrati. Irrid ngħid li d-diskors li għamel l-Onor. Karol Aquilina dwar il-perspettiva tiegħu tas-saltna tad-dritt inkwetani, għax irridu ndaħħlu f'moħħna li f'pajjiżna l-akkużat għandu l-preżunzjoni tal-innoċenza u għandu wkoll id-drittijiet. Fuq din nispera li naqblu! Jiġifieri rridu nitilqu mill-punt li l-akkużat irid ikollu d-drittijiet tiegħu. Ma rridx inkun legali, għax il-kontenut huwa spjegat tajjeb.

Se nagħti erba' ċirkostanzi fattwali li kellna sal-lum ta' familji li għaddew minn problemi minħabba s-sitwazzjoni li ninsabu fiha. Mhux se noqgħod nikkwota s-sentenzi li diġà qegħdin hemmhekk. Jekk inkunu rridu nitkellmu dwar is-sentenzi nagħmlu sagħtejn u noqogħdu narawhom ukoll, mhux problema. U mhux jiġi jgħidilna bl-oneru tal-prova li l-akkużat irid joqgħod jispjega. Se nagħti l-erba' ċirkostanzi.

L-ewwel waħda tittratta l-proprjetà li tkun ingħatat b'wirt. Għandek l-akkużat li għamiltlu ordni ta' sekwestru fuq kollox u dan qed jiġi investigat. Kull akkużat għandu d-drittijiet f'soċjetà demokratika li tirrispetta s-saltna tad-dritt, ikun min ikun. Jien ma nagħmilx distinzjoni bejn akkużat u ieħor, għax jekk se nibdew nagħmlu din id-distinzjoni, diġà għandna problema. Is-sitwazzjoni li għandna llum hija li dan jintlaqat b'ordni ta' sekwestru. Ma tistax tkun aktar ċara minn hekk. Proprjetà parafernali li ġiet b'wirt tintlaqat minn ordni ta' sekwestru.

It-tieni xenarju hu ta' kumpanija li għandha l-impjegati, u din ġrat fil-qrati tagħna. Nispera li ma jeħlux l-impjegati wkoll jekk id-direttur jew sid il-kumpanija jkun akkużat, għax issa se nibda nissuspetta li l-impjegati se jkunu responsabbli wkoll. Jien li jien avukat ma nafx biha li l-impjegati jeħlu jekk jagħmel xi ħaġa ħażina d-direttur. L-Onor. Aquilina qed jgħidilna li kif inhi s-sitwazzjoni llum, l-impjegati ta' kumpanija li d-direttur tagħha jkun ġie akkużat, ma jistgħux jieħdu l-paga. Jagħmel rikors u jgħaddu x-xhur – hawn avukati n-naħa l-oħra tal-Kamra u jafu x'qed ngħid – u l-impjegati jibqgħu ma jitħallsux. Dik hi s-sitwazzjoni li għandna llum. Qed nagħtikom eżempji fattwali! Ma rridx inkun legali, imma jekk hemm bżonn inkun legali, inkun ukoll.

It-tielet ċirkostanza tittratta l-membri tal-familja. Nispera li ma jeħlux it-tfal jekk missierhom ikun akkużat, għax din mhijiex saltna tad-dritt. Din hi l-inkwiżizzjoni li naħseb li telqet fl-1798 minn pajjiżna meta kien hawn Giulio Carpegna, u nispera li ma jkollniex ieħor bħalu f'pajjiżna! Jekk m'għamlu xejn il-Franċiżi, ħelsu minn Giulio Carpegna! Nispera li m'hawnx Giulio Carpegna f'din il-Kamra, bir-rispett kollu, għax id-diskors li smajt għarukaża, huwa diskors ta' inkwiżizzjoni. U hawnhekk mhux qegħdin biex nilleġiżlaw ... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. KAROL AQUILINA:** L-Avukat ta' Keith Schembri!

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** U mur! Qed taqa' f'ċerti bassezzi! Int s'hemm tasal! Dik hi l-problema li għandkom! Mhux ta' b'xejn qegħdin fiex qegħdin! L-avukati tal-affari tagħhom jaqblu li – u dwar dan jaqblu l-avukati kollha, għax jien kellimt avukati dwar dan l-Abbozz, imma l-Onor. Aquilina hu iżolat fuqha – dan l-Abbozz joħloq bilanċ ġdid. Din qed ngħidha jien stess li għamilt l-Att Nru V tal-2021, li kien avvanz. U nirringrazzja lin-nies li għamluh, però b'umiltà ngħid li kellu affarijiet li ma rajnihomx dak iż-żmien u l-qrati tagħna fetħulna għajnejna. Allura jekk fetħulna għajnejna, għalfejn il-Gvern m'għandux jibdilhom dawn l-affarijiet? Hekk iridu?!

Sur President, se nirreferi għal dokument tal-Venice Commission u fl-aħħar tad-diskors tiegħu, se nitlob il-permess biex inqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Fil-paġna 17 ta' dan id-dokument, taħt Effects of Judgement of the Constitutional Court, il-Venice Commission kienet qaltilna dak iż-żmien li meta l-qorti tiddikjara xi dispożizzjoni ta' liġi li hija antikostituzzjonali, għandu jkollha effett *erga omnes,* jiġifieri taffettwa nies li mhumiex parti minn dik il-kawża. Aħna ma qbilniex magħha u konna ġġelidnieha għax ħassejna li ma taqbilx għaċ-ċirkostanzi tagħna u

li ma kellniex indaħħluha. Mhux qed ngħid li hija ħażina, għax 'il quddiem forsi wieħed jagħmilha wkoll, mhux problema.

Qalet ukoll li meta dispożizzjoni tal-liġi tiġi ddikjarata antikostituzzjonali, m'għandekx tapplikaha mill-ewwel u aħna opponejna għaliha. Jiġifieri l-Qorti Kostituzzjonali fis-*saggezza* tagħha qed tagħti gwida biex inneħħu t-tbatija, u jien lanqas ngħid tal-akkużat, għalkemm inħoss li l-akkużat għandu d-drittijiet, u hekk nibqa' ngħid, anke jekk niġi kkritikat. L-akkużat għandu d-drittijiet għax dik hija s-saltna tad-dritt li nemmen fiha jien, u nibqa' ngħidha, però l-familjari tiegħu, l-impjegati tiegħu u l-wirt li ħallewlu żgur mhumiex rikavat mill-kriminalità. Allura dawn ma nindirizzawhomx?!

Kien hemm sitwazzjoni li ltqajt magħha meta kont qed nagħmel ir-riċerki mil-lat ċivili u sibt ordni ta' investigazzjoni u ordni ta' sekwestru insinwati. Is-Sedja tifhem, għax kellha prattika varja u ampja fis-settur. Sibt ordni ta' sekwestru fir-riċerki fiċ-ċivil u ma sibtx ordni ta' kontro-sekwestru. Jiġifieri fl-ipoteki u fl-ipoteki speċjali nsibu kanċellament b'ipoteka speċjali, u dan ikollu ordni ta' sekwestru u m'hemmx mekkaniżmu biex ikun hemm ordni ta' kontro-sekwestru fid-dritt tagħna. Dik sitwazzjoni tajba?! Jiġifieri bniedem ġie investigat, jgħaddu sitt xhur, tgħaddi sena, jibqa' bir-riċerki, u hu jew uliedu ma jistgħux ibigħu proprjetà. Dik hi s-serjetà li rridu?! Dik mhijiex il-ġustizzja! Tajt eżempji prattiċi u se npoġġi l-opinjoni tal-Venice Commission fuq il-Mejda tal-Kamra.

Sur President, qalilna li din se titfagħna fil-greylisting. Titfagħna fil-greylisting meta qed nimxu mas-sentenzi tal-ogħla qorti tal-pajjiż?! Titfagħna fil-greylisting jekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qed tgħidlek biex iddaħħal il-prinċipju ta' proporzjonalità?! Daħħlitu fiċ-ċivil, daħħlitu fl-amministrattiv, qed iddaħħlu fil-kamp penali, u hemm anke l-EU Charter of Fundamental Human Rights jgħid li l-prinċipju tal-proporzjonalità jidħol fil-kamp penali. Bir-rispett kollu, hawn qed nitkellmu dwar nies indagati. M'hemmx kundanna!

L-Onor. Aquilina stqarr li l-qorti qalet kemm nagħtuhom ċans jagħmlu rikors fil-proċeduri, imma mhux veru. F'sentenza minnhom il-qorti qalet – u nista' nikkwotaha – li qed immorru kontra d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea stess. L-Onor. Aquilina jrid li s-sitwazzjoni ma nindirizzawhiex, u jien ngħidlu li minflok jiddiskutiha miegħi, aħjar jiċċekkja l-affarijiet qabel ma jiġi jitkellem hawn. Meta qrajt l-istqarrija li għamiltu ma ħsibthiex daqshekk gravi, però onestament, wara li tkellem l-Onor. Aquilina qed ninkwieta li s-sitwazzjoni hija aktar gravi milli qrajtha fl-istqarrija!

Issa se nagħmel referenza għal direttiva tal-Unjoni Ewropea, li se nkun qed inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra wkoll. Din id-direttiva tgħid li l-indagat għandu jkollu d-dritt, f'kull mument, jiddeċiedi jekk jistax ivarjaha. Qalilna li mhux sitt xhur, imma sena, li mhu veru xejn. L-ordni ta' sekwestru llum hi ta' sitt xhur u mhux sena. Jiġifieri inti trid ... (Interruzzjonijiet) Sitt xhur oħra jekk iġġedded.

**L-ISPEAKER:** Onor. Zammit Lewis, nitolbok tindirizza lis-Sedja.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, l-ordni ta' sekwestru hi ta' sitt xhur u f'dak il-perjodu l-prosekuzzjoni għandhom id-dritt u l-obbligu li jkunu jafu x'qed jagħmlu. Aħna ma neħħejniex id-diskrezzjoni mill-qrati. Id-diskrezzjoni tal-qrati kienet hemm u għadha hemm. Ma neħħejniex pieni, ma varjajniex pieni, ma naqqasniex il-pieni, ma naqqasniex ir-reati, anzi aħna dejjem żidniehom ir-reati, u dak huwa sew.

L-Onor. Aquilina qalilna li l-ordni ta' sekwestru taqa' u ma nistgħu nagħmlu xejn. Dan mhu veru xejn. L-Abbozz jaħseb biex fejn ikun hemm evidenza ġdida, tkun tista' tagħmel ordni ta' sekwestru oħra. Qalilna wkoll għax ikun hemm kont il-bank li żgur ikun ġej mill-kriminalità. L-ewwel nett, il-preżunzjoni hija favur l-akkużat, sa fejn naf jien, sakemm ma nbidlitx, għax l-Onor. Aquilina qalilna li bdilna kollox ta' taħt fuq. Din hija konfużjoni legali li tkellem biha l-Onor. Aquilina, bir-rispett kollu. Jien nirrispettah, għax irriċerka, però fuq din ma nafx minn fejn ġabha r-riċerka! Il-preżunzjoni hija favur l-akkużat. (Interruzzjonijiet) Is-sentenzi ilni naqrahom jien!

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Mela m'intix tifhimhom!

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Issa nistaqsi lilek biex tfehemhomli! Din mhijiex liġi li titfagħna fil-greylisting, imma hija liġi ta' Gvern li jisma'. Gvern li sema' s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, Gvern li jisma' x'tgħid il-

Qorti tal-Unjoni Ewropea, Gvern li jisma' x'tgħid il-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Sur President, finalment nitlob il-permess biex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti li għamilt referenza għalihom.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Directive 2014/42/EU of the European Parliament and of the Council of 3 April 2014 on the freezing and confiscation of instrumentalities and proceeds of crime in the European Union; u
>
> Malta Opinion on Constitutional Arrangements and separation of powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement bir-referenza Opinion No. 940/2018, maħruġ mill-European Commission for Democracy through Law (Venice Commission) datata 17 ta' Diċembru 2018.

Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nixtieq ninforma lill-Kamra li hawn ftehim biex il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal sakemm tiġi konkluża d-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi u li l-ħin meħud jitnaqqas mill-Aġġornament.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Joe Giglio.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, naħseb li qegħdin ngħidu ħafna affarijiet, però fil-verità m'aħniex napprezzaw dak li qed jintqal, partikolarment dak li qed jintqal minn din in-naħa tal-Kamra. Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-kultura tal-impunità li rrefera għaliha l-Onor. Karol Aquilina, sfortunatament din il-kultura tal-impunità ġabet magħha sitwazzjoni fejn il-prosekuzzjonijiet tagħna kienu u għadhom, jien ngħid sal-ġurnata tal-lum, prosekuzzjonijiet fejn fir-realtà nispiċċaw nattakkaw liż-żgħir u nġibuh dahru mal-ħajt u nagħlqu għajnejna kompletament għal reati serji li jwettqu n-nies fil-poter.

Din il-kultura ta' impunità wasslet biex, sfortunatament, pajjiżna għadda minn diffikultajiet kbar li affettwaw ir-reputazzjoni tiegħu u saħansitra wassluh biex jidħol fil-greylist. Il-konsegwenza fil-prattika u fir-realtà ta' dan kollu kienet li din ġiet indirizzata billi naraw kif nagħmlu u nressqu kemm jista' jkun nies il-qorti, nakkużawhom b'ħasil tal-flus u nitfgħulhom dawn l-ordnijiet tal-iffriżar bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

Fil-verità, jien kont qiegħed ngħid li saħansitra hawn Malta wasalna f'sitwazzjoni fejn, kważi, kważi, jekk tisraq banana jakkużawk bis-serq tal-banana u bil-ħasil tal-flus biex nibagħtu messaġġ ta' kemm qegħdin noħorġu ordnijiet ta' ffriżar u ta' kemm qegħdin inressqu nies il-Qorti fuq akkużi ta' ħasil tal-flus! Dan anke biex naraw kif nagħmlu u kemm jista' jkun malajr noħorġu minn din l-imbierka grey list li ġabna fiha dan il-Gvern! Bħala stat ta' fatt huwa importanti li wieħed jifhem li din in-naħa, kif spjega tant tajjeb l-Onor. Karol Aquilina, taqbel li ma jistax ikollok ordnijiet ta' ffriżar li ma jistgħux jiġu varjati. Li m'aħniex qegħdin naqblu hu dwar il-metodoloġija li tindirizza din il-bidla. Ħalli nispjega f'liema sens.

Sur President, nibda bil-kwestjoni tad-90 jum li qed jipproponi dan l-Abbozz ta' Liġi. Il-Ministru Attard irid jifhem li fil-prattika li jiġri hu li għalkemm huwa innovattiv il-ħsieb li tpoġġi l-piż fuq il-prosekuzzjoni li telenka l-assi u tagħtihom terminu biex jagħmlu dan, fir-realtà, minħabba nuqqas qawwi ta' riżorsi u dak li l-Ministru stess semma li l-prosekuzzjoni ħafna drabi tiżbalja abbażi ta' kawtela minħabba li qed nitfgħu fuq il-qrati tagħna estimi u stimi, il-mod kif qed jiġi propost biex tinbidel il-liġi mhuwiex l-iżjed mod ideali. Ħalli nispjega l-proposta u l-emenda li qiegħed jirreferi għaliha l-Onor. Aquilina u li bħala Oppożizzjoni qegħdin nipprovaw inressqu 'l quddiem u nfiehmu lill-Ministru biex forsi jikkonsidra ċerta relevanza.

Kif qal tajjeb l-Onor. Zammit Lewis, l-Att Nru V tal-2021 waqqaf l-Asset Recovery Bureau u ħoloq il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li hi meqjusa u nirreferu għaliha bħala s-Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi. Dak li aħna qegħdin nissuġġerixxu hawnhekk hu li minflok ma naqilbu kollox ta' taħt fuq u ħafna drabi nġibu sitwazzjonijiet fejn jew

ikun hemm min jiżbalja abbażi ta' kawtela jew ikun hemm min saħansitra, minħabba l-piżijiet u n-nuqqas ta' riżorsi li għandu, ma jasalx biex jagħmel dak li huwa mitlub minnu, hu li sa mill-ewwel ġurnata tingħata l-possibbiltà lill-akkużat li hu stess jieħu azzjoni quddiem din il-Qorti biex juri liema huma dawk l-assi li ma jistax ikun li huma rikavat mill-kriminalità. Dan hu li qegħdin nissuġġerixxu aħna.

Mela filwaqt li dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed jitfa' l-piż kollu fuq min ma jiflaħx għalih, is-suġġeriment ta' din in-naħa tal-Kamra hu li l-akkużat, sa mill-ewwel ġurnata, ikun jista' jieħu azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mwaqqfa permezz tal-Kap. 621 biex ikun jista' jillibera l-assi tiegħu. Naturalment qed nirreferi għal dawk l-assi li hu jkun kapaċi juri fuq bażi ta' probabbiltà li mhumiex assi li b'xi mod jistgħu jkunu relatati ma' rikavat mill-kriminalità.

Huwa f'dan il-kuntest li aħna qegħdin nipproponu din il-bidla. Għalhekk, altru mill-inkwiżitur Giulio Carpegna li kien qed jirreferi għalih l-Onor. Zammit Lewis! Din mhijiex proposta li remotament tista' tqabbilha mal-inkwiżizzjoni, anzi bil-kontra!

Din il-proposta li qegħdin inressqu aħna tagħtina vantaġġ ieħor, u din hi l-kwestjoni tat-trasparenza. Il-vantaġġ hu li permezz ta' din l-azzjoni żgur ikollna aktar trasparenza dwar liema huma jew mhumiex dawk l-assi li ġejjin jew mhux ġejjin mill-kriminalità. Ċertament m'hemm l-ebda trasparenza fil-mod kif qiegħed jissuġġerixxi dan l-Abbozz, li l-prosekutur stess jiddeċiedi waħdu x'inhuma, skont hu, l-assi li huma rikavat ta' xi reat kriminali. Mela apparti dak li semma l-Onor. Zammit Lewis dwar id-diffikultà li jista' jkollok prosekutur li jiżbalja abbażi ta' kawtela, għandek ukoll il-kwestjoni tat-trasparenza.

Niġi għat-tielet vantaġġ li għandha l-proposta li qegħdin nagħmlu. Għalkemm ġustament f'dan l-Abbozz ta' Liġi l-Gvern qed jagħmilha ċara li kwalunkwe deċiżjoni li jkollha x'taqsam ma' varjazzjonijiet ta' ordnijiet ta' ffriżar bl-ebda mod m'għandhom jiġu interpretati li huma xi deċiżjonijiet fuq il-mertu tal-każ, għax dan l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi li kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-qorti skont dan l-artikolu għandha tikkostitwixxi miżura proviżorja u m'għandhiex tippreġudika l-mertu tal-każ. Għamiltu sew li daħħaltu din it-tip ta' dispożizzjoni għax, sfortunatament, kien hemm ċerti sentenzi u ċerti digrieti li qalu li ma jistgħux ivarjaw l-ordnijiet ta' ffriżar għax b'dak il-mod ikunu qegħdin jitkellmu dwar il-mertu.

Però jekk din l-azzjoni li jista' jġib l-akkużat sa mill-bidu nett se jkun qiegħed iġibha quddiem is-Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi, li m'għandha x'taqsam xejn u ma tkunx, b'xi mod, involuta fid-deċiżjoni dwar realtà jew mhijiex, int għandek ukoll garanzija li ħadd qatt ma jista' jgħid li dik id-deċiżjoni b'xi mod timpatta fuq is-sejbien ta' ħtija ta' dak li jkun, għax hija qorti kompletament differenti u ppreseduta minn imħallef li għandu kompetenza biex ikun jista' jiddetermina titolu u mhux titolu.

Mela għandek il-biża' li jkollok prosekutur li jiżbalja abbażi ta' kawtela imma dwar il-kwestjoni tat-trasparenza, se jkollok ġudikant li bl-ebda mod mhu se jkun qiegħed jidħol fuq il-mertu tar-realtà jew le, u allura żgur tinħoloq sitwazzjoni fejn għada, pitgħada, ħadd mhu se jkun qiegħed jattakka jew jitfa' dubju fuq l-imparzjalità ta' dak il-ġudikant.

Fil-prattika dejjem ħassejna l-problema li meta xi ħadd jiġi akkużat b'dawn it-tip ta' reati, dawn l-ordnijiet ta' ffriżar, li jien kważi, kważi, kont niddeskrivihom bħala B-52s għax jolqtu kollox u lil kulħadd, l-uniku metodu biex persuna tista' ġġib xi azzjoni biex turi li dik il-proprjetà hekk ikkonfiskata mhijiex provenjenti mir-reat, seta' jiġi eżerċitat biss fit-tmiem tal-proċeduri kriminali.

Sfortunatament ilkoll kemm aħna nafu li minħabba d-diffikultajiet kbar ta' riżorsi u xort'oħra li hemm fil-qrati tagħna, dawn il-proċeduri biex jistabbilixxu l-ħtija jew le kienu jieħdu ħafna ħin, u għadhom hekk sal-lum, tant li jkunu għaddew is-snin sakemm il-persuna akkużata li tista' tiġi ddikjarata mhux ħatja fl-ewwel lok titneħħa l-ordni ta' ffriżar minn fuq il-proprjetà tagħha. L-unika opportunità li kellha biex tkun tista' tirrilaxxa ċerta proprjetà li tkun maqbuda b'dik l-ordni ta' ffriżar setgħet tagħmilha biss, kif inhi l-liġi sal-lum, mat-tmiem tal-proċeduri kriminali.

Kif spjega tant tajjeb l-Onor. Aquilina, din in-naħa tal-Kamra tħoss li dan m'għandux ikun il-każ u li l-opportunità lill-akkużat għandha tingħata sa mill-bidu nett li jkunu bdew dawn il-proċeduri. Jiġifieri hawnhekk hija l-metodoloġija

tad-90 jum li qiegħda tiġi kkritikata u indirizzata, għax se tkun qiegħda taqleb ta' taħt fuq u tqiegħed piż enormi kemm fuq il-prosekuturi kif ukoll fuq il-Qrati tal-Maġistrati.

Dak hu l-ewwel punt għalfejn qiegħed jiġi sottomess li nistgħu nirfinaw din il-proposta ta' liġi u nagħmluha aħjar milli hi. Filwaqt li xorta nkunu qegħdin nibagħtu l-messaġġ li se niġġieldu l-kriminalità ma' kulħadd u mhux mal-ftit, jew maż-żgħir, jew mal-batut, u allura mal-ħuta ż-żgħira, fl-istess ħin noħolqu rimedju effettiv biex ma jkollniex sitwazzjoni ta' carpet bombing b'dawn l-ordnijiet ta' ffriżar, bil-konsegwenzi kollha li jġibu magħhom.

Il-Gvern ħa d-deċiżjoni li dawn it-tibdiliet mhux se jkunu qegħdin japplikaw għall-kawżi li għandhom x'jaqsmu mad-droga. Tajjeb, però ejja nifhmu wkoll x'se jġib miegħu dan l-Abbozz, għax qegħdin isemmu ħafna sentenzi dwar il-proporzjonalità u mhux proporzjonalità, fosthom is-sentenza li kkwota l-Ministru għall-Ġustizzja. Fir-realtà, meta tiġi biex tagħsar dawn is-sentenzi, għalkemm itambru ħafna dwar il-kwestjoni tal-proporzjonalità u mhux proporzjonalità, effettivament is-soluzzjoni u l-konklużjonijiet li dejjem waslu għalihom huma li dawn it-tip ta' ordnijiet ta' ffriżar huma mezz kif tista' tiġġieled il-kriminalità u ma jfissirx neċessarjament li jikkostitwixxu leżjoni tad-dritt tal-proprjetà.

Għaldaqstant għandna noqogħdu attenti meta nitkellmu dwar l-aspett tal-proporzjonalità u mhux proporzjonalità, għax huwa minnu li l-qrati tagħna jitkellmu dwar il-proporzjonalità, però fir-realtà jekk tkompli tagħsar dawk is-sentenzi tirrealizza li fl-aħħar mill-aħħar, ir-raġuni meta jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjetà ma jkunx għax inħarġet ordni ta' ffriżar u lanqas għax inħarġet ordni ta' ffriżar li tkun laqtet il-proprjetà kollha, iżda għax l-akkużat m'għandux rimedju biex ikun jista' jneħħi l-blokk li tkun għamlet fuqu dik l-ordni ta' ffriżar.

Kif diġà aċċennajt, id-dewmien f'dawn il-proċessi kriminali żgur li ma jgħinx, u għalhekk forsi nistgħu nissuġġerixxu wkoll li ma jsirx ħafna xogħol doppju. Fir-realtà, waqt li tkun għaddejja din l-investigazzjoni li toħroġ l-ordni ta' sekwestru li tista' tibqa' fis-seħħ għal sitt xhur, – u hawnhekk tista' tiġi estiża għal sitt xhur oħra jekk issir applikazzjoni lill-Qorti Kriminali abbażi ta' provi ġodda – matul dak il-proċess suppost il-prosekutur ikun qiegħed jiġbor id-data, l-informazzjoni u r-rekords biex jagħmel analiżi forensika finanzjarja tal-assi ta' dik il-persuna.

Ladarba mmorru l-qorti u toħroġ l-ordni ta' ffriżar, għandna l-problema li dan ix-xogħol jerġa' jiġi dupplikat, għax l-Asset Recovery Bureau jiġi maħtur biex jagħmel inventarju ta' dik il-proprjetà kollha tal-persuna kkonċernata. Naħseb li proposta li għandna nibdew nikkonsidraw hija li minflok ma dan ix-xogħol jiġi dupplikat, dak ix-xogħol li jkun diġà sar u dik l-informazzjoni li tkun inġabret, l-Asset Recovery Bureau jkun jista' joqgħod fuqha wara li jivverifikaha u jserraħ rasu li hija tajba, imma mhux nerġgħu nibdew kollox mill-bidu.

L-istess japplika meta tintbagħat xi informazzjoni lill-Pulizija mill-FIAU. Mela huma jkunu għamlu ħafna xogħol u stħarriġ li jmur lura fiż-żmien, ikunu ġabru ħafna informazzjoni, imbagħad jgħaddu dik l-informazzjoni li jkunu ġabru lill-Pulizija biex jibdew jinvestigaw u l-Pulizija jerġgħu jibdew mill-bidu. Dan huwa kollu xogħol inutli li ħafna drabi qed isir għal darba, darbtejn, jew anke tlieta, li jista' jneħħi l-piż minn fuq il-prosekuturi u l-qrati tagħna. B'hekk inkunu aktar effiċjenti u produttivi f'dik li hija l-ġlieda kontra l-kriminalità.

Forsi wieħed jista' jibda jitkellem dwar id-90 jum u mhux 90 jum, imma bħalissa żgur li fil-prattika huwa umanament impossibbli li jkollok min ikun f'dik is-sitwazzjoni, fejn din il-proposta ta' liġi qed tgħid biex wara 90 jum ikollu estensjoni ta' 90 jum ieħor. Hemm wisq xogħol u stimi li jridu jsiru, hemm wisq valuri li jridu jiġu stabbiliti, u għalhekk aħna qegħdin nissuġġerixxu li minflok ma naqilbu kollox ta' taħt fuq, nagħtu d-dritt lil min hu akkużat b'reat li mill-bidu nett jista' jġib provi sabiex juri li l-proprjetà kollha li ġiet iffriżata, hemm partijiet minnha li żgur u mhux forsi ma jistax ikun li huma rikavat mill-kriminalità.

Din il-proposta li qegħdin nagħmlu għandha vantaġġ ieħor li jirrigwarda l-banek ta' pajjiżna. Hawnhekk il-banek jaħdmu b'mod li – għax hekk huma obbligati li jagħmlu, u din il-proposta ta' liġi mhi se tbiddel xejn ħlief dik il-parti li tgħid li l-prosekuzzjoni qed titlob lill-akkużat jiddikjara kemm hu r-rikavat – kif ikunu jafu li xi ħadd ġie notifikat b'ordni ta' ffriżar, il-kont tal-bank tiegħu, il-kontijiet tal-bank fejn hu u l-mara għandhom xi tfaddil, il-bonds tat-tfal, il-credit

cards, huma x'inhuma, ma jħalluhx jaċċessahom.

Jekk lill-akkużat qed tagħtih il-fakultà li millbidu nett jista' juri li l-fondi li għandu fil-kont bankarju tiegħu mhumiex u ma jistax ikun li ġejjin minn attività illeċita, din is-sitwazzjoni fejn il-banek jiffriżawlek il-kontijiet kollha u ma jħallukx tiċċaqlaq, se tispiċċa. Din l-emenda li qegħdin nipproponu għandha l-vantaġġ li tagħti aktar spazju lil dak li jkun u tagħtih il-fakultà li jkun jista' jkompli jopera l-kont bankarju tiegħu, basta jipprova li dawk il-fondi mhux ġejjin mirrikavat ta' xi reat.

Aħna qegħdin nissuġġerixxu din l-emenda anke biex b'din il-proposta ta' liġi ma jkunx hemm konsegwenzi negattivi ma' istituzzjonijiet u ma' aġenziji barranin li ġew hawn jikkontrollawna u jagħmlu rapporti fuqna, fosthom il-GRECO, l-FATF u tant oħrajn. B'hekk nibagħtu messaġġ ċar li f'dan il-pajjiż se nkomplu niġġieldu l-korruzzjoni mill-għeruq. Għaldaqstant qegħdin nipproponu li fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari, din il-bidla ma tkunx tapplika.

Tiftaħru u tgħidu tant fuq il-fatt li neħħejtu l-preskrizzjoni minn fuq il-korruzzjoni, però l-korruzzjoni tridu tiġġilduha! Tistgħu tneħħu kemm tridu preskrizzjonijiet, imma jekk prosekuzzonijiet fuq korruzzjoni, speċjalment ta' ċerti nies, ma jsiru qatt, allura ta' xejn neħħejtuha din! Din it-tieni proposta tagħna żgur li se tkun qed tibgħat messaġġ ċar li bl-ebda mod u taħt l-ebda ċirkostanza ma nistgħu ngħidu li pajjiżna qed itaffi jew qed ikun aktar laxk fejn tidħol il-korruzzjoni. Tajjeb jew ħażin, aħna rridu niffaċċjaw il-kritika u l-iskrutinju ta' ħafna aġenziji barranin, fosthom il-Kummissjoni Venezja u tant oħrajn. Din it-tieni proposta tagħna se tkun qed tilqa' sabiex nassiguraw li dan l-impatt żgur ma jsirx.

L-aħħar proposta li ressaqna tikkonċerna l-kwestjoni tas-sitt xhur u l-estensjoni ta' sitt xhur oħra fuq l-ordni ta' sekwestru. Il-Ministru Jonathan Attard qal tajjeb li hawnhekk għandna sitwazzjoni ta' persuni li għandhom il-proprjetà tagħhom iffriżata minkejja li mhuma akkużati bl-ebda reat. Issa dan hu l-istess Ministru li ftit ilu ġie hawnhekk b'liġi u ried iħalli persuna li mhi akkużata bl-ebda reat ħamest ijiem sħaħ jew ġimgħa sħiħa arrestata d-depot, imma ma jimpurtax! (Onor. Membri: Hear, hear) Dak hu l-istess Ministru li ġie b'din il-liġi u dakinhar kien mgħaġġel fuqha! Għandu raġun li ma tagħmilx sens li persuna tista' tkun milquta b'ordni ta' sekwestru sa sena sħiħa bil-proprjetà tagħha ffriżata!

Fir-realtà, dan l-Abbozz ta' Liġi qed jilqa' għall-inkonvenjent li qed joħloq. L-ewwel nett tajjeb ngħidu li l-ordni ta' sekwestru diġà tipprovdi li ma jintlaqtux ħlasijiet ta' salarji, ta' pensjonijiet u ta' allowances, però f'dan l-Abbozz Nru 76 hawn emenda importanti li qed tiżgura li ħadd ma jkun qed jiġi mgħakkes fir-rigward tad-dħul finanzjarju u l-għajxien diċenti tiegħu. Dan għaliex il-klawsola l-artiklu 17 tipprovdi li d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni ta' sekwestru. Mela hawn qegħdin nilqgħu għal dawk id-dispożizzjonijiet li l-qorti tista' tvarja permezz ta' rikors sabiex tiddetermina xi flus għandhom jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità sabiex tippermetti għajxien diċenti lilha u lill-familja tagħha.

Sur President, hawnhekk qegħdin ngħidu li anke jekk l-ordni ta' sekwestru tista' tkun valida sa sena, il-liġi qed tilqa' biex ma jinqalgħux id-diffikultajiet li jinqalgħu, sabiex fl-istess nifs tkun qed toħloq bilanċ billi tagħti lill-persuni kkonċernati l-possibbiltà li jinvestigaw u, jekk jista' jkun, ladarba jkunu investigaw, jagħlqu u jikkonkludu. Fl-istess ħin qed tassigura li toħloq bilanċ fejn ma jkollokx problemi li dik il-persuna li mhi akkużata b'ebda reat tagħmel sena sħiħa mgħaffġa u mkissra u ma tistax tkompli topera. Il-Gvern għamel sew li laqa' għal din l-eventwalità u daħħal din id-dispożizzjoni sabiex anke fil-każijiet tal-ordnijiet ta' sekwestru, ma jkollniex id-diffikultajiet li naraw ta' kuljum.

Se nagħmel suġġeriment ieħor biex inkomplu nirfinaw dan l-Abbozz ta' Liġi. Din in-naħa temmen li wasal iż-żmien li fir-rigward tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' sekwestru, nikkonsolidaw kollox taħt il-Kap. 621. L-Onor. Zammit Lewis, li bħalissa ħareġ mill-Kamra, qalilna li daħħal dan l-Att, u għamel sew li daħħal dan l-Att, imma jeħtieġ li kollox jiġi ċentralizzat taħt il-Kap. 621. Qed ngħid dan għax għandna mhux inqas minn ħames sitwazzjonijiet fejn il-liġi tagħna mhijiex sinkronizzata, u dan l-Att mhux qed jissinkronizza dawn il-liġijiet ma' dan li qegħdin nintroduċu.

L-ewwel sitwazzjoni tittratta l-artikolu 435B tal-

Kap. 9, fejn għandek sitwazzjoni li ssir talba minn entità ġudizzjarja barranija fil-konfront ta' persuna li tkun qed tiġi investigata barra minn Malta, għax dan l-Att mhux qed jissinkronizza l-ordnijiet ta' sekwestru li jkunu ġejjin fuq talbiet minn awtoritajiet investigattivi barranin.

B'hekk inkunu qegħdin niddiskriminaw bejn persuna li nħarġet ordni ta' sekwestru fil-konfront tagħha minn entità lokali, għax għandha s-salvagwardji li din il-liġi qed tipprova ddaħħal, fosthom bis-subartikolu (5) li għamilt referenza għalih, u persuna li nħarġitilha ordni ta' sekwestru abbażi ta' talba ta' awtorità investigattiva barranija, fejn din is-salvagwardja ma teżistix.

L-istess ngħid għall-artikolu 435Ċ tal-Kap. 9 li għadu qed jagħmel referenza għall-ordni ta' ffriżar fil-konfront ta' persuna akkużata minn awtorità ġudizzjarja barra minn Malta. F'dan il-każ għadhom se jkunu qed japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Kap. 101. Jiġifieri b'dak kollu li dan l-Abbozz qed jagħraf u jipprova jindirizza, f'dan il-każ partikolari se nkunu qegħdin niddiskriminaw bejn persuna li tinsab akkużata hawn Malta u persuna li tinsab akkużata barra minn Malta, li fil-każ tagħha se jkunu għadhom qed japplikaw id-dispożizzjonijiet l-antiki.

Sur President, hemm anomalija oħra, imma smajt lill-Ministru Attard jagħmel referenza għaliha u, jekk fhimtu tajjeb, se jkun qed iressaq emendi għaliha. L-artikolu 23A(4) tal-Kap. 9 jitkellem dwar id-dritt ta' appell u għandu termini li huma differenti minn dak li qed jipproponi l-Kap. 621. L-artikolu 23A tal-Kap. 9 jikkuntrasta mal-artikolu 36(8) tal-Kap. 681 kif propost. Inħoss li din hija xi ħaġa li għandha tiġi indirizzata wkoll biex ikollna uniformità fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawn il-liġijiet.

L-aħħar żewġ dispożizzjonijiet li dan l-Abbozz ta' Liġi ma jindirizzax u li se joħolqu diskrepanza bejn persuna akkużata Malta u persuna li għandha talba biex tiġi investigata jew qed tiġi akkużata barra minn Malta, huma l-artikolu 9 u l-artikolu 10 tal-Kap. 373. Inħoss li għandna naraw kif nagħmlu biex dan l-Abbozz ta' Liġi jissinkronizza dawn is-sitwazzjonijiet b'dak li qed jiġi propost.

Fl-aħħar nett inħoss li l-ordnijiet ta' konfiska fil-liġijiet kollha għandhom ikunu regolati biss u esklussivament bl-artikoli 38 u 39 tal-Kap. 681 skont kif inhu propost li jiġu emendati. Inkella se jkollna ħafna biċċiet ta' leġiżlazzjoni 'l hemm u 'l hawn u mhux kollox se jkun konformi ma' dak li qegħdin ngħidu.

Dan l-Abbozz ta' Liġi għamel sew li indirizza l-kwestjoni tal-għajxien diċenti għax il-liġi ma kenitx tagħmilx sens. Imma issa hawnhekk għandna żewġ dispożizzjonijiet differenti għal xulxin għax f'ċerti liġijiet għandek li akkużat jista' jkollu sa €13,900 u f'liġijiet oħra, bħalma huwa l-Kap. 621, għandek il-kwestjoni ta' €600 kull ġimagħtejn, u allura qed tinħoloq din id-diskrepanza. Għaldaqstant irridu naraw eżatt l-ammont li qed ngħidu li se jkun qed jiġi stabbilit b'ordni tal-Ministru fil-Gazzetta tal-Gvern, għax hawnhekk qegħdin indaħħlu żewġ mekkaniżmi.

Qegħdin ngħidu li sabiex tistabbilixxi x'inhu l-għajxien diċenti tal-familja, il-qorti għandha tħares lejn żewġ aspetti. L-ewwel nett nissuġġerixxi li l-ordni li jagħmel il-Ministru fil-Gazzetta ssir kemm jista' jkun malajr, però għadu mhuwiex ċar kif se ssir eżattament u x'se tkun qed tispeċifika, jekk hux se tkun qed tispeċifika ammont jew inkella kriterji. Dan l-Abbozz ta' Liġi ma jindirizzax dan l-aspett.

Ma' dan hemm il-kwestjoni, li huwa tajjeb li ddaħħlet, li l-qorti tista' tistabbilixxi metodi oħra sabiex tassigura li jkun hemm għejxien diċenti, però almenu kif inhi l-liġi llum nafu x'inhu l-ammont. Mhuwiex ideali, għax qatt ma nbidel mill-1993 meta ġie introdott l-Att kontra Money Laundering u ovvjament ma jirriflettix ir-realtajiet li għandna llum. Għaldaqstant huwa tajjeb li dan l-aspett se jiġi indirizzat, għalkemm ma nafux eżattament kif se jiġi indirizzat, kif se tinħareġ din l-ordni u x'inhuma l-kriterji. Naħseb li hawnhekk ikun għaqli li fl-istadju ta' Kumitat nibdew nifhmu x'emendi se nkunu qegħdin indaħħlu biex nassiguraw li ma jkollniex aktar diffikultajiet bħalma kellna fl-aħħar żmenijiet.

Din mhijiex kwestjoni li xi ħadd qed jipprova jilgħabha tal-inkwiżitur, anzi bil-maqlub. Qegħdin nipprovaw inressqu quddiem din il-Kamra proposti li nemmnu li huma validi u li jassiguraw li nkomplu nkunu ċari fil-ġlieda kontra l-kriminalità u fl-istess ħin nagħrfu u nirrealizzaw li ma jistax ikollok sitwazzjonijiet li persuna tibqa' bil-proprjetà tagħha ffriżata għal snin twal mingħajr ma tkun tista' titlob varjazzjonijiet u tibdiliet.

Sur President, aħna nħossu li l-proposti li qegħdin inressqu huma rilevanti u pertinenti sabiex intejbu dak li qegħdin nagħmlu billi noħolqu bilanċ bejn il-ġlieda kontra l-kriminalità u d-dritt ta' kull persuna li tkun akkużata b'reat kriminali li ma tispiċċax tagħmel snin twal f'pożizzjoni finanzjarja prekarja u diffiċli. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, segwejt diversi interventi minn dan dibattitu u laqatni ħafna dak li qal l-Onor. Edward Zammit Lewis fuq id-drittijiet tal-imputat jew ta' dak li jkun għadu mhux imputat, għax l-ordni ta' sekwestru toħroġ meta persuna tkun għadha qed tiġi investigata. Ma nistax nifhem il-pożizzjoni li qed tieħu l-Oppożizzjoni, għax din il-proposta ta' liġi qiegħda ssir biex tindirizza diversi inġustizzji. Għalhekk, jekk ikollok liġi li trid tindirizza diversi inġustizzji versus Oppożizzjoni intransiġenti, Oppożizzjoni bla qalb ngħid jien, imma m'iniex qed neħodha b'sorpriża għax din il-liġi … (Interruzzjonijiet) Mhux qed ngħid għalik, Onor. Giglio.

**L-ISPEAKER:** Onor. Bedingfield, indirizza lis-Sedja.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, ma nafx għalfejn qed jeħodha hekk l-Onor. Giglio, lanqas tani ċans nibda l-argument tiegħi! (Interruzzjonijiet) Mhux għalik qed ngħid. Ma kontx qed ngħid għad-diskors tiegħek. Id-diskors tiegħek kien ħafna aktar diċenti minn dikjarazzjonijiet oħrajn li smajna hawnhekk.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili ftit, Onor. Giglio. lnti lestejt id-diskors tiegħek u issa, jekk jogħġbok, oqgħod daqsxejn kwiet. Kompli, Onor. Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, kont qed ngħid li dan l-Abbozz ta' Liġi qed isir biex jindirizza inġustizzji ta' nies, kumpaniji, impjegati u sidien ta' kumpaniji li sabu ruħhom f'diffikultajiet minħabba ordnijiet ta' sekwestru u ordnijiet ta' ffriżar. Kellna sitwazzjonijiet fejn tribunal ta' pajjiż ieħor, l-ewwel ikun ħareġ ordni ta' sekwestru fuq kumpanija reġistrata Malta, dik l-ordni ta' sekwestru ma tkunx segwita, u jkollok kumpanija reġistrata f'Malta għal għaxar snin sħaħ bil-kontijiet tagħha bblokkati, ħadd ma jista' jagħmel xejn u n-negozju ma jistax ikompli. Wara li l-Qorti Maltija tiddikjara u tneħħi l-ordni ta' sekwestru, f'għajnejn il-bank dik il-kumpanija jew dik il-persuna – ħalli nsemmi persuna u mhux kumpanija għax, wara kollox, kumpanija hija persuna legali – tibqa' bil-kontijiet imblokkati daqslikieku ħatja.

L-Onor. Giglio semma li m'hemmx leżjoni tad-drittijiet tal-proprjetà, imma żgur hemm leżjoni fuq id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Mela saret ordni ta' sekwestru b'mod inġust fil-konfront tiegħek, imma l-bank ma jirrikonoxxix dik id-dikjarazzjoni u f'għajnejn il-bank inti tibqa' ħati, tibqa' bil-kontijiet imblokkati u ma tistax tħaddem il-kumpanija tiegħek. Prattikament ma tista' tagħmel xejn, għax il-kontijiet ikunu għadhom imblokkati.

Hawnhekk se nirreferi għal dak li qal l-Onor. Giglio fuq l-għajxien diċenti. Il-liġi tagħna tipprovdi li meta jkun hemm każijiet bħal dawn, ikun hemm dħul medju, imma l-istil ta' ħajja mhux ta' kulħadd huwa l-istess. Jekk hemm persuna li għandha dħul li jmur lil hinn mill-paga medja, għandha stil ta' ħajja differenti minn dik li għandha paga medja. Nifhem li mhuwiex faċli biex wieħed isib bilanċ, imma llum qegħdin f'dan l-istadju biex naġġornaw din il-liġi, u qed jagħmel tajjeb il-Ministru għall-Ġustizzja li qed iressaq dan l-Abbozz ta' Liġi. Però naħseb li hemm passi oħrajn li rridu nħarsu lejhom bħal, pereżempju, xi jfisser li tgħix ħajja diċenti skont id-dħul tal-persuna, għax dak li huwa tajjeb għalija jista' ma jkunx tajjeb għal ħaddieħor.

Sur President, il-ħin tiegħi kważi skada u l-aħħar punt li xtaqt nagħmel hu li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, imma hemm ferm aktar passi li rridu nieħdu f'dan ir-rigward biex f'dan il-qasam nagħmlu ġustizzja ma' min veru għandu bżonn li ssir ġustizzja miegħu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Nistieden lill-Ministru Jonathan Attard biex, jekk jogħġbu, jagħmel il-winding up.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, irrid nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-kelliema kollha li pparteċipaw f'din id-diskussjoni, li għandha twassal biex inkomplu nsaħħu dak li qegħdin inressqu bħala Gvern. Dan l-intervent leġiżlattiv qed jipproponi emendi għal

numru ta' liġijiet biex, fuq kollox, joħolqu aktar bilanċ u biex nassiguraw li ma jkunx hemm nuqqas ta' proporzjonalità fl-ordnijiet ta' sekwestru u eventwalment fl-ordnijiet ta' ffriżar li qed nitkellmu fuqhom fil-konfront ta' imputat u l-eventwali sekwestri.

Sur President, irrid nagħmel numru ta' rimarki dwar dak li ntqal. Issemma l-introjtu għal ħajja diċenti. Il-ħsieb hu li kemm jista' jkun nistabbilixxu mekkaniżmu biex ma jkollniex sitwazzjoni fejn dejjem irid ikun hemm intervent leġiżlattiv jew pubblikazzjoni ta' xi avviż legali biex ikun determinat x'jista' jsir. Kif għedt aktar kmieni, ejja ma ninsewx li għamilna 28 sena biex biddilna dak li hu mistenni li wieħed jista' jieħu mill-introjtu tiegħu biex ikun jista' jgħix ħajja diċenti flimkien mal-familjari tiegħu. Għaldaqstant qegħdin naraw kif nistabbilixxu mekkaniżmu li permezz tiegħu dan ikun jista' jiġi aġġornat minn żmien għal żmien.

Dan qegħdin nagħmluh ukoll b'diskussjonijiet mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għax irridu nassiguraw li jekk se ndaħħlu mekkaniżmu, kemm jista' jkun ma jkunx fil-Kodiċi jew fl-Att rispettiv. B'hekk nassiguraw li jekk ikun hemm tibdil f'ċerta statistika uffiċjali maħruġa mill-NSO, ma jkunx hemm bżonn ta' intervent leġiżlattiv, bl-iskariġġ li dan iġib miegħu u li jwassal biex inħallu snin twal jgħaddu, għax din hija sitwazzjoni li toħloq inġustizzja u skumdità sproporzjonata fil-konfront ta' dawk li huma suspettati jew imputati u għadhom ma nstabux ħatja.

Sur President, mhux se noqgħod nirreferi għall-attakki bla sugu tas-soltu mill-kelliem tal-Oppożizzjoni, b'kull dovut rispett lejh, anke fuq din il-kwestjoni. Qed jgħid li huma miftuħa. Aħseb u ara aħna! Din id-diskussjoni fl-istadju tat-Tieni Qari pposponejnieha biex ikunu jistgħu jiddiskutuha fil-grupp parlamentari, għax kienu maqsumin fuqha. Jiġifieri ma jiġix jgħid li aħna mhux miftuħin għad-diskussjoni. Aħna tant konna miftuħin li tajnieh il-fakultà li jerġa' jmur fil-grupp parlamentari tiegħu u jiddiskuti dan is-suġġett.

Imma naħseb li llum bl-aktar mod evidenti rajna s-sentiment ta' min ippilota jew mexxa l-pożizzjoni li qed tieħu l-Oppożizzjoni, li fil-fehma tiegħi ma tagħmilx sens, fuq din ir-riforma mistennija minn diversi persuni li f'ħajjithom ġarrbu konsegwenzi ta' liġi drakonjana. Nies fil-professjoni legali, bħall-Gvern, għarfu l-ħtieġa ta' dan l-intervent leġiżlattiv biex jinstab bilanċ fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li dwaru tajna spjegazzjoni dettaljata.

Irrid nirringrazzja lill-kelliema tal-Gvern, fosthom il-Ministru Owen Bonnici li serva wkoll bħala Ministru għall-Ġustizzja, lill-Onor. Edward Zammit Lewis li hu l-predeċessur tiegħi f'dan ir-rwol u li ta spjegazzjoni ta' kemm kien Gvern kuraġġuż li telaq b'dawn ir-riformi li komplejna nibnu fuqhom, kif ukoll lill-Onor. Glenn Bedingfield.

Sur President, issemmew is-sentenzi fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Jien inħoss li irrispettivament miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-pronunzjament f'dawk is-sentenzi huwa ċarissimu. Dan hu appell konsistenti ma' diversi sentenzi oħra li jinsisti fuq il-ħtieġa li jkun hemm proporzjon raġonevoli fl-interventi li jagħmel l-Istat fl-interess pubbliku, jiġifieri filwaqt li jkun hemm dan it-tip ta' intervent, dan irid ikun proporzjonali mad-drittijiet fundamentali u d-dritt ta' proprjetà tal-individwu, u ma jħallix sitwazzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar ġenerali għaddejja għal żmien twil.

B'dak li qegħdin nipproponu min-naħa tal-Gvern xorta se jkun hemm lok għal ordni ta' ffriżar ġenerali, imma qed nagħtu terminu ta' 90 ġurnata estendibbli għal 90 ġurnata oħra biex jiġi stabbilit il-valur tal-proprjetà. B'hekk, inkunu qegħdin nilħqu dak il-bilanċ ġust li dejjem appellat għalih il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u nindirizzaw il-fatt li l-qrati tagħna, bl-aktar mod ċar, qed jgħidulna li għandhom idejhom marbutin u qed jitolbuna nagħmlu dan l-intervent ħalli jkunu jistgħu jaġixxu.

Niġi għal punt ieħor. Il-kelliem ewlieni għall-ġustizzja min-naħa tal-Oppożizzjoni qed jgħid li jrid iħalli fid-diskrezzjoni tal-qorti. Preċiżament dak hu li qegħdin nipproponu hawnhekk! Il-kelliem ewlieni għall-ġustizzja min-naħa tal-Oppożizzjoni kemm-il darba jiġi hawnhekk u jikkwota lis-Sinjorija Tiegħu l-Prim Imħallef. Jien naħseb li l-Prim Imħallef kien ċar fid-diskors tiegħu fil-ftuħ tas-sena forensi meta qal li l-liġijiet isiru mill-Parlament jekk il-Parlament, li suppost għandu l-polz tal-poplu u qiegħed hemm għall-aħjar interess tal-poplu, irid li ma jkunx hemm daqshekk diskrezzjoni mill-ġudikant fl-għoti tal-pieni jew iqis li ċerti kwestjonijiet proċedurali mhux qed iwasslu għall-ġustizzja vera, kif qed

nitkellmu llum. Il-Prim Imħallef għandu s-setgħa li jemenda l-liġi biex ma jkunx hemm dawn l-ilmenti, li wħud minnhom jistgħu jkunu aktar milli ġustifikati.

Hawnhekk qed nassumu r-responsabbiltà sħiħa tar-rwol leġiżlattiv tagħna, anke bħala Gvern, u qed nirrispondu għal dawn in-neċessitajiet billi ma noqogħdux lura milli nwettqu riformi sinifikanti. Ir-riformi twettaqhom mhux billi tagħmel intervent kożmetiku sempliċiment biex tħossok komdu mal-kuxjenza li qed tirrispondi għas-sentenzi tal-Qorti. Inti tirrispondi b'mod sinifikanti u tieħu deċiżjonijiet kuraġġużi billi tassigura li l-proċeduri jkomplu jsiru bis-serjetà fil-ġlieda kontra l-kriminalità, fejn aħna investejna bla preċedent fis-settur tal-ġustizzja, inkluż fis-settur tal-prosekuzzjoni.

Illum li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bil-mod il-mod beda jassumi rwol ta' prosekuzzjoni, inkluż reati li kienu jieħdu ħsiebhom il-Pulizija Eżekuttiva, dawn ir-riformi diġà bdew iħallu l-frott u bdejna naraw aktar speċjalizzazzjoni u aktar effiċjenza. Fid-diskors tiegħi dwar il-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja għedt kif sal-aħħar ta' Ottubru kien hemm l-akbar ammont ta' atti ta' akkuża li qatt ġew ippreżentati, tliet darbiet aktar mill-medja li kellna fil-passat. Dan huwa riżultat tal-investiment li għamilna fir-riżorsi umani, mhux biss għal titjib fil-kondizzjonijiet, imma wkoll biż-żieda fin-numru ta' avukati fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali biex inkomplu nsaħħu s-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna.

Naħseb li b'din ir-riforma, kif qal il-Prim Imħallef, qed nuru li aħna l-politiċi li għandna subgħajna fuq il-polz tal-poplu, nifhmu d-diffikultajiet u nieħdu azzjoni effettiva f'waqtha biex nassiguraw li f'soċjetà demokratika, l-ebda persuna, mingħajr ebda distinzjoni, ma jkollha l-jeddijiet fundamentali tagħha mittiefsa.

Sur President, kien hemm diversi punti oħrajn li xtaqt għamilt aċċenn għalihom. Irrid insostni u nibqa' nenfasizza li bil-proposti li qegħdin inressqu hawnhekk, kull reat se jibqa' jitqies reat u kull piena li hemm stipulata fil-liġijiet tagħna se tibqa' l-istess, imma qegħdin nagħtu aktar spazju għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità biex persuna li tkun suspettata jew imputata imma hija preżunta innoċenti sakemm tiġi ġudikata, ma tisfax f'qagħda ta' rovina totali b'mod mill-aktar inġust. Nagħlaq hawn u nistenna li fl-istadju ta' Kumitat inkomplu nsaħħu din il-proposta ta' liġi. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità jkun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? (Onor. Membri: No) Carried.

**ONOR. MEMBRU:** Division.

**L-ISPEAKER:** Qed tintalab votazzjoni. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87, din il-votazzjoni se tittieħed fis-seduta tat-18 ta' Diċembru, 2023.

Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada t-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni; u

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 166 tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni.

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta'Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Estimi Ġenerali għas-sena 2024 – Kumitat ta' Provvista;

Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – Votazzjonijiet;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet - Votazzjoni; u

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari (Votazzjoni).

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti; u

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Kumitat

Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Alex Muscat.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, illum xtaqt nitkellem fuq l-affarijiet li seħħew f'dawn l-aħħar xhur u snin li komplew isaħħu r-reputazzjoni ta' pajjiżna, u għax kompliet tissaħħaħ ir-reputazzjoni ta' pajjiżna, kompla jinħoloq aktar ġid f'pajjiżna u allura se nispjega kif finalment dan qed jasal għand il-poplu Malti, għand il-familji u għand in-negozji.

Ftit tal-ġranet ilu kont l-Armenja fuq xogħol parlamentari għal laqgħa li ssir ta' kull sena tal-Organization for Security and Co-operation in Europe (OSCE). Għal min qed isegwina u forsi mhuwiex intiż, l-OSCE hija l-akbar organizzazzjoni ta' sigurtà reġjonali li hawn fid-dinja li tinkludi ħafna parlamenti u ħafna pajjiżi minn mad-dinja kollha. Hija wkoll waħda mill-ikbar fora internazzjonali li huma membri tagħha pajjiżi bħar-Russja, l-Ukrajna, l-Amerika u l-Kanada u kull meta niltaqgħu, nitkellmu fuq temi importanti li finalment jaffettwaw lill-pajjiżi kollha b'mod distint u b'mod separat, b'temi rikorrenti u importanti, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà.

Waqt din il-laqgħa indunajna li ma kienx hemm qbil fuq min kellu jieħu l-Presidenza ta' din l-organizzazzjoni minn Jannar li ġej. Hemmhekk tara l-politika sseħħ quddiem għajnejk u tħossok umli u fl-istess ħin tħossok kburi meta tara li l-uniku pajjiż li fuqu qabel kulħadd, u bla ebda riżerva, kienet Malta.

Ikollok dawn is-superpotenzi bħall-Ukrajna u r-Russja, li nafu li bħalissa jinsabu f'kunflitt, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Ġermanja, Franza u l-Italja, li waqt id-diskussjonijiet li kienu għaddejjin, l-isem kien wieħed u ċar. Biex naqblu lkoll kemm aħna, Malta għandu jkollha l-Presidenza tal-OSCE minn Jannar 2024.

Din kienet sorpriża għal pajjiżna, għax aħna ma tfajniex isimna biex nipprovaw nieħdu din il-Presidenza. Fil-fatt, il-Latvja tefgħet isimha biex tieħu din il-Presidenza, imma kien hemm pajjiżi oħrajn li oġġezzjonaw, fosthom ir-Russja. Allura hemmhekk tara kif b'mod naturali, Malta qed issir interlokutur ġenwin fdat mill-pajjiżi kollha tad-dinja. U tkun kburi li pajjiżna, bl-isforzi politiċi tiegħu, qed iwassal biex pajjiżi li bejniethom jinsabu f'kunflitt, jaqblu li Malta għandha tkun dak l-interlokutur ġenwin li jista' joħloq bilanċ bejn dawn il-partijiet kollha.

Apparti l-OSCE, li kif qed nispjega huwa forum importanti ħafna, għandna wkoll siġġu fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda. Kien proprju pajjiżna li wara sforz kbir mal-pajjiżi kollha involuti fil-Kunsill tas-Sigurtà, wasal biex ippropona l-ewwel riżoluzzjoni fuq dak li għandu x'jaqsam mal-kunflitt li għaddej bħalissa fil-Mediterran, ftit 'il bogħod minn xtutna, bejn il-Palestina u l-Iżrael. U din ir-riżoluzzjoni għaddiet. Għalhekk, għal darb'oħra qed naraw kif id-diplomazija internazzjonali, il-politika kif nifhmuha aħna u kif qed infissruha f'dawn il-fora lil hinn minn xtutna, qed issarraf biex tkompli tgħolli r-reputazzjoni tagħna. Il-fatt li jkollok din il-blata ċkejkna f'nofs il-Mediterran, dan il-pajjiż ħieles u indipendenti li jgawdi minn din ir-reputazzjoni u minn dan ir-rispett, hija xi ħaġa li għandha tagħmilna kburin.

Jien ngħid li dak huwa t-tħaddim tajjeb ta' xi tfisser li tkun pajjiż non-allinjat. Fil-fatt, fil-Kostituzzjoni tagħna għandna li aħna pajjiż indipendenti u non-allinjat u allura ma nassoċjawx ruħna ma' superpotenzi. Il-mod kif qegħdin nipprattikaw il-politika internazzjonali tagħna qed iwassal biex inkomplu ngħollu l-profil ta' Malta fil-fora internazzjonali. Dan ifisser li minħabba r-rwol tiegħi, niġi mistieden biex nattendi konferenzi f'isem il-Gvern. Fil-fatt, għadni ġej mill-Indja u ftit ġimgħat qabel kont qed nirrappreżenta lil pajjiżna fiċ-Ċina, u meta tiltaqa' mal-investituri, l-ewwel kelma li jgħidulek tkun kif jista' jkun li Malta qed tikseb dawn ir-riżultati ekonomiċi, u l-credit rating agencies, fir-rapport ta' kull kwart tas-sena, dejjem qegħdin jagħtuna ċ-ċifri li għandna. Jistaqsuk kif minn pajjiż tat-tieni klassi għaddejna għal pajjiż A+, u tispjegalhom.

Sur President, parti mir-rwol li għandu kull Membru Parlamentari hu li jispjega fuq pajjiżu u jgħid x'qed nagħmlu. Jgħid ukoll x'inhuma l-affarijiet li trid tindirizza, x'inhuma n-nuqqasijiet li rridu negħlbu, u meta tagħti din l-ispjegazzjoni ġenwina, tirrealizza għalfejn fl-aħħar snin ir-reputazzjoni ta' pajjiżna kompliet miexja 'l quddiem u kompliet togħla.

Meta wieħed jara li pajjiżna ġie fdat biex imexxi forum importanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà, u li l-credit rating agencies

internazzjonali qed jagħtuna marki pożittivi immens, dan iwassal biex min qed ifittex fejn se jinvesti, min qed jara fejn għandu jibgħat lit-tfal tiegħu biex jistudjaw, min qed ifittex post fejn jiċċaqlaq biex jiġi jgħix, ħafna drabi Malta tkun fuq nett tal-lista. Dik hija xi ħaġa li tagħmlek kburi u għalhekk tifhem għalfejn f'dawn is-snin pajjiżna kien dik il-ħuta li qed tgħum kontra l-kurrent.

L-ekonomija tagħna rridu nqabbluha ma' sħabna l-Ewropej u kif tara li t-tkabbir ekonomiku tagħhom huwa ta' 0.8% biss ikkomparat mat-tkabbir tagħna ta' aktar minn 6%, tirrealizza li qed nikbru sitt darbiet aktar mill-bqija tal-Ewropa. U dan mhuwiex b'kumbinazzjoni, imma minħabba r-reputazzjoni tajba ħafna li pajjiżna qed igawdi mad-dinja kollha. Hemmhekk jiġi l-investiment internazzjonali, hemmhekk dak li jkun jgħid li se jinvesti f'Malta jew li jekk se jibda negozju se jagħmlu f'Malta, jew jekk se jmur btala bil-familja se jiġi hawn Malta. Dak ikompli jkattar il-ġid u jkabbar l-ekonomija tagħna, għax il-ġid joħloq il-ġid.

Jekk aħna qed nissemmew f'dawn il-fora, min forsi qatt ma ġie f'pajjiżna għal skop ta' turiżmu, se jinteressa ruħu biex iżur pajjiżna. U min irid post li huwa sigur mil-lat ta' sigurtà, jekk m'iniex sejjer żball pajjiżna huwa t-tieni l-aktar pajjiż sigur fid-dinja wara l-Ġappun. Dan jagħmel lil pajjiżna wkoll post interessanti ħafna biex jibgħat it-tfal tiegħu jistudjaw hemm.

Ladarba l-credit rating agencies kollha qed jgħidu li pajjiżna huwa post tajjeb u stabbli ekonomikament u politikament, fejn għandek tinvesti flusek, aktar nies qed jagħmlu l-kuraġġ biex jiġu jinvestu, inkluż l-investituri Maltin li qed ikomplu jkabbru l-ekonomija tagħna. Għal min qed isegwina, dan ifisser li tippreżenta baġit bħalma ppreżentajna ftit tal-ġimgħat ilu, li se nivvotaw fuqu bħal-lum ġimgħa f'dan il-Parlament, li diġà ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea. Jiġifieri minkejja li huwa baġit li se jkompli jqassam ħafna ġid f'pajjiżna, minkejja li kien hawn min ikkritika jew ipprova jbeżża' li huwa baġit ġeneruż wisq u probabbilment lill-Kummissjoni Ewropea mhux se jogħġobha, dan mhu veru xejn għax il-Kummissjoni Ewropea rat il-Baġit tagħna u diġà tat l-approvazzjoni tagħha għall-mod kif qed namministraw il-finanzi tagħna.

Meta l-Kummissjoni Ewropea ma tagħtix l-approvazzjoni tagħha, pajjiż jidħol f'dik li jgħidulha excessive deficit procedure, għax ikun jidhrilha li l-pajjiż waħdu mhux kapaċi jamministra l-finanzi tiegħu kif suppost. Għiduli x'daqqa tkun din għar-reputazzjoni ta' pajjiżna. F'pajjiżna għaddejna minn din is-sitwazzjoni, u jiddispjaċik meta tara lil Malta tissemma fil-ħażin u fin-negattiv.

Il-Kummissjoni Ewropea kienet qed tgħidilna li m'aħniex kapaċi namministraw il-finanzi tagħna kif suppost, imbagħad qaltilna minn fejn irridu nnaqqsu. Jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea kienet qed tagħtina direzzjoni politika mmirata biex il-baġit li nippreżentaw f'din il-Kamra, namministrawh b'mod differenti, għax il-Gvern Nazzjonalista ta' qabel l-2013 ma kienx kapaċi jamministra l-finanzi tal-pajjiż kif qed jiġu amministrati llum. Għalhekk, kull meta nkun mistieden fuq xogħol tal-Parlament lil hinn minn xtutna, nieħu pjaċir nitkellem ma' membri parlamentari minn pajjiżi oħrajn dwar kif Malta hi miexja 'l quddiem u kif qed inwasslu dak il-ġid għand in-nies.

Nhar is-Sibt li għadda stess wettaqna miżura li toħroġ minn dan il-Baġit fejn 'il fuq minn 190,000 ruħ, – jiġifieri qed nitkellmu fuq madwar 92,000 familja – apparti l-bonus tal-għoli tal-ħajja li joħroġ mill-mekkaniżmu stabbilit mal-korpi kostitwiti, se jibbenefikaw ukoll minn mekkaniżmu ġdid li ħoloq dan il-Gvern u li qed iġorru kollu waħdu bl-ebda spiża fuq min iħaddem. Nerġa' ngħid, hemm madwar 194,000 ruħ li bejniethom se jkunu qed jaqsmu xejn inqas minn €14.7 miljun biex nagħmlu tajjeb għall-impatt tal-għoli tal-ħajja li ġej minn barra. Dak huwa l-ġid, għax meta tieħu ħsieb ir-reputazzjoni ta' pajjiżek, tattira l-investiment, tkompli tkabbar l-ekonomija, imbagħad bħala politiċi soċjalisti demokratiċi naraw li dak il-ġid li qed jasal f'pajjiżna namministrawh b'mod għaqli, b'mod li ngħinu lill-familji.

Hawnhekk qed naraw il-politika ta' pajjiżna minn tarf sa tarf. Xi jfisser li tkun bil-għaqal, xi jfisser li tibża' għar-reputazzjoni tiegħek, xi jfisser li tibni relazzjonijiet tajbin ma' pajjiżi oħra, xi jfisser li tkompli tagħmilha faċli biex tattira n-negozju u tattira l-ġid, imbagħad finalment huwa kompitu tagħna li nwasslu dak il-ġid għand min għandu l-aktar bżonn biex inkomplu naraw li pajjiżna jibqa' miexi 'l quddiem.

Meta nkun mistieden f'dawn il-fora u niġi muri li

hemm fiduċja f'pajjiżna, inħossni kburi u nieħu pjaċir nara li ħaddieħor għandu fiduċja f'pajjiżna, għandu fiduċja fil-klassi politika ta' pajjiżna, għandu fiduċja fil-mod kif bħala Gvern qed namministraw l-ekonomija u l-politika internazzjonali tagħna, u li dak il-ġid qed nużawh b'mod għaqli biex inwieżnu lill-familji, lin-negozji u naraw li Malta tibqa' miexja 'l quddiem.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li hekk hu mistenni minna. Hekk hu mistenni minn kulħadd f'din il-Kamra, li nkomplu niddefendu l-interessi ta' pajjiżna, inkomplu ngħollu r-reputazzjoni ta' pajjiżna, inkomplu nattiraw il-ġid lejn pajjiżna u naraw li dak il-ġid jasal għand kulħadd. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari.

*Fis-7.29 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI

**12032. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** It-tagħrif mitlub qed jinġabar.

### MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI

**12033. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Fl-2023 intefqu €1,216 fuq fjuri għall-funerali.

### MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI

**12034. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12035. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12036. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**STUDJU DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU**

**12123. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10669 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar studju li sar dwar it-trasport pubbliku mill-Ministeru u/jew Transport Malta?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13417.

**SANTA VENERA – KONSERVATORJU VINĊENZO BUGEJA**

**12717. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Konservatorju Vincenzo Bugeja f'Santa Venera hux ser jagħlaq il-bibien tiegħu fil-futur qarib? Jekk iva, x'ser isir mis-servizzi residenzjali li jospitaw u jassistu adolexxenti vulnerabbli u fejn ser imorru dawn ir-residenti? Jista' jgħid ukoll xi pjanijiet hemm għal din il-binja?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

**MCC – NEFQA FUQ ATTIVITÀ**

**12718. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża għall-użu tas-sala ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC) fl-attività li informazzjoni dwarha qed tingħata separatament u li waslet fi tmiemha fit-8 ta' Ottubru 2023? Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-fatturi u l-irċevuti relatati?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**KAŻI TA' SUWIĊIDJI**

**12719. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9283 u 10849, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru suwiċidji minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11788.

## KAŻI TA' SUWIĊIDJI

**12720. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9283 u 10849, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru suwiċidji mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari f'termini ta' ġeneru u jekk il-persuna hijiex ta' nazzjonalità Maltija jew le? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi numru statistikament sinifikanti bejn Maltin, immigranti jew turisti?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ma kien hemm l-ebda xejra statistikament sinifikanti fin-numru tas-suwiċidji mis-sena 2013 sal-2022 fil-Maltin, residenti barranin jew turisti. L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Residenti f'Malta** | | **Turisti** |
|---|---|---|---|
| **Sena** | **Nazzjonalità Maltija** | **Nazzjonalità mhux Maltija** | **Turisti** |
| 2013 | 19 | 3 | 5 |
| 2014 | 28 | 4 | 4 |
| 2015 | 29 | 5 | 4 |
| 2016 | 20 | 4 | 3 |
| 2017 | 21 | 4 | 1 |
| 2018 | 19 | 4 | 3 |
| 2019 | 18 | 3 | 1 |
| 2020 | 16 | 6 | 0 |
| 2021 | 32 | 3 | 2 |
| 2022 | 21 | 5 | 3 |

## KAŻI TA' SUWIĊIDJI

**12721. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm attentati ta' suwiċidji mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skont il-ġeneru u l-età?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi każijiet fejn attempted suicide ġie rreġistrat bħala discharge diagnosis jidhru fit-tabella annessa.

* *Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13298. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13299. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13300. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13301. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Tista' tgħid ukoll liema kienu u liema huma u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13302. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13303. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – ENTITAJIET REGOLATORJI**

**13510. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ENTITAJIET REGOLATORJI**

**13511. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm

hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ENTITAJIET REGOLATORJI

**13512. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba ser tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – ENTITAJIET REGOLATORJI

**13513. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant għadha qed tinġabar.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13514. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod

kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni qed tinġabar u l-mistoqsija se titwieġeb f'xi seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – ENTITAJIET REGOLATORJI

**13515. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru f'kull każ jgħid:

a. jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet;

b. quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta; u

ċ. jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

## OUTPATIENTS DEPARTMENT – SPORTS CARDIOLOGY CLINIC – APPUNTAMENTI

**13695. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Sports Cardiology Clinic mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **Sports Cardiology Clinic, MDH** |
| 2021 | 50 |
| 2022 | 116 |
| Jan-Ott 2023 | 104 |

## OUTPATIENTS DEPARTMENT – STOMA CARE CLINIC – APPUNTAMENTI

**13696. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Stoma Care Clinic mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Number of attendances |
|---|---|
| Sena | Stoma Care Clinic, MDH |
| 2012 | 576 |
| 2013 | 510 |
| 2014 | 475 |
| 2015 | 546 |
| 2016 | 587 |
| 2017 | 692 |
| 2018 | 700 |
| 2019 | 661 |
| 2020 | 429 |
| 2021 | 604 |
| 2022 | 611 |
| Jan-Ott 2023 | 596 |

**OUTPATIENTS – THALASSAEMIA CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13697. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Thalassaemia Clinic mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Number of attendances |
|---|---|
| Sena | Thalassaemia Clinic, MDH |
| 2012 | 1,188 |
| 2013 | 1,614 |
| 2014 | 1,233 |
| 2015 | 1,686 |
| 2016 | 1,796 |
| 2017 | 1,568 |
| 2018 | 1,326 |
| 2019 | 966 |
| 2020 | 598 |
| 2021 | 706 |
| 2022 | 378 |
| Jan-Ott 2023 | 577 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT – TISSUE VIABILITY CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13698. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Tissue Viability Clinic mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Number of attendances |
|---|---|
| Sena | Tissue Viability Clinic, MDH |
| 2014 | 5,814 |
| 2015 | 7,062 |
| 2016 | 7,716 |
| 2017 | 7,888 |
| 2018 | 7,904 |
| 2019 | 6,827 |
| 2020 | 5,571 |
| 2021 | 6,266 |
| 2022 | 6,110 |
| Jan-Ott 2023 | 4,512 |

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – POSITIONS OF TRUST**

**13767. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – POSITIONS OF TRUST**

**13768. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tagħha f'position of trust?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust),

fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – POSITIONS OF TRUST**

**13769. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – POSITIONS OF TRUST**

**13770. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13246.

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – POSITIONS OF TRUST**

**13771. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – POSITIONS OF TRUST**

**13772. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**OUTPATIENTS DEPARTMENT – CARDIAC LAB – APPUNTAMENTI**

**13942. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari u 13669 u jgħid kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Cardiac Lab mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Number of attendances Cardiac Lab MDH |
|---|---|
| 2012 | 14,927 |
| 2013 | 16,547 |
| 2014 | 19,212 |
| 2015 | 22,371 |
| 2016 | 22,878 |
| 2017 | 22,996 |
| 2018 | 27,883 |
| 2019 | 28,732 |
| 2020 | 23,556 |
| 2021 | 27,502 |
| 2022 | 24,531 |

**FIAU – BORD TAL-GVERNATURI - LAQGĦAT**

**13994. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jippubblika d-dati tal-laqgħat li saru mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja

(FIAU), inkluż ir-rassenja ta' min attenda u min le, u r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat kollha li saru fl-2020, 2021, 2022 u bejn Jannar u Ottubru 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14015. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## IL-MELLIEĦA, L-IMĠARR, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – RAPPORTI

**14017. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti li jinvolvu muturi, u li ġew irrappurtati, fl-inħawi tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, separatament għal kull lokalità, matul is-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' inċidenti li jinvolvu muturi u li ġew irrappurtati fl-inħawi tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, mal-Pulizija u l-Aġenzija LESA bejn Jannar u Ottubru ta' din is-sena kien kif jidher fit-tabella annessa.

*** Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

## IĊ-ĊIRKEWWA – REVERSE OSMOSIS

**14018. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema mains tal-ilma li jwasslu l-ilma tar-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa hu mistenni li jinbidlu, jew li jiżdiedu ma' dawk eżistenti? Meta hu mistenni li jitkompla u jitlesta dan it-tqegħid ta' mains?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-imsemmija mains huma intiżi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tad-distribuzzjoni prinċipali tal-ilma bejn l-impjanti tar-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa, ta' Ħondoq ir-Rummien u l-ġibjuni f'Ta' Qali, liema impjanti wasslu għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni kollettiva tal-ilma fit-Tramuntana tal-gżejjer Maltin. Dan il-proġett ser iwassal sabiex il-kwalità tal-ilma tkompli titjieb u tiġi armonizzata bejn id-diversi żoni u lokalitajiet. Bħalissa l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi tħejjijiet sabiex isiru d-disinji neċessarji u jinħarġu s-sejħiet għall-offerti. Dan il-proġett ser ikun qed jitlesta fuq medda ta' madwar sentejn.

## LIĊENZJAR TA' KUNTRATTURI - APPLIKAZZJONIJIET

**14019. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kif kienu maqsuma l-applikazzjonijiet marbuta mal-liċenzjar tal-kuntratturi, skont il-kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet li setgħu ġew sottomessi? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm applikazzjonijiet għal kull waħda mill-kategoriji ta' liċenzji?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sal-31 ta' Ottubru 2023 l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) irċeviet total ta' 3,793 applikazzjoni li kienu mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| 1,233 | applikazzjonijiet għal liċenzja tat-twaqqigħ |
| 806 | applikazzjonijiet għal liċenzja ta' skavar |
| 1,754 | applikazzjonijit għal liċenzja tal-bini |

**IL-QORTI – SPAZJI ĠODDA**

**14020. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid x’inhi r raġuni li għaliha fil-kurituri fis-sular ta’ fuq tal-qorti twaħħlu travi mal-ħitan, li jidher li ser jintużaw biex jitqiegħdu soqfa ġodda fil-livell tat-travi? Jista’ jgħid ukoll x’wassal biex jitqiegħdu dawn it-travi, u wkoll dwar l-użu li mistenni jsir mill ispazji ġodda, peress li jidher li dawn l-ispazji ser ikunu ferm aktar baxxi milli mdorrijin bihom fl-awli tal-Qrati Maltin?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ix-xogħol li qed tirreferi għalih l-Onor. Interpellant huwa intiż sabiex jiġi miżjud livell ieħor f’din il-parti tal-Qorti u jiġu utilizzati spazji li sal-lum, minħabba nuqqas ta’ aċċessibbiltà, ma jistgħux jintużaw.

L-ispazji ġodda se jiġu kkonvertiti f’awla ġdida li, fost oħrajn, tista’ tintuża bħala awla għall-ġurijiet kif ukoll numru ta’ uffiċini għall-użu tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati. Ittieħed inkonsiderazzjoni l-għoli tal-ispazji ġodda, liema għoli se jkun bħal dawk ta’ awli u uffiċini diġà eżistenti fil-qorti.

**MARSASKALA – DAWL FIT-TOROQ**

**14024. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid jekk id-dawl fit-triq l-antika ta’ Marsaskala huwiex jinxtegħel regolarment, billi hemm ilmenti varji li ma huwiex, u dan b’detriment għas-sewwieqa varji u dawk li jużawha?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fit-triq imsemmija l-Enemalta biddlet is-sistema kollha tad-dawl tat-triq (street lighting), inkluż arbli ġodda b’lampi LED, li jikkunsmaw ferm inqas enerġija minn dawk konvenzjonali u għalhekk jiġġeneraw inqas emissjonijiet. L-installazzjoni hija prattikament kompluta u mixgħula, ħlief għal ftit arbli li ser jinxtegħlu fil-jiem li ġejjin.

**KONSEGWENZI TA’ SENTENZA**

**14025. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid x’passi ulterjuri ser jittieħdu fir-rigward tal-impjegati varji wara u b’konsegwenza tas-sentenza li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, deċiża fil-25 ta’ Frar 2021, u dan kemm għall-impjegati li kienu parti fil-kawża kif ukoll dawk li ma kinux parti imma li għandhom interess?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**KONSEGWENZI TA’ SENTENZA**

**14026. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid x’passi ulterjuri ser jittieħdu fir-rigward tal-impjegati varji wara u b’konsegwenza tas-sentenza li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament deċiża fil-25 ta Frar 2021, u dan kemm għall-impjegati li kienu parti fil-kawża kif ukoll dawk li ma kinux parti imma li għandhom interess?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TAX DEDUCTION FIL-PENSJONI**

**14027. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B’referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9431 u 12437 jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi ulterjuri dwar it-tax deductions fil-pensjoni maħruġa *ai termini* tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba ser tingħata f’seduta oħra.

**IŻ-ŻEJTUN – RAPPORTI FUQ IL-CLEAN AND UPKEEP MOBILE APP**

**14028. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jgħid kemm saru rapporti permezz tal-mobile app *Clean and Upkeep* u jekk humiex jingħataw widen u kemm qed idumu senjatament fiż-Żejtun?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Mill-1 ta' Jannar sal-aħħar ta' Ottubru ġew reġistrati total ta' 147 każ fil-lokalità taż-Żejtun permezz tal-mobile app *Clean and Upkeep*. Każ wieħed biss huwa pendenti.

**IL-FURJANA – FUNTANA TAL-ILJUN – XOGĦLIJIET**

**14029. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12439, jista' l-Ministru jgħid xi progress kien hemm fir-rigward tal-Funtana tal-Iljun, fil-Furjana?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qegħdin jitwettqu interventi fuq is-servizzi eżistenti waqt li qegħdin isiru t-tħejjijiet neċessarji għall-installazzjoni ta' tagħmir ġdid u għax-xogħol ta' restawr fuq l-iskultura nnifisha.

**INDIS MALTA LTD – ALLOKAZZJONI TA' ART LILL AQUACULTURE RESOURCES LTD.**

**14075. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hux se tiġi allokata, jew ġietx allokata, iżjed art mill-INDIS Malta Ltd. lill-Aquaculture Resources Ltd għall-espansjoni tal-operat tagħhom? Jekk iva, jista' jagħti rendikont tal-proċess li wassal għal dan?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

**ĦAL TARXIEN – ĠNIEN OVINDOLI - XOGĦLIJIET**

**14076. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlesta x-xogħol li hemm għaddej fi Ġnien Ovindoli u jgħid hux ser jiġu installati cameras tas-sigurtà?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru minn Project Green. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Fir-rigward ta' CCTVs, dawn ser ikunu imdaħħlin fil-baġit u l-pjan ta' ħidma għas-sena 2024.

**IL-GUDJA – ĠNIEN RAYMOND CARUANA - SORVELJANZA**

**14077. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara li ssir aktar sorveljanza ta' Ġnien Raymond Caruana, fil-Gudja, hekk kif ta' kull filgħodu qed jinstabu numru ta' siringi fil-ħamrija kif ukoll fiż-żoni fejn jilagħbu t-tfal, b'periklu kbir għal saħħithom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ser tkompli ssir sorveljanza mill-Pulizija fi Ġnien Raymond Caruana, fil-Gudja, biex jiġi eliminat kull abbuż li jista' jsir u li b'xi mod joħloq periklu għat-tfal u persuni oħra li jkunu fl-istess lok, inkluż l-irregolarità msemmija mill-Onor. Membru.

**ĦAL TARXIEN – TRIQ KARLU MARATTA – XOGĦLIJIET**

**14078. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12446 fejn intqal li "mhux minnu li hemm xi tappieri ssiġillati", tista' l-Ministru tgħid x'kien l-użu tat-tappieri li ġew magħluqa bil-konkos u li r-ritratti tagħhom qed jintbagħtu separatament, hekk kif skont ħafna residenti dawn kienu jagħtu għal ġibjun li hemm fl-istess pjazza?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tappieri indikati mhumiex parti mill-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## IL-MELLIEĦA – ISEM TA' TRIQ

**14079. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jara li tiġi kkonsidrata t-talba li fil-Mellieħa tissemma triq għall-mibki s-Sur Joseph Borg, li 30 sena ilu kien l-ewwel Sindku tal-Mellieħa u pijunier fil-ħidma għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll l-ewwel Sindku f'Malta li ffirma l-ewwel ġemellaġġ bejn lokalità Maltija (Mellieħa) u oħra barranija (Adenau, il-Ġermanja)?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21707 tat-13-il Leġiżlatura.

## IL-MELLIEĦA – ISEM TA' TRIQ

**14080. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jara li tiġi kkonsidrata t-talba li fil-Mellieħa tissemma triq għall-mibki s-Sur Joseph Borg, li 30 sena ilu kien l-ewwel Sindku tal-Mellieħa u pijunier fil-ħidma għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll l-ewwel Sindku f'Malta li ffirma l-ewwel ġemellaġġ bejn lokalità Maltija (Mellieħa) u oħra barranija (Adenau, il-Ġermanja)?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14079.

## BIRKIRKARA – TRIQ ĦAL QORMI U FLEUR-DE-LYS JUNCTION – STUDJU TA' TRAFFIC MANAGEMENT

**14081. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar xhur sarux studji ta' traffic management alternattiv għal Triq Ħal Qormi u Fluer-de-Lys junction (fejn il-venda ta' Birkirkara) u jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir, sabiex it-toroq li jmissu mal-junction ikunu aktar siguri għall-vetturi, roti u għan-nies li jagħmlu użu minnhom?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Transport Malta ser tikkonsulta mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex jaraw x'jista' jsir.

## ĦAL LIJA – TRIQ TABOR – PRESSA TAL-ILMA

**14082. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx problema bil-pressa tal-ilma tal-Gvern fi Triq Tabor, f'Ħal Lija? Jekk iva, tista' tgħid meta se tkun solvuta u jekk le, tista' tikkonferma li l-pressa hija dik adegwata għar-residenti tat-triq?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet l-ebda rapport dwar problema ta' pressa fl-akkwata indikata, u l-pressa fit-triq imsemmija hija adegwata u skont l-istandards stabbiliti.

Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 80076400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku www.wsc.com.mt

## IS-SIĠĠIEWI – TOROQ

**14083. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fis-Siġġiewi sal-aħħar ta' din is-sena u matul is-sena 2024? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ppreżenta lista ta' toroq fejn ġie propost li Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet infrastrutturali fihom, liema toroq huma: p/o Triq Santa Margerita, P/o Triq Pawlu VI, Triq L-Imdina, Triq Annabelle Vassallo, Triq l-Imqabba, Triq il-Knisja l-Qadima, Girgenti Junction, Triq Blat il-Qamar, Triq l-Għid, Triq Tabib Nikola Zammit, Triq il-Muża, Triq Salvu Borg Olivier u P/o Triq Żerniq.

Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-toroq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-eżiġenzi tat-toroq rispettivi.

## ĦAL LUQA – TOROQ

**14084. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħal Luqa sal-aħħar ta' din is-sena u matul is-sena 2024? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ppreżenta lista ta' toroq fejn ġie propost li Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet infrastrutturali fihom, liema toroq huma: p/o Triq Sant' Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Santa Marija, Triq Ġużeppi Penza, Triq il-Karmnu, Triq Ċensu Decandia, Triq G. Triganza u Triq Ġanni Vassallo.

Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-toroq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-eżiġenzi tat-toroq rispettivi.

## ĦAL QORMI – TOROQ

**14085. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħal Qormi sal-aħħar ta' din is-sena u matul is-sena 2024? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ppreżenta lista ta' toroq fejn ġie propost li Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet infrastrutturali fihom, liema toroq huma: Triq Id-Dielja, Triq id-Deheb Fin, Triq il-Ħarifa, p/o Triq ix-Xitwa, Triq San Ġwakkin, Triq il-Vitorja, Triq San Bastjan, Triq San Edwardu, Triq il-Ġdida, Triq l-20 ta' Jannar, Triq il-Ħelsien, Triq Il-Belt Valletta, Triq id-Drama u Triq il-Poeżija.

Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-toroq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-eżiġenzi tat-toroq rispettivi.

## ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TOROQ

**14086. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħaż-Żebbuġ sal-aħħar ta' din is-sena u matul is-sena 2024? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ ippreżenta lista ta' toroq fejn ġie propost li Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet infrastrutturali fihom, liema toroq huma: Ħal Dwieli Alleys No. 2 u 3, Sqaq Kandlora Nru 2, Triq tad-Dawl, Triq il-Kandlora, Misraħ l-Isptar, Triq Achille Ferris, Triq Pawlu Balzan, Triq tal-Grazzja, Triq Dun Mikiel Xerri, Triq il-Kbira, Triq is-Siġġiewi, Triq Misraħ Ħal Muxi, Triq Sant Antnin, Triq Santa Marija u Sqaq Nru 4.

Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-toroq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-eżiġenzi tat-toroq rispettivi.

## GĦAWDEX – SMOKING CESSATION CLASSES

**14087. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jibdew l-ismoking cessation classes f'Għawdex?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-ismoking cessation classes se jibdew online fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

## IR-RABAT – PROĠETT FIŻ-ŻONA TAN-NIGRET

**14088. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti timeline

u jgħid pass pass x'ser isir fiż-żona tan-Nigret, ir-Rabat Malta u kemm ser jittieħed żmien biex jitlesta dan il-proġett?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħlijiet kollha se jsiru minn Infrastructure Malta u se jikkonsistu fl-installazzjoni ta' infrastruttura ġdida taħt l-art tal-Enemalta, rikostruzzjoni ta' mogħdijiet u modifiki fis-sistemi eżistenti tal-ilma tax-xita, formazzjoni ta' roundabouts ġodda fil-junctions, tibdil ta' konnessjonijiet tax-xorb tad-djar u xogħlijiet ġodda ta' asfalt.

Fid-dawl li din iż-żona hija ta' sensittività arkeoloġika, qed jittieħed kull pass biex ikun żgurat li x-xogħlijiet isiru skont indikazzjonijiet mogħtija mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Peress li l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet għadha fil-fażi inizjali tagħha, ikun prematur li għalissa jingħata perjodu li jindika meta dan il-proġett se jiġi ffinalizzat.

## SKEJJEL MHUX TAL-ISTAT

**14089. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13389 u 13865 u jgħid kemm hemm skejjel li mhumiex tal-Istat li huma liċenzjati biex fihom isir it-tagħlim, liema huma u fejn jinsabu? Minbarra l-iskejjel li jagħtu tagħlim fil-livell primarju u sekondarju, jista' jgħid kemm hawn skejjel tal-lingwi li huma mogħtija liċenzja biex jagħtu dan it-tagħlim? Jista' jgħid ukoll kemm hawn istituzzjonijiet li qed jagħtu edukazzjoni fil-livell post-sekondarju u terzjarju u kemm minn dawn huma Maltin u kemm mhumiex Maltin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-lista tal-iskejjel li mhumiex tal-Istat u huma liċenzjati biex fihom isir it-tagħlim tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

Fir-rigward tal-iskejjel tal-lingwi, bħalissa hawn 34 skola liċenzjata u din il-lista wkoll tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## SAN PAWL IL-BAĦAR U L-QAWRA – BIDLIET STRUTTURALI JEW ESTENSJONIJIET FL-ISKEJJEL PRIMARJI

**14090. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13386 u 13864 u jgħid jekk hux mistenni li jkun hemm ħtieġa ta' bidliet strutturali/estensjonijiet fl-iskejjel primarji ta' San Pawl il-Baħar u tal-Qawra rispettivament? Jekk iva, x'xogħol hu mistenni li jkun meħtieġ u meta hu mistenni li dan l-istess xogħol ikun jista' jinbeda?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Bħalissa għad m'hemm l-ebda ħtieġa ta' bidliet strutturali/estensjonijiet fl-iskejjel primarji msemmija.

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li jkun hemm diskussjonijiet kontinwi sabiex nissorveljaw il-bżonn ta' dawn il-ħtiġijiet.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL – SPIŻA

**14091. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193, 13466, 13709 u 13954 u jagħti breakdown dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi breakdown finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' breakdown finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## GĦALLIEMA FL-ISKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI

**14092. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13950 u jgħid kemm hemm għalliema li qed jgħallmu fl-iskejjel primarji u fl-iskejjel sekondarji sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jgħid kemm minnhom huma għalliema kkwalifikati u kemm minnhom huma supply? Fir-rigward tal-għalliema (kwalifikati u dawk supply) fl-iskejjel sekondarji, jista' jindika ta' liema suġġetti huma? Jista' jgħid ukoll kemm klassijiet fl-iskejjel primarji u kemm klassijiet fl-iskejjel sekondarji jinsabu mingħajr għalliema għal kull suġġett?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-iskejjel tal-Istat hemm total ta' 3,641 għalliem.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL – THE GOLDEN BEE AWARDS – LUXURY BOAT

**14093. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195, 13464, 13707 u 13924 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL - PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS

**14094. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194, 13465, 13708 u 13923 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-Ispazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## SAN PAWL TAT-TARĠA – TORRI TAL-KAPTAN

**14095. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13921 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13649, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew deċiżjonijiet li jridu jiġu meħuda biex it-Torri tal-Kaptan f'San Pawl tat-Tarġa jiġi ppreservat mill-elementi biex ma jkomplix jaqa' u mbagħad jiġi kkonservat u rrestawrat ukoll?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – MEMBRI

**14096. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13433, 13634 u 13925 u jipprovdi lista tal-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għal kull sena għall-perjodu 2016-2023 għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- Rappreżentant mill-Università ta' Malta;
- Rappreżentant mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija;
- Rappreżentant tal-Jobsplus;
- Rappreżentant mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi;
- Rappreżentant mill-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta;
- Rappreżentant mill-Malta Enterprise;
- Rappreżentant tas-soċjetà ċivili;
- Rappreżentant minn fost speċjalisti tat-tagħlim tul il-ħajja;
- Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni;
- Erba' persuni oħra li għandhom kwalitajiet ta' tmexxija, u li jifhmu l-edukazzjoni u s-suq

tax-xogħol fil-kuntest ta' soċjetà miftuħa, demokratika, ġusta, prospera u inklużiva?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## TRANSPORT MALTA – ĦATRA TA' DIRETTUR FID-DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ U TRAFFIC MANAGEMENT

**14097. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13951 u jikkonferma illi fid-Dipartiment tas-Sigurtà u Traffic Management fi ħdan Transport Malta għadha kif inħatret persuna fil-pożizzjoni ta' Direttur wara li kienet ħarġet sejħa interna, iżda din il-persuna nħatret direttament minn barra billi ġiet trasferita mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) mingħajr ma setgħet tapplika għal dan ir-rwol u mingħajr ma saru interviews lil min applika internament?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Transport Malta qed issaħħaħ is-sezzjoni tar-Road Safety. Għaldaqstant, ġiet identifikata impjegata ta' Infrastructure Malta li kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Direttur li għandha l-għarfien neċessarju dwar din il-materja, u li bi qbil ma' Infrastructure Malta, qed tiġi mislufa lil Transport Malta.

## TRANSPORT MALTA – IMPJEGATI TAĦT INVESTIGAZZJONI

**14098. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13952 u jagħti rendikont ta' kemm hemm impjegati fi Transport Malta illi ġew jew qed jiġu investigati mill-Pulizija u/jew mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u mill-Human Resources tal-Awtorità mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-pożizzjoni u l-grad tagħhom u kemm ilhom impjegati mal-Awtorità? Jista' jgħid x'inhu/x'inhuma l-każ/każijiet li fuqu/fuqhom ġew/qed jiġu investigati?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

## AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI

**14099. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638 u 13908 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## UNIVERSITÀ AMERIKANA TA' MALTA (AUM) – LIĊENZJA

**14100. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13181 u 13871 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji u l-estensjonijiet li ngħataw lill-American University of Malta (AUM) bejn l-2016 u l-2023, li fihom jintwerew il-kundizzjonijiet imposti fuq l-AUM mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE)?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba, bħal ta' kull entità oħra, hi ta' natura kummerċjali u sensittiva, b'hekk dawn ma jistgħux jiġu ppubblikati.

## IL-BELT VALLETTA – TEATRU RJAL – KUNTRATTI

**14101. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12716 u 13870 u jgħid x'kuntratti hemm relatati mal-binja tat-Teatru Rjal, bħal konċessjonijiet, kirjiet ta' faċilitajiet

bħal kafetteriji, ristoranti jew bars, u jqiegħed kopji ta' kull kuntratt fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-kuntratt mal-Malita jinsab fid-dominju pubbliku.

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – AVUKATI INTERNI – SEJĦIET

**14102. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571 u 13873 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## IL-BELT VALLETTA – KUNTRATT TA' FOND

**14103. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12645, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li skada fl-2017?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – DIĠITALIZZAZZJONI TAL-FILES

**14104. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8215, jista' l-Ministru jagħti figuri bħala perċentwali tal-files 'in circulation' li għadhom pendenti biex jiġu scanned u diġitalizzati, kif ukoll il-files kollha b'mod ġenerali tal-Awtorità?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## KUNSILL LOKALI TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ – APPLIKAZZJONI LILL-KUMITAT TAL-ISMIJIET TAT-TOROQ

**14105. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12706, fejn intqal li skont ir-records tal-Awtorità tal-Artijiet is-sit fejn tinsab it-triq ġdida li tagħmel ma' Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ (Malta), u li sal-ġurnata tal-lum din it-triq għadha mingħajr isem (site plan qiegħda tintbagħat separatament), mhuwiex tal-Gvern, u peress illi fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10969 ingħad li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq f'laqgħa kien talab lill-Kunsill Lokali biex jikkomunika mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jikkonferma jekk din it-triq hix privata jew pubblika, jista' l-Ministru jgħid jekk f'dan ir-rigward il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ kienx f'kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet, u jgħid jekk waslitlux risposta definittiva, u jgħid jekk minn dakinhar 'l hawn il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ issottomettiex ir-rakkomandazzjoni tiegħu sabiex jingħata isem lit-triq inkwistjoni?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, permezz tal-Perit Malcolm Cachia, qiegħed f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Artijiet u daħħal talba msejħa bħala 'LC1' bir-referenza LC1/2023/0133. Din it-talba qiegħda tiġi pproċessata. Sakemm il-Kunsill Lokali jkollu r-risposta, din it-triq għadha qed tiġi msejħa 'Triq Ġdida fi Triq l-Indipendenza'.

## ĦAL KIRKOP – TOROQ – XOGĦLIJIET

**14106. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħal Kirkop sal-aħħar tal-2023 u tul is-sena 2024? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ppreżenta lista ta' toroq fejn ġie propost li Infrastructure Malta twettaq xogħlijiet infrastrutturali fihom, liema toroq huma: Triq Nerik Xerri, Triq San Pietru, Triq l-Industrija, p/o Triq San Nikola, Sqaq San Ġwann,

Sqaq San Andrija, Misraħ Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq il-Kbira, Triq San Rokku, Triq Fieres u Triq in-Niċċa Tal-Madonna.

Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-toroq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-eżiġenzi tat-toroq rispettivi.

## UNIVERSITÀ TA' MALTA – DEPUTATI PARLAMENTARI IMPJEGATI

**14114. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Deputati tal-Parlament impjegati mal-Administration tal-Università ta' Malta? Jekk iva, jista' jgħid min hu jew min hi u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-ingaġġ? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-time sheets jew data oħra elettronika ta' din il-persuna u kemm tqatta' ħin fuq il-post tax-xogħol matul il-ġurnata? Jista' wkoll jipprovdi l-ħinijiet u l-ġranet ta' kull meta din il-persuna talbet li tkun eżentata mill-Università għal xogħol politiku?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-Onor. Claudette Buttigieg hija impjegata mas-sezzjoni Research, Innovation and Development Trust, fi ħdan l-Università, bħala Senior Executive.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14115. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997, jista' l-Prim Ministru jagħti d-data tal-ingaġġ tal-persuni, jgħid b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika eċċ.) u kemm hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif li ngħatali mis-Servizz Pubbliku tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## GOZO CHANNEL – DGĦAJJES

**14122. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gozo Channel xtratx jew krietx dgħajsa matul dawn l-aħħar sentejn? Jekk iva, jista' jgħid x'kien il-prezz, kif sar dan ix-xiri u għal xiex tintuża/jintużaw?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-dgħajsa nxtrat għas-somma ta' €4,000 (VAT eskluż), liema prezz kien jinkludi l-magna (outboard) u l-karru tal-ħadid. Id-dgħajsa inxtrat wara li sar tiftix fis-suq lokali u ġiet identifikata bħala l-aħjar waħda li kienet taqdi l-eżiġenzi neċessarji tal-Gozo Channel. Id-dgħajsa nxtrat bl-iskop li tkun tista' tiġi użata għall-emerġenzi li jistgħu jinqalgħu fuq il-baħar.

## IN-WORK BENEFIT – ĦADDIEMA LI BBENEFIKAW JEW SE JIBBENEFIKAW

**14123. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati li bbenefikaw jew se jibbenefikaw mill-In-work Benefit għal sigħat atipiċi fis-sena 2023? Minn liema setturi ġejjin dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati minn temping agency jew aġenzija ta' outsourcing jew impjegati direttament jistgħux jibbenefikaw ukoll? Jekk iva, jista' jgħid jekk ikunux eliġibbli fil-każ li dawn ikunu ħaddiema temporanji jew ħaddiema ta' outsourcing agency, kif kien qed jiġi interpretat? Jista' jgħid ukoll kemm aktar impjegati bbenefikaw din is-sena fuq is-sena li għaddiet?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2023 inħarġu 26,471 ċekk għal ħaddiema li jaħdmu ħinijiet atipiċi. Dawn il-ħaddiema jaħdmu (xogħol primarju) f'wieħed min dawn is-setturi:

- l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel;
- is-servizzi amministrattivi u ta' sapport;
- il-manifattura;
- it-trasport; u
- l-ħażna u l-wholesale u r-retail.

Kull ħaddiem/a kemm ta' nazzjonalità Maltija, mill-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi terzi, li kien/et impjegat/a ma' kumpanija/intrapriża f'wieħed mis-setturi msemmija hawn fuq skont il-kriterji stabbiliti li huma: impjegati għal

minimu ta' sitt xhur fis-sena 2022 u l-qligħ tagħhom ma qabiżx €20,000 fis-sena 2022, kien/et intitolat/a għal dan il-benefiċċju.

Is-sena li għaddiet inħarġu 35,644 ċekk għal ħaddiema li jaħdmu ħinijiet atipiċi. Dan ifisser li fl-2022 inħarġu 9,173 ċekk iżjed mill-2023.

**KUNSILLI LOKALI – SERVIZZ MINN PERITI**

**14124. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-periti li taw servizzi lil kunsilli lokali mill-bidu tat-terminu tal-kunsill lokali u jgħid ukoll kif kienu ġew ingaġġati f'kull każ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Onor. Interpellant tifhem li mistoqsija parlamentari ta' din ix-xorta li tkopri terminu ta' żmien ta' 30 sena tinvolvi ammont vast ta' riżorsi u ħin, liema riżorsi u ħin jistgħu effetivament jiġu utilizzati b'mod ferm aktar produttiv.

Għaldaqstant ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tkun aktar speċifika fil-mistoqsija tagħha.

**TAS-SLIEMA – TRIQ IL-KBIRA – XOGĦLIJIET**

**14129. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq il-Kbira (High Street), tas-Sliema u meta din ser tinfetaħ għat-traffiku?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa ser jiġu ffinalizzati sal-aħħar ta' din is-sena filwaqt li hu previst li x-xogħol taż-żewġ fażijiet l-oħra ser jiġu konklużi f'April 2024.

**ARKIVJI NAZZJONALI**

**14133. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonferma mad-Dipartiment ikkonċernat jew entitajiet oħrajn li jaqgħu taħtu li qed jużaw art mikrija lill-Arkivji Nazzjonali biex fuqha jinbena l-Arkivju Nazzjonali ġdid? Jista' jgħid ukoll għaliex l-Arkivji Nazzjonali mhuwiex jitħalla jimxi bil-proġett imwiegħed li huwa dak li jibni l-Arkivju Nazzjonali ġdid?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**L-GĦARB – TRIQ ALBERT W. KETELBY – XOGĦLIJIET**

**14139. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsir it-tarmak u l-culverts tal-ilma fi Triq Albert W. Ketelby, fl-Għarb?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex għadda l-fondi lill-Kunsill Lokali biex din it-triq tkun tista' ssir.

*** Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari nru 12721**

| | Females | | | | | Males | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Age Group | | | | | Age Group | | | | | |
| **Year** | **<25** | **25-44** | **45-64** | **>65** | **F total** | **<25** | **25-44** | **45-64** | **>65** | **M Total** | **Grand Total** |
| 2018 | 45 | 42 | 28 | 7 | 122 | 27 | 40 | 17 | 9 | 93 | 215 |
| 2019 | 41 | 23 | 35 | 5 | 104 | 21 | 46 | 16 | 12 | 95 | 199 |
| 2020 | 40 | 44 | 36 | 9 | 129 | 42 | 41 | 22 | 10 | 115 | 244 |
| 2021 | 38 | 42 | 19 | 6 | 105 | 28 | 44 | 28 | 9 | 109 | 214 |
| 2022 | 23 | 28 | 11 | 4 | 66 | 20 | 26 | 14 | 3 | 63 | 129 |
| 2023 (Jan-July) | 18 | 20 | 7 | 3 | 48 | 4 | 17 | 5 | 2 | 28 | 76 |

** Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari nru 14017**

| Xahar | Lokalità | Inċidenti b'feriti gravi rappurtati mal-Pulizija | Inċidenti b'feriti ħfief rappurtati mal-Pulizija | Inċidenti oħra rappurtati mal-LESA | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| **Jannar** | Mġarr | 0 | 1 | 0 | 1 |
| | Naxxar | 0 | 3 | 3 | 6 |
| | Mellieħa | | | 2 | 2 |
| | San Pawl il-Baħar | 1 | 1 | 1 | 3 |
| **Total** | | **1** | **5** | **6** | **12** |
| | | | | | |
| **Frar** | Naxxar | 1 | 0 | 2 | 3 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 1 | 3 | 4 |
| **Total** | | **1** | **1** | **5** | **7** |
| | | | | | |
| **Marzu** | Mellieħa | 0 | 1 | 2 | 3 |
| | Naxxar | 5 | 2 | 3 | 10 |
| | San Pawl il-Baħar | 2 | 2 | 6 | 10 |
| **Total** | | **7** | **5** | **11** | **33** |
| | | | | | |
| **April** | Mellieħa | 1 | 0 | 2 | 3 |
| | Mġarr | 0 | 1 | | 1 |
| | Naxxar | 1 | 1 | 2 | 4 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 3 | 4 | 7 |
| **Total** | | **2** | **5** | **8** | **15** |
| | | | | | |
| **Mejju** | Naxxar | 0 | 1 | 7 | 8 |
| | Mġarr | | | 1 | 1 |
| | Mellieħa | | | 2 | 2 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 3 | 2 | 5 |
| **Total** | | **0** | **4** | **12** | **16** |
| | | | | | |
| **Ġunju** | Mġarr | 0 | 1 | | 1 |
| | Mellieħa | | | 1 | 1 |
| | Naxxar | 1 | 1 | 2 | 4 |
| | San Pawl il-Baħar | 2 | 2 | 5 | 9 |
| **Total** | | **3** | **4** | **8** | **15** |
| | | | | | |
| **Lulju** | Mellieħa | 1 | 1 | 5 | 7 |
| | Mġarr | | | 2 | 2 |
| | Naxxar | | | 3 | 3 |
| | San Pawl il-Baħar | 1 | 3 | 4 | 8 |
| **Total** | | **2** | **4** | **14** | **20** |
| | | | | | |
| **Awwissu** | Mellieħa | 1 | 1 | 1 | 3 |
| | Mġarr | | | 1 | 1 |
| | Naxxar | 2 | 0 | 3 | 5 |
| | San Pawl il-Baħar | 2 | 2 | 8 | 12 |
| **Total** | | **5** | **3** | **13** | **21** |
| | | | | | |
| **Settembru** | Mellieħa | 1 | 1 | 1 | 3 |
| | Mġarr | 1 | 0 | 0 | 1 |
| | Naxxar | 0 | 2 | 6 | 8 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 2 | 11 | 13 |
| **Total** | | **2** | **5** | **18** | **25** |
| | | | | | |
| **Ottubru** | Mġarr | 0 | 2 | 3 | 5 |
| | Mellieħa | | | 2 | 2 |
| | Naxxar | 4 | 3 | 3 | 10 |
| | San Pawl il-Baħar | 2 | 1 | 7 | 10 |
| **Total** | | **6** | **6** | **15** | **27** |
| **Total kollu** | | **29** | **42** | **110** | **181** |